

Brussell, 11 ta' Frar 2022
(OR. en)

6170/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0032(COD)

COMPET 84
IND 34
MI 103
RC 9
RECH 74
TELECOM 51
FIN 149
CADREFIN 12
CODEC 140

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Frar 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 46 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi (l-Att dwar iċ-Ċipep)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 46 final.

Mehmuż: COM(2022) 46 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.2.2022
COM(2022) 46 final

2022/0032 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jistabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tisih tal-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi
(l-Att dwar iċ-Ċipep)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Iċ-ċipep tas-semikondutturi huma essenzjali għall-ekonomija diġitali. Il-prodotti diġitali jaħdmu bis-saħħa tagħhom: mill-ismartphones u l-karozzi, sal-applikazzjonijiet u l-infrastrutturi kritiċi fl-oqsma tas-saħħa, l-enerġija, il-komunikazzjonijiet u l-awtomatizzazzjoni u l-biċċa l-kbira tas-setturi industrijali l-oħrajn. Huma wkoll kruċjali għat-teknoloġiji tal-futur, inkluż l-intelliġenza artifiċjali (AI) u l-komunikazzjoni bil-5G/6G. Ma jeżisti l-ebda “diġitali” mingħajr iċ-ċipep.

Fl-aħħar sena, l-Ewropa rat tfixkil fil-provvista taċ-ċipep, u dan ikkawża nuqqasijiet f' bosta setturi ekonomiċi u konsegwenzi soċjetali potenzjalment serji. Dan it-tfixkil fil-provvista jhedded haġna setturi Ewropej, inkluż is-setturi tal-karozzi, l-enerġija, il-komunikazzjoni u s-saħħa, u setturi strateġiċi bħad-difiża, is-sigurtà u l-ispazju. Fl-istess ħin, fis-suq bdew jidhru ċipep foloz li jikkompromettu s-sigurtà tal-apparati u s-sistemi elettroniċi.

Il-kriżi attwali kixfet il-vulnerabbiltajiet strutturali tal-ktajjen tal-valur Ewropej. L-iskarsezzi dinjin tas-semikondutturi kixfu d-dipendenza Ewropea fuq il-provvista minn għadd limitat ta' kumpaniji u ġeografiji, u l-vulnerabbiltà tagħha għar-restrizzjonijiet tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi u tfixkil ieħor fil-kuntest ġeopolitiku attwali. Barra minn hekk, din id-dipendenza tkompli tigrava minħabba ostakli għad-dħul estremament għoljin u l-intensità kapitali tas-settur. Pereżempju, l-aktar ċipep b'saħħithom mil-lat komputazzjonali jeħtieġu manifattura ta' preċiżjoni ta' f'it nanometri (nm)¹. Il-bini ta' dawn il-faċilitajiet jeħtieġu investiment bil-quddiem ta' mill-inqas EUR 15-il biljun² u hemm bżonn ta' tliet snin biex l-produzzjoni tkun imħejjija b'rendimenti adegwati³. In-nefġiet għad-disinjar ta' dawn iċ-ċipep jistgħu jvarjaw minn EUR 0,5 biljun għal ferm aktar minn EUR 1,0 biljun. L-intensità tar-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) fis-settur hija qawwija u aktar minn 15%⁴.

Illum, l-atturi Ewropej jinvestu l-aktar fir-R&Ż, iżda dan mhuwiex biżżejjed biex ir-riżultati tagħha jissarrfu f'benefiċċji industrijali. Tali R&Ż hu faċilitatur ewlieni tal-minjaturizzazzjoni fit-teknoloġiji tas-semikondutturi meħtieġa għall-produzzjoni ta' ċipep b'saħħithom mil-lat komputazzjonali tal-ġenerazzjoni li jmiss. L-Ewropa għandha organizzazzjonijiet tar-riċerka u tat-teknoloġija (RTOs) li huma fost l-aqwa fid-dinja. Iżda haġna riżultati tar-R&Ż Ewropej jintużaw b'mod industrijali barra mill-Unjoni.

L-Unjoni hija b'saħħitha fid-disinjar tal-komponenti tas-semikondutturi għall-elettronika tal-potenza, il-frekwenza tar-radju u l-apparat analogu, is-sensuri u l-mikrokontrolluri li llum għandhom użu mifruż fl-industriji tal-karozzi u tal-manifattura. Hija inqas b'saħħitha fid-disinjar tal-loġika diġitali (proċessuri u memorja), li ssir essenzjali jekk id-*data*, l-AI u l-konnettività jsiru dejjem aktar mifrużin.

¹ Fil-manifattura tas-semikondutturi, it-teknoloġija tal-proċessi tradizzjonalment kienet korrelata mad-dimensjoni tat-tranżisturi. In-“nodu” tal-proċess jitkejjel bin-nanometri (nm); nanometru = wieħed minn biljun ta' metru. Nodi tal-proċess iżgħar jipproduċu tranżisturi iżgħar, li huma aktar veloċi u aktar effiċjenti fl-enerġija. Illum, l-aktar nodu tal-proċess avanzat hu 5 nm, 3 nm waqt il-preproduzzjoni, u 2 nm waqt il-produzzjoni.

² <https://news.samsung.com/global/samsung-electronics-announces-new-advanced-semiconductor-fab-site-in-taylor-texas>, 24.11.2021.

³ <https://semianalysis.substack.com/p/tsmc-3nm-wafer-shipments-pushed-into>, 14.10.2021

⁴ <https://min.news/en/tech/def29226dea2b06f47efea4aae13e8f3.html>, 22.01.2022

L-Unjoni tinsab f'pożizzjoni tajba ħafna wkoll fejn jidħlu l-materjali u t-tagħmir meħtieġa għat-tmexxija ta' impjanti kbar tal-manifattura taċ-ċipep, u ħafna kumpaniji jaqdu rwoli essenzjali tul il-katina tal-provvista. Għandha setturi tal-utenti industrijali sodi u diversifikati, eż. l-awtomatizzazzjoni industrijali, il-kura tas-saħħa, l-enerġija, il-komunikazzjoni, eċċ., Iżda l-kollaborazzjoni tul il-katina tal-valur hija dgħajfa.

Il-valur tas-sehem tal-Unjoni mis-suq dinji kumplessiv tas-semikondutturi hu 10%⁵, jiġifieri ferm anqas mill-piż ekonomiku tal-Unjoni. Minkejja l-pożizzjoni dinjija b'saħħitha tagħha fil-manifattura tal-materjali u tat-tagħmir, l-Unjoni tiddependi ħafna fuq fornituri minn pajjiżi terzi għad-disinjar, il-manifattura, l-imballaġġ, l-ittestjar u l-assemblaġġ taċ-ċipep.

Illum, is-semikondutturi jinsabu fiċ-ċentru ta' interessi ġeostrateġiċi kbar u fil-qalba tat-tellieqa teknoloġika dinjija. Il-pajjiżi huma ħerqana li jiżguraw il-provvista tagħhom fl-aktar ċipep avvanzati għax din tikkundizzjona l-kapaċità tagħhom li jaġixxu (mil-lat ekonomiku, industrijali u militari) u li jixprunaw it-trasformazzjoni diġitali. Ir-reġjuni ewlenin kollha tad-dinja qed jinvestu ħafna u qed jimplimentaw miżuri ta' appoġġ biex jinnovaw u jsaħħu l-kapaċitajiet tal-produzzjoni tagħhom.

L-Unjoni għandha l-assi biex issir mexxejja industrijali fis-suq taċ-ċipep tal-futur. L-ambizzjoni tagħha hija li sal-2030 tirdoppja l-valur tas-sehem tal-produzzjoni dinji tagħha b'20%⁶. L-għan mhuwiex biss li jitnaqqsu d-dipendenzi, iżda anke li jinħatfu l-opportunitajiet ekonomiċi peress li s-suq dinji tas-semikondutturi mistenni jirdoppja qabel tmiem id-deċennju, u b'hekk iżid il-kompetittività tal-ekosistema tas-semikondutturi, u tal-industrija b'mod ġenerali, bi prodotti innovattivi għaċ-ċittadini Ewropej.

Fis-suq qed ifeġġu xejriet u opportunitajiet ġodda. Il-kumpaniji tas-semikondutturi qed jikkollaboraw dejjem aktar fid-disinjar ta' ċipep adattati għal użi u utenti speċifiċi ma' kumpaniji tal-utenti finali biex itejbu l-prestazzjoni tas-sistema bl-ottimizzazzjoni tal-hardware u s-software. L-AI, l-edge cloud u t-trasformazzjoni diġitali tas-setturi industrijali joffru opportunitajiet ġodda għall-kompetittività futura tat-tmexxija teknoloġika u industrijali Ewropea.

Fl-istess ħin, it-teknoloġija qed tevolvi b'mod kostanti. Il-minjaturizzazzjoni qed tkompli tiżviluppa lejn dimensjonijiet ta' nodi iċken fit-teknoloġiji tal-proċessi mainstream (FinFET u FDSOI) b'mod simili għar-regola ta' Moore⁷, filwaqt li teżisti domanda qawwija għal soluzzjonijiet aktar effiċjenti fl-enerġija biex jiġi żgurat li l-impronta tal-ipproċessar, li kulma jmur qed tiżdied, tibqa' sostenibbli. Il-paradigmi emerġenti fil-qasam tal-computing, bħall-computing newromorfiku u t-teknoloġiji kwantistiċi huma teknoloġiji promettenti għal oqsma ġodda ta' applikazzjonijiet. Materjali ġodda bħall-karbur tas-siliċju (SiC) u n-nitru tal-gallju (GaN) huma essenzjali għall-ġestjoni tal-enerġija, eż. l-użu ottimali tal-enerġija mill-batteriji, b'mod partikolari għall-vetturi elettriċi ta' kull tip u għall-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli.

⁵ Strengthening the Global Semiconductor Supply Chain in an uncertain era, BCGxSIA, April 2021. <https://www.bcg.com/publications/2021/strengthening-the-global-semiconductor-supply-chain>

⁶ Il-Kumpass Diġitali stabbilixxa bħala objettiv li sal-2030 "il-produzzjoni ta' semikondutturi mill-aktar avvanzati u sostenibbli fl-Ewropa, inkluż il-proċessuri, tkun mill-inqas 20% tal-produzzjoni dinjija bħala valur" (COM(2021) 118, 9.3.2021). Il-Proposta għall-Programm ta' Politika tal-2030 "Perkors għad-Deċennju Diġitali" riaffermat din l-ambizzjoni (ara n-nota 15 f'qiegħ il-paġna).

⁷ Ir-regola ta' Moore hija l-osservazzjoni li l-għadd ta' tranżisturi f'ċirkwit integrat jirdoppja bejn wieħed u ieħor kull sentejn.

Dan il-memorandum ta' spjegazzjoni meħmuż mal-proposta **għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema tas-semikondutturi fl-Unjoni (l-Att dwar iċ-Ċipep)**.

Din il-proposta twettaq l-impenn politiku tal-President von der Leyen li fid-diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni 2021 ħabbret li l-għan hu li tinħoloq, b'mod konġunt, ekosistema Ewropea taċ-ċipep mill-aktar avvanzata, inkluż il-produzzjoni⁸. Il-viżjoni strateġika sottostanti tal-proposta għat-tisħiħ tal-ekosistema tas-semikondutturi tal-Ewropa hija spjegata fil-Komunikazzjoni ta' akkumpanjament⁹.

Sabiex titwettaq din il-viżjoni, l-Istrateġija Ewropea dwar iċ-Ċipep hija msejsa fuq ħames objettivi strateġiċi:

- L-Ewropa jenħtieġ li ssaħħa it-tmexxija tagħha fir-riċerka u t-teknoloġija;
- L-Ewropa jenħtieġ li tibni u ssaħħa il-kapaċità tagħha stess li tkun innovattiva fid-disinjar, fil-manifattura u fl-imballaġġ ta' ċipep avvanzati, u li tittrasformahom fi prodotti kummerċjali;
- L-Ewropa jenħtieġ li tistabbilixxi qafas adegwat biex, sal-2030 tkun żiedet b'mod sostanzjali l-kapaċità tal-produzzjoni tagħha;
- L-Ewropa jenħtieġ li tindirizza l-iskarsezzi akuti fil-ħiliet, tattira talent ġdid u tappoġġa l-ħolqien ta' forza tax-xoġhol b'ħiliet speċjalizzati;
- L-Ewropa jenħtieġ li tiżviluppa fehim fil-fond tal-ktajjen tal-provvista globali tas-semikondutturi.

Il-proposta għandha l-għan li tilħaq l-objettiv strateġiku li żżid ir-reżiljenza tal-ekosistema tas-semikondutturi tal-Ewropa u li żżid is-sehem tagħha fis-suq globali. Għandha wkoll l-għan li tiffaċilita l-adozzjoni bikrija ta' ċipep ġodda min-naħa tal-industrija Ewropea u li żżid il-kompetittività tagħha. Għal dan il-għan, jeħtieġ li tattira l-investment f'faċilitajiet ta' produzzjoni innovattivi, ikollha forza tax-xoġhol b'ħiliet speċjalizzati, iżda tkun ukoll fil-pożizzjoni li tiddisinja u tipproduċi l-aktar ċipep avvanzati li se jiddefinixxu s-swieq tal-futur, tiżviluppa l-kapaċitajiet u jkollha l-possibiltà li tittestja u toħloq prototipi ta' disinji innovattivi permezz ta' linji pilota b'kollaborazzjoni mill-qrib mas-setturi industrijali vertikali tagħha. Dawn huma passi meħtieġa, iżda mhux suffiċjenti sakemm l-Unjoni ma jkollhiex il-kapaċità analitika li żżid l-għarfien ta' dawk li jfasslu l-politika dwar il-katina tal-valur u tkun kapaċi tibbenefika minn kapaċità akbar biex isservi l-interess komuni tas-suq uniku f'każ ta' kriżi. L-objettiv ma huwiex li ssir awtosuffiċjenti, li mhix mira li tista' tinkiseb. Irridu nsaħħu fejn diġà neċċellaw, niżviluppaw punti ta' saħħa ġodda u naħdmu ma' pajjiżi terzi f'katina tal-provvista fejn l-interdipendenzi se jibqgħu b'saħħithom.

Mil-lat ta' twettiq ta' dawn l-objettivi, il-proposta se jkollha l-għan li:

- **Tistabbilixxi l-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa**, biex tappoġġa l-bini tal-kapaċità teknoloġika fuq skala kbira u l-innovazzjoni fl-Unjoni kollha biex tippermetti l-iżvilupp u t-tħejjija għall-użu ta' teknoloġiji tas-semikondutturi u kwantistiċi avvanzati u tal-ġenerazzjoni li jmiss li jsaħħu il-kapaċitajiet u l-ħiliet avvanzati tal-Unjoni f'dak li jikkonċerna d-disinjar, l-integrazzjoni tas-sistemi, u l-produzzjoni taċ-ċipep, inkluż enfasi fuq in-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu (pilastru 1, "Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa").

⁸ Diskors tal-Istat tal-Unjoni 2021, https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/soteu_2021_address_mt_0.pdf

⁹ COM(2022) 45, 08.02.2022. Att dwar iċ-Ċipep għall-Ewropa.

B'mod partikolari, l-Inizjattiva se tibni pjattaforma innovattiva għad-disinjar virtwali biex issaħħaħ il-kapaċità tad-disinjar tal-Ewropa, li se tkun aċċessibbli b'mod miftuħ, mhux diskriminatorju u trasparenti. Il-pjattaforma se tistimula kooperazzjoni wiesgħa tal-komunitajiet tal-utenti ma' soċjetajiet tad-disinjar, negozji ġodda u SMEs, is-settur tal-proprjetà intellettwali (IP) u l-fornituri tal-għodod, d-disinjurati u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u tat-teknoloġija, u se tintegra faċilitajiet għad-disinjar kemm eżistenti kif ukoll ġodda ma' libreriji estiżi u għodod EDA¹⁰.

L-Inizjattiva se tappoġġa linji pilota li jipprovdu l-mezzi biex il-partijiet terzi jkunu jistgħu jittestjaw, jivvalidaw u jiżviluppaw ulterjorment id-disnji tal-prodott tagħhom b'mod miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju. L-iżvilupp ta' linji pilota avvanzati ġodda se jħejji għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' kapaċitajiet ta' produzzjoni u l-validazzjoni tagħhom.

Barra minn hekk, l-Inizjattiva se tikkontribwixxi għall-bini ta' kapaċitajiet avvanzati fit-teknoloġija u fl-inġinerija għall-aċċellerazzjoni tal-iżvilupp innovattiv taċ-ċipep kwantistiċi, eż. fil-forma ta' libreriji għad-disinjar taċ-ċipep kwantistiċi, il-linji pilota, u l-faċilitajiet għall-ittejtjar u l-esperimentazzjoni.

L-Inizjattiva se tappoġġa network ta' ċentri ta' kompetenza madwar l-Unjoni li se jipprovdu għarfien espert lill-partijiet ikkonċernati, inkluż l-SMEs tal-utenti finali, in-negozji ġodda kif ukoll is-setturi vertikali, u jtejbu l-ħiliet tagħhom. Iċ-ċentri ta' kompetenza se jiffaċilitaw l-aċċess miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju għall-infrastruttura tad-disinjar u l-linji pilota kif ukoll l-użu effikaċi tagħhom. Dawn se jsiru punti ta' attrazzjoni għall-innovazzjoni u għal talent ġdid b'livell għoli ta' ħiliet.

Minbarra l-Inizjattiva, l-attivitajiet biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament b'dejn u l-ekwità fil-katina tal-valur tas-semikondutturi, li għandhom jiġu deskritti kollettivament bħala l-“Fond għaċ-Ċipep”, jenħtieġ li jappoġġaw l-iżvilupp ta' ekosistema tas-semikondutturi dinamika u reżiljenti billi jipprovdu opportunitajiet għal disponibbiltà akbar ta' fondi għas-sostenn tat-tkabbir ta' negozji ġodda, negozji li qed jespandu u SMEs kif ukoll investimenti fil-katina tal-valur, fosthom għall-kumpaniji fil-ktajjen tal-valur tas-semikondutturi potenzjalment permezz ta' finanzjament imħallat iprovdut mill-Inizjattiva.

- **Toħloq qafas biex tiżgura s-sigurtà tal-provvista** billi tattira investimenti u kapaċitajiet ta' produzzjoni mtejba fil-manifattura tas-semikondutturi kif ukoll l-imballaġġ, l-ittejtjar, u l-assemblaġġ avvanzat permezz ta' Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata u Fonderiji Miftuħa tal-UE li huma l-ewwel tat-tip tagħhom (pilastru 2, “Sigurtà tal-provvista”).

B'mod partikolari, il-proposta tiddefinixxi kriterji għall-iffaċilitar tal-implimentazzjoni ta' proġetti speċifiċi li jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-provvista tas-semikondutturi fl-Unjoni. Għal dan il-għan, din tiddistingwi bejn żewġ tipi ta' faċilitajiet li huma l-ewwel tat-tip tagħhom¹¹, jiġifieri Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata u Fonderiji Miftuħa tal-UE¹². Jekk

¹⁰ Għodod Elettroniċi għad-Disinjar Awtomatizzat, jiġifieri għodod software għad-disinjar taċ-ċirkwiti integrati.

¹¹ “Faċilità li hi l-ewwel tat-tip tagħha” tfisser faċilità industrijali li kapaċi timmanifattura semikondutturi, inkluż dawk front-end jew back-end jew it-tnejn li huma, li mhix diġà preżenti b'mod sostanzjali jew b'impenn li tinbena fl-Unjoni, pereżempju fir-rigward tan-nodu tat-teknoloġija, il-materjal tas-substrat, bħall-karbur tas-siliċju u n-nitru tal-gallju, u innovazzjoni oħra fil-prodotti li tista' toffri prestazzjoni aħjar, innovazzjoni tal-proċessi aħjar jew prestazzjoni aħjar f'dak li jikkonċerna l-enerġija u l-ambjent.

¹² Il-Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata huma faċilitajiet ta' disinn u manifattura tas-semikondutturi li huma l-ewwel tat-tip tagħhom, inkluż dawk front-end u back-end, jew it-tnejn li huma, fl-Unjoni li jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-provvista għas-suq intern. Il-Fonderiji Miftuħa tal-UE huma l-ewwel faċilitajiet tal-manifattura ta' semikondutturi front-end jew back-end, it-tnejn li huma, tat-tip tagħhom fl-Unjoni li joffru

applikazzjoni minn faċilità li għandha tiġi rikonoxxuta bħala waħda miż-żewġ tipi ta' faċilitajiet li huma l-ewwel tat-tip tagħhom tkun ta' suċċess, il-proposta tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw l-ipproċessar effiċjenti tal-applikazzjonijiet amministrattivi relatati mal-ippjanar, il-bini u l-operat ta' faċilità li hija l-ewwel tat-tip tagħha rikonoxxuta.

Bi tweġiba għall-ħtieġa dejjem akbar għal ktajjen tal-provvista ċiber-reziljenti¹³, il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri u mal-atturi privati biex tidentifika rekwiżiti settorjali għal ċipep fdati bil-ħsieb li jiġu stabbiliti standards u ċertifikazzjoni komuni, kif ukoll rekwiżiti komuni għall-akkwist, li għandhom jiġu żviluppatti bl-appoġġ tal-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni fejn xieraq u filwaqt li jitqiesu l-prinċipji tal-Qafas Leġiżlattiv il-Ġdid għall-valutazzjoni tal-konformità u s-sorveljanza tas-suq.

- **Il-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni** għat-tisħiħ tal-kollaborazzjoni mal-Istati Membri u bejniethom, il-monitoraġġ tal-provvista tas-semikondutturi, l-istima tad-domanda, l-antiċipazzjoni tan-nuqqasijiet, l-attivazzjoni ta' fażi ta' kriżi u l-azzjoni permezz ta' sett ta' għodod iddedikat ta' miżuri (pilastru 3, "Monitoraġġ u Rispons għall-Kriżijiet").
- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta hija koerenti mal-viżjoni, il-miri u l-approċċi diġitali ġenerali tal-Kummissjoni għal trasformazzjoni diġitali ta' suċċess tal-Unjoni Ewropea sal-2030 kif ippreżentat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali" ("Komunikazzjoni dwar il-Kumpass Diġitali")¹⁴ u l-proposta sussegwenti tal-Kummissjoni għall-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Digitali¹⁵, bil-mira partikolari fuq is-semikondutturi. Din il-proposta hija maħsuba biex tgħin fl-attrezzar tal-Unjoni bil-kapaċitajiet li se jkunu meħtieġa biex tilħaq il-mira tagħha għall-2030.

Din il-proposta hija konsistenti mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li taġġorna l-istrateġija industrijali l-ġdida tal-2020¹⁶ f'Mejju 2021 li tidentifika oqsma ta' dipendenzi strateġiċi li jistgħu jwasslu għal vulnerabbiltajiet bħalma hu n-nuqqas ta' provvista. Il-proposta tindirizza l-isfidi tad-disinjar, tal-manifattura, tal-imballaġġ, tal-ittestjar u tal-assemblaġġ identifikati fil-Komunikazzjoni u fid-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjaha. Il-Komunikazzjoni tħabbar l-Alleanza Industrijali dwar il-Proċessuri u t-Teknoloġiji tas-Semikondutturi (Alleanza)¹⁷ biex tidentifika l-lakuni fil-produzzjoni tal-mikroċipep u l-iżviluppi teknoloġiċi meħtieġa biex il-kumpaniji u l-organizzazzjonijiet jirnexxu, issaħħaħ il-kompetittività tal-kumpaniji, iżżid is-sovranità diġitali tal-Ewropa, u tindirizza d-domanda għall-ġenerazzjoni li

kapaċità ta' produzzjoni lil impriżi mhux relatati u b'hekk jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-provvista għas-suq intern.

¹³ L-UE kienet fil-mira ta' 31% tal-attakki ċibernetiċi li saru fl-2020, <https://www.ibm.com/security/data-breach/threat-intelligence>

¹⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali, COM(2021) 118, 9.3.2021.

¹⁵ COM(2021) 574 final. Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 "Il-Perkors għad-Deċennju Diġitali". 15.9.2021.

¹⁶ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, "Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa" COM(2021) 350 final.

¹⁷ Il-Kummissjoni nediet l-Alleanza Industrijali dwar il-Proċessuri u t-Teknoloġiji tas-Semikondutturi f'Lulju 2021, <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/policies/alliance-processors-and-semiconductor-technologies>.

jmiss ta' ċipep u proċessuri sikuri, effiċjenti fl-enerġija u b'saħħithom. Fil-kuntest ta' dan ir-Regolament, l-Alleanza se jkollha rwol konsultattiv.

Din il-proposta hija konsistenti wkoll mal-istrategġija ta' standardizzazzjoni tal-Kummissjoni¹⁸ u mal-Programm ta' Ħidma Annwali tal-Unjoni għall-istandardizzazzjoni Ewropea tal-2022¹⁹ li ġew adottati fit-2 ta' Frar 2022. Huma jipprevedu l-iżvilupp ta' standards għaċ-ċertifikazzjoni taċ-ċipep mil-lat ta' sigurtà, awtentiċità u affidabbiltà.

Din il-proposta tqis ukoll l-oġettivi tal-Osservatorju għat-Teknoloġiji Kritiċi²⁰, li għandu l-għan li jgħin fl-identifikazzjoni tad-dipendenzi strateġiċi diġitali attwali u futuri tal-Unjoni u jikkontribwixxi għat-tisħiħ tas-sovraniċità diġitali tagħha.

Din il-proposta tindirizza l-isfidi uniċi u speċifiċi għas-settur tal-katina tal-provvista tas-semikondutturi u hija inizjattiva separata mill-“Istrument għas-Suq Uniku f'Emerġenza” li l-Kummissjoni pjanat li tħabbar fl-istrategġija industrijali aġġornata tagħha.

Din il-proposta tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni dwar Inizjattiva Ewropea dwar il-Proċessuri u t-Teknoloġiji tas-Semikondutturi, iffirmata minn 22 Stat Membru fis-7 ta' Diċembru 2020²¹. Fid-dikjarazzjoni, it-22 Stat Membru qablu li “jwettqu sforzi partikolari biex isaħħu l-ekosistema tas-semikondutturi u biex jespandu l-preżenza industrijali tul il-katina tal-provvista.” L-Istati Membri qablu wkoll li “jaħdmu lejn standards komuni u, fejn xieraq, ċertifikazzjoni għal apparat elettroniku affidabbli, kif ukoll rekwiżiti komuni għall-akkwist ta' ċipep siguri u sistemi inkorporati f'applikazzjonijiet li jiddependu fuq it-teknoloġija taċ-ċipep jew jagħmlu użu estensiv minnha.” Din il-proposta hija konsistenti ma' dawn l-oġettivi.

Barra minn hekk, il-proposta hija konformi mal-Komunikazzjoni reċenti “Politika tal-kompetizzjoni adatta għal sfidi ġodda”, fejn il-Kummissjoni tirrikonoxxi li tista' “tipprevedi l-approvazzjoni tas-sostenn pubbliku biex jimteww lakuni possibbli fil-finanzjament fl-ekosistema tas-semikondutturi għall-istabbiliment b'mod partikolari ta' faċilitajiet Ewropej li huma l-ewwel tat-tip tagħhom fl-Unjoni, abbażi tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE. Tali għajnuna jkollha tkun soġġetta għal salvagwardji b'saħħithom biex jiġi żgurat li l-għajnuna tkun meħtieġa, xierqa u proporzjonata, it-tfixil tal-kompetizzjoni bla bżonn jiġi mminimizzat, u li l-benefiċċji jiġu kondiviżi b'mod wiesa' u mingħajr diskriminazzjoni fl-ekonomija Ewropea kollha.”²²

L-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa se tiġbor flimkien ir-riżorsi mill-Unjoni, mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi assoċjati mal-programmi eżistenti tal-Unjoni, kif ukoll mis-settur privat.

L-azzjonijiet tal-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa se jiġu implimentati primarjament bl-Impriża Konġunta taċ-Ċipep, jiġifieri l-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin li ġiet emendata u msemmija mill-ġdid.²³ Din l-Impriża Konġunta bħalissa tipprovdi appoġġ

¹⁸ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni “Strategġija tal-UE dwar l-Istandardizzazzjoni - L-istabbiliment ta' standards globali b'appoġġ għal suq uniku tal-UE reżiljenti, ekoloġiku u diġitali”, COM(2022) 31.

¹⁹ C(2022) 546 Avviż tal-Kummissjoni - Il-programm ta' ħidma annwali tal-Unjoni għall-istandardizzazzjoni Ewropea għall-2022.

²⁰ COM(2021) 70, Pjan ta' Azzjoni għas-sinerġiji bejn l-industriji ċivili, tad-difiża, u spazjali.

²¹ Dikjarazzjoni konġunta dwar il-proċessuri u t-teknoloġiji tas-semikondutturi, is-7 ta' Diċembru 2020.

²² Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Politika ta' kompetizzjoni lesta għal sfidi ġodda, COM(2021)713, 18 ta' Novembru 2021.

²³ Ir-Regolament (UE) 2021/2085 tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2021 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta fil-qafas ta' Orizzont Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 219/2007, (UE) Nru 557/2014, (UE) Nru

estensiv għar-riċerka, l-iżvilupp tat-teknoloġija, u l-innovazzjoni mmexxija b'mod industrijali fil-qasam tal-komponenti u s-sistemi elettroniċi, u t-teknoloġiji tas-software u tas-sistemi relatati. Dawn l-attivitajiet se jsiru parti mill-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa.

L-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa tibni fuq u tikkumplimenta l-ħames objettivi speċifiċi tal-programm Ewropa Diġitali²⁴, li jappoġġaw il-bini tal-kapaċità diġitali f'oqsma diġitali ewlenin fejn it-teknoloġija tas-semikondutturi tipprovdi bażi għall-kisbiet fil-prestazzjoni, inkluż il-Computing ta' Prestazzjoni Għolja, l-Intelliġenza Artifiċjali u ċ-Ċibersigurtà, flimkien ma' żvilupp tal-ħiliet u t-tnejjija għall-użu ta' ċentri ta' innovazzjoni diġitali. L-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa permezz tal-Objettiv Speċifiku 6 l-ġdid, li jenħtieġ li jkollu fokus tematiku fuq it-teknoloġiji tas-semikondutturi, se tinvesti fil-bini tal-kapaċità biex issaħħaħ il-kapaċitajiet avvanzati tar-riċerka, tad-disinjjar, tal-produzzjoni u tal-integrazzjoni tas-sistemi fit-teknoloġiji tas-semikondutturi mill-aktar avvanzati u tal-ġenerazzjoni li jmiss.

L-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa tibni wkoll fuq, u tikkumplimenta, il-programm Orizzont Ewropa²⁵, li fil-qasam tas-semikondutturi jipprovdi appoġġ għar-riċerka, l-iżvilupp tat-teknoloġija u l-innovazzjoni xprunati mill-akkademja. L-Inizjattiva se tiffoka fuq l-appoġġ tal-investment f'infrastrutturi tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni transfruntieri u aċċessibbli b'mod miftuħ stabbiliti fl-Unjoni biex tippermetti l-iżvilupp ta' teknoloġiji tas-semikondutturi fl-Ewropa kollha. It-teknoloġiji ġodda tas-semikondutturi mill-azzjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni appoġġati minn Orizzont Ewropa jistgħu jiġu adottati u użati b'mod progressiv minn dawk il-partijiet tal-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa relatati mal-bini tal-kapaċitajiet. Min-naħa l-oħra, il-kapaċitajiet teknoloġiċi tal-Inizjattiva se jkun disponibbli għall-komunità tar-riċerka u l-innovazzjoni, fosthom għal azzjonijiet appoġġati permezz ta' Orizzont Ewropa.

Din il-proposta hija pprovduta fid-dawl tal-opportunitajiet offruti mill-programm InvestEU²⁶ u l-kontribut sinifikanti għat-trasformazzjoni diġitali pprovdut mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza²⁷, li għalihom minn tal-inqas 20% tal-fondi jridu jikkontribwixxu għal objettivi diġitali. Din il-proposta hija konsistenti wkoll mal-Istrateġija dwar l-Unjoni tas-Sigurtà²⁸.

Sabiex titħaffef l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet, l-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa tipprevedi strument legali ġdid – il-Konsorzju Ewropew għall-Infrastruttura relatata maċ-Ċipep – li hu żviluppat speċifikament biex jissimplifika u jistruttura r-relazzjonijiet legali bejn il-membri tal-konsorzju privat pubbliku, inkluż b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u tat-teknoloġija, u tipprovdi djalogu strutturali mal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-Inizjattiva. Dan l-istrument legali l-ġdid huwa volontarju u se jikkumplimenta s-sett ta' għodod ta' diversi strumenti legali oħra tal-Unjoni, inkluż il-Konsorzju Ewropew għall-Infrastruttura Diġitali¹⁵, li jippermettu li jiġu kkombinati l-finanzjament mill-Istati Membri, il-baġit tal-Unjoni, u l-investimenti privati. L-entitajiet ġuridiċi, meta jiffurmaw

558/2014, (UE) Nru 559/2014, (UE) Nru 560/2014, (UE) Nru 561/2014 u (UE) Nru 642/2014, ĠU L 427, 30.11.2021, p. 17.

²⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240, ĠU L 166, 11.5.2021, p. 1.

²⁵ Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

²⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30).

²⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

²⁸ Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà. COM(2020) 605 final.

konsorzju pubbliku-privat għall-finijiet tal-azzjonijiet ta' implimentazzjoni skont l-Inizjattiva, se jkollhom għażla fost l-istrumenti legali disponibbli tal-Unjoni li taqbel aħjar mal-iskop, il-kompożizzjoni u l-istabbiliment speċifiku ta' konsorzju partikolari. L-Impriża Konġunta taċ-Ċipep fdata bl-implimentazzjoni ġenerali ta' ċerti azzjonijiet ta' din l-Inizjattiva, tista' skont il-kundizzjonijiet previsti mill-Artikolu 134 tal-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2085 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunti permezz ta' Orizzont Ewropa, fir-rigward tal-Impriża Konġunta taċ-Ċipep²⁹ tippredvi li ċerti azzjonijiet jistgħu jitwettqu biss minn entitajiet legali li jikkooperaw fi ħdan konsorzju li jista' jkun strutturat f'forma ta' Konsorzju Ewropew għall-Infrastruttura relatata maċ-Ċipep, jew xi strument legali ieħor disponibbli tal-Unjoni li jista' jiffirma konsorzju.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-miżuri proposti jistgħu jappoġġaw xi wħud mill-politiki ewlenin tal-Unjoni, bħall-Patt Ekoloġiku³⁰. L-applikazzjoni ta' teknoloġiji tas-semikondutturi, u teknoloġiji diġitali b'mod ġenerali, hija element faċilitatur b'saħħtu għat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà u tista' twassal għal prodotti ġodda u modi ta' hídma aktar effiċjenti u effikaċi li jikkontribwixxu għall-obiettivi tal-Patt Ekoloġiku.

It-tfixkil fil-provvista tas-semikondutturi u d-dipendenzi fuq reġjuni oħra jistgħu jnaqqsu r-ritmu tat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà tas-setturi Ewropej li jibbenefikaw minn soluzzjonijiet diġitali. Biex tindirizza t-tfixkil u d-dipendenzi, il-proposta ssaħħaħ il-kapaċità tal-produzzjoni tas-semikondutturi tal-Ewropa. Fejn applikabbli, il-faċilitajiet jenħtieġ li jkunu konformi għalkollox mar-rekwiżiti li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni bħal dawk relatati mal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali, l-emissjonijiet fl-arja, fl-ilma u fil-ħamrija, inkluż ir-riskju u l-prevenzjoni ta' inċidenti industrijali, u jfittxu li jiżguraw effiċjenza għolja fl-użu tal-enerġija, ir-riżorsi u l-ilma. It-tisħiħ tal-kapaċità tal-produzzjoni jeħtieġ l-istabbiliment rapidu ta' faċilitajiet għall-manifattura tas-semikondutturi, li jistgħu b'mod eċċezzjonali jitqiesu bħala ta' interess pubbliku prevalenti fejn meħtieġ għal derogi fil-proċeduri għall-għoti ta' permessi, inkluż f'ċerti valutazzjonijiet ambjentali, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet l-oħra li jifdal stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti. Fl-istess ħin, il-kunċett ta' faċilitajiet li huma l-ewwel tat-tip tagħhom jinkludi kwalifika possibbli bbażata wkoll fuq il-prestazzjoni enerġetika jew ambjentali prevista tal-faċilità.

It-teknoloġiji diġitali, kemm meta jiġu manifatturati kif ukoll meta jintużaw għandhom l-impronta ambjentali tagħhom stess, inkluż mir-rilaxx ta' gassijiet serra fluworurati waqt il-manifattura sal-konsum enerġetiku sinifikanti tagħhom għall-produzzjoni tagħhom u matul l-użu tagħhom. Is-settur tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) huwa responsabbli għal 5-9% tal-użu totali tal-elettriku tad-dinja u għal aktar minn 2% tal-emissjonijiet kollha³¹. Iċ-ċentri tad-*data* waħedhom ammontaw għal 2,7% tad-domanda għall-elettriku fl-2018 fl-Unjoni u se jilhqqu 3,21% sal-2030, jekk l-iżvilupp ikompli fuq it-trajettorja attwali³². Dan il-konsum tal-enerġija jeħtieġ li jitnaqqas. Il-proposta, u b'mod partikolari l-istabbiliment ta' faċilitajiet tad-disinn u ta' linji pilota permezz tal-pilastru 1, se jwasslu għad-disinjar, l-ittestjar u l-ivvalidar ta' proċessuri ġodda b'livell baxx ta' enerġija. Il-proċessuri huma l-komponenti ewlenin tas-servers li jimmaniġġjaw l-ammont ta' xogħol

²⁹ COM(2022) 47, 08.02.2022.

³⁰ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew. COM(2019) 640, 11.12.2019.

³¹ Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-effiċjenza enerġetika (riformulazzjoni). COM(2021) 558, 14.7.2021.

³² <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/library/energy-efficient-cloud-computing-technologies-and-policies-eco-friendly-cloud-market>

komputazzjonali fiċ-ċentri tad-data. Ċentri tad-*data* akbar fihom miljuni ta' servers b'żal dawn u tiġib fil-konsum tal-enerġija tal-proċessuri jista' jkollu effett sinifikanti fuq il-konsum ġenerali tal-enerġija ta' ċentru tad-*data*. Dawn iċ-ċipep b'impronta tal-enerġija baxxa jikkontribwixxu wkoll għall-pożizzjonament tal-Unjoni bħala mexxejja fil-qasam tat-teknoloġiji diġitali sostenibbli.

Il-proposta tikkontribwixxi għall-oġettivi ta' partijiet mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55%" li jiffokaw fuq il-promozzjoni ta' vetturi u fjuwils aktar nodfa b'mod teknoloġikament newtrali³³. Ir-reviżjoni tal-istandards tal-emissjonijiet tas-CO₂ għal karozzi u vannijiet ġodda għandha l-għan li tkompli tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' dawn il-vetturi, filwaqt li tipprovdni perkors ċar u realistiku lejn mobbiltà b'emissjonijiet zero. Id-domanda tal-konsumaturi għal vetturi b'emissjonijiet zero, bħal vetturi li jistgħu jiġu ċċarġjati bl-elettriku, diġà qiegħda tiżdied³⁴. Il-vetturi li jistgħu jiġu ċċarġjati bl-elettriku tipikament ikollhom aktar minn darbtejn l-ammont ta' kontenut ta' semikondutturi għal kull vettura milli jkollhom il-karozzi b'magni b'kombustjoni interna³⁵. It-teknoloġiji avvanzati tal-imballaġġ qed isiru dejjem aktar importanti biex jiġu indirizzati ż-żieda fir-rekwiżiti tal-enerġija u tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija mill-vetturi elettriċi. Minn dan isegwi li dan huwa konsistenti mal-oġettivi tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55%".

Il-proposta hija konformi mal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari³⁶, li tidentifika l-elettronika u l-ICT bħala katina ta' valur ewlenija u tħabbar Inizjattiva ta' Elettronika Ċirkolari biex tinkludi "miżuri regolatorji għall-elettronika u l-ICT, bħal telefons ċellulari, tablets u laptops skont id-Direttiva dwar l-Ekodisinn, sabiex dawn l-apparati jkunu ddisinjati għall-effiċjenza enerġetika u d-durabbiltà, il-possibbiltà ta' tiswija, il-possibbiltà ta' ammeljorament, il-manutenzjoni, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ".

L-użu tal-prodotti elettroniċi għal żmien itwal, permezz ta' disinjari maħsub għal servizzi ta' durabbiltà u tiġib, se jnaqqas ir-rati ta' sostituzzjoni u l-ħtieġa għal prodotti ġodda. Il-materjali tal-mikroċipep jistgħu jiġu rkuprati minn skart elettroniku; pereżempju, huwa teknikament possibbli li jiġu rriċiklati materjali komposti tas-semikondutturi, għalkemm bħalissa fi kwantitajiet żgħar ħafna biss. L-Inizjattiva dwar il-Prodotti Sostenibbli, ibbażata fuq l-espansjoni tal-ambitu tad-Direttiva dwar l-Eko-disinn, se tipprovdni mezz ta' espressjoni tal-potenzjali għal dawn ir-rekwiżiti. Il-Kummissjoni qed tinvestiga wkoll diversi possibbiltajiet għal skemi ta' teħid lura u ta' bejgħ lura għall-elettronika tal-konsumatur, biex tingħata spinta lill-provvista ta' apparati użati funzjonali.

Hekk kif id-diġitalizzazzjoni u l-elettrifikazzjoni qed jiżdiedu, iċ-ċipep effiċjenti fl-enerġija jikkontribwixxu għal politiki oħrajn ukoll, inkluż politiki dwar il-manifattura industrijali, it-trasport u l-enerġija, eż. il-Pjan ta' Azzjoni li ġej dwar id-Diġitalizzazzjoni tal-Enerġija³⁷. Id-domanda għat-teknoloġiji tas-semikondutturi hija mistennija li tirdoppja fi żmien għaxar snin. Qed jiġu inkorporati dejjem aktar ċipep fir-robots u fil-magni tal-manifattura, fl-industrija u

³³ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. "Lesti għall-Mira ta' 55%": nilħqu l-Mira Klimatika tal-UE għall-2030 fi Triqitna lejn in-Newtralità Klimatika. COM(2021) 550, 14.7.2021.

³⁴ Pereżempju, is-sehem tal-karozzi elettriċi f'bejgħ ġdid fl-Ewropa qed jiżdied u mistenni jammonta għal 14% fl-2021. <https://think.ing.com/articles/slow-start-for-electric-vehicles-in-the-us-but-times-are-changing>

³⁵ <https://www.idtechex.com/en/research-article/ev-power-electronics-driving-semiconductor-demand-in-a-chip-shortage/24820>

³⁶ COM(2020) 98 final, 11.03.2020.

³⁷ https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/13141-Digitalizzazzjoni-tas-settur-tal-enerġija-Pjan-ta%E2%80%99-azzjoni-tal-UE_mt

fl-agrikoltura, iżda wkoll fil-vetturi tat-trasport u f'apparat ieħor. Minħabba li l-proposta għandha l-għan li tuża b'mod intelliġenti ċ-ċipep u teknoloġiji diġitali oħra, u l-produzzjoni ta' ċipep aktar effiċjenti fl-enerġija, hija konsistenti ma' diversi politiki settorjali u tikkontribwixxi għalihom.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Dan ir-Regolament għandu żewġ objettivi speċifiċi separati, li jiffurmaw partijiet essenzjali mill-objettiv ġenerali tiegħu li jistabbilixxi qafas koerenti għat-tisħiħ tal-ekosistema tas-semikondutturi tal-Unjoni. L-ewwel objettiv speċifiku tar-Regolament, il-pilastru 1 sottostanti, qed joħloq kapaciċtazjiet kbar ta' innovazzjoni u l-kapaciċtazjiet teknoloġiċi adegwati fl-industrija tas-semikondutturi għall-aċċellerazzjoni u l-aġġustar tal-innovazzjoni. Barra minn hekk, il-pilastru 2 u 3 sottostanti, ir-Regolament għandu l-għan li jżid ir-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni fil-qasam tat-teknoloġiji tas-semikondutturi billi jappoġġa u jikkoordina l-investment fil-manifattura tas-semikondutturi avanzata (pilastru 2) u jippermetti monitoraġġ u rispons ikkoordinati għall-kriżijiet (pilastru 3).

Il-bażi ġuridika xierqa għall-ewwel objettiv hija l-Artikoli 173(3), 182(1) u 183 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Artikolu 173(3) jipprevedi li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill, filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, jistgħu jiddeċiedu dwar miżuri speċifiċi b'appoġġ għall-azzjonijiet meħuda fl-Istati Membri biex jiġu żgurati l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-kompetittività u l-kapaciċtà tal-innovazzjoni tal-Unjoni u jiġi żgurat l-aġġustament tal-industrija għal bidliet strutturali minħabba ċikli rapidi ta' innovazzjoni. Din il-bażi ġuridika, fir-rigward tal-biċċa l-kbira tal-attivitazjiet imwettqa mill-Inizjattiva, hija xierqa minħabba li l-pilastru 1 ta' dan ir-Regolament għandu l-għan li jħaffef il-produzzjoni tas-semikondutturi tal-industrija tal-Unjoni, isaħħaħ is-sovranità fil-katina tal-provvista tas-semikondutturi, jagħti spinta lill-kapaciċtazjiet industrijali, jiffaċilita l-iżvilupp ta' negozji ġodda u SMEs u jħeġġeġ investimenti ġodda fl-innovazzjoni u fl-iżvilupp teknoloġiku. Fid-dawl tan-natura wiesgħa tal-Inizjattiva, hija bbażata wkoll fuq it-Titolu tat-TFUE "Ir-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku u l-Ispazju" (l-Artikoli 182(1) u 183).

Il-bażi ġuridika xierqa għat-tieni objettiv, il-pilastru 2 u 3, hija l-Artikolu 114 tat-TFUE. Il-pilastru 2 u 3 ta' din il-proposta għandhom l-għan li joħlqu qafas legali armonizzat għat-tiżjid tar-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni. L-użu tas-semikondutturi huwa kritiku għal diversi setturi ekonomiċi u funzjonijiet tas-soċjetà fl-Unjoni u għalhekk, provvista reżiljenti għall-funzjonament tas-suq intern hija essenzjali. Għaldaqstant, kwalunkwe tfixkil fil-provvista jrid jiġi antiċipat u indirizzat mingħajr dewmien sabiex jiġi ppreservat il-funzjonament stabbli tas-setturi downstream strateġiċi. Fid-dawl tal-impatt ekonomiku sinifikanti tan-nuqqas attwali tas-semikondutturi, huwa probabbli li l-Istati Membri jibdeu miżuri regolatorji biex jindirizzaw il-vulnerabbiltazjiet strutturali tas-settur li wasslu għan-nuqqas attwali jew biex jirreaġixxu u jimmitigaw nuqqasijiet futuri f'sitwazzjonijiet ta' kriżi³⁸. Filwaqt li jkun adegwati bil-ħsieb li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fil-livell nazzjonali, tali miżuri regolatorji jistgħu jinvolvu rispons inkoerenti għall-ħtieġa li tissaħħaħ ir-reżiljenza u li jiġu indirizzati kriżijiet possibbli fis-suq intern, u b'hekk iwasslu għall-frammentazzjoni tas-settur. Bl-għan li jkun jistgħu jittieħdu miżuri kkoordinati għall-bini tar-reżiljenza, huma meħtieġa regoli armonizzati għall-iffaċilitar tal-implementazzjoni ta' proġetti speċifiċi li

³⁸ Pereżempju, tħabbar li Spanja beħsiebha tirriforma l-Liġi tas-Sigurtà nazzjonali tagħha (Ley de Seguridad Nacional) f'dan is-sens.

jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-provvista ta' semikondutturi fl-Unjoni (pilastru 2). Il-mekkaniżmu propost ta' monitoraġġ u ta' rispons għall-kriżijiet (pilastru 3) jenħteġ li jkun uniformi biex jippermetti approċċ koordinat għat-tnejn għall-kriżijiet għall-katina tal-valur tas-semikondutturi transfruntieri. Il-proposta tipprevedi l-istruttura ta' governanza xierqa u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-livell tal-Unjoni, u b'hekk tappoġġa l-fiduċja, l-innovazzjoni u t-tkabbir fis-suq intern. Għalhekk, l-Artikolu 114 tat-TFUE huwa bażi ġuridika pertinenti għall-pilastru 2 u 3 sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq intern.

Artikoli oħra tat-TFUE jew ta' kull artikolu waħdu ma jistgħux jiġġustifikaw iż-żewġ objettivi ta' hawn fuq. L-Artikolu 122 tat-TFUE ma huwiex pertinenti, peress li ma jipprevedix bażi għaż-żewġ objettivi u mhux kompatibbli mal-ebda wieħed mill-Artikoli 114 u 173 tat-TFUE. L-elementi proposti huma pprovduti f'att wieħed, peress li l-miżuri kollha jikkostitwixxu approċċ koerenti biex tiġi indirizzata, b'modi differenti, il-ħtieġa għat-tisħiħ tal-ekosistema tas-semikondutturi tal-Unjoni.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-objettivi tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu mill-Istati Membri li jaġixxu waħedhom, peress li l-problemi għandhom natura transfruntiera, u mhumiex limitati għal Stati Membri uniċi jew għal subsett ta' Stati Membri. L-azzjonijiet proposti jiffukaw fuq oqsma fejn hemm valur miżjud dimostrarbblu fl-azzjoni fil-livell tal-Unjoni minħabba l-iskala, il-veloċità u l-ambitu tal-isforzi meħtieġa.

L-għoti ta' rispons komprensiv għall-kriżi tas-semikondutturi jeħtieġ azzjoni konġunta rapida u koordinata minn varjetà ta' partijiet ikkonċernati, u f'kooperazzjoni mal-Istati Membri. L-ebda Stat Membru mhux kapaċi jilħaq dan waħdu. Barra minn hekk, minħabba l-kumplessità tal-ekosistema tas-semikondutturi, il-konsegwenza tad-dipendenzi strutturali tal-Unjoni u n-nuqqas ta' provvista tant huma estensivi li l-intervent fil-livell tal-Unjoni huwa l-aqwa mod biex jiġu indirizzati kwistjonijiet bħal dawn.

L-azzjoni fil-livell tal-Unjoni tista', b'mod ċar, tixpruna bl-aqwa mod lill-atturi Ewropej lejn strateġija komuni ta' viżjoni u implimentazzjoni. Dan huwa kruċjali biex jiġu ġġenerati ekonomiji ta' skala u bi skop u biex tiġi ġġenerata l-massa kritika meħtieġa għall-kapaċitajiet avvanzati, filwaqt li tiġi limitata, jekk ma tiġix evitata, il-frammentazzjoni tal-isforzi, it-tiġrijiet tas-sussidji, u soluzzjonijiet nazzjonali subottimali.

Hija meħtieġa azzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-oqsma li din il-proposta tindirizza permezz tat-tliet pilastru tagħha.

- Fir-rigward tal-ewwel pilastru (“l-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa”), l-Inizjattiva se tappoġġa l-bini tal-kapaċità teknoloġika u l-innovazzjoni fuq skala kbira permezz tal-Unjoni biex tippermetti l-iżvilupp u t-tnejn għall-użu ta' teknoloġiji tas-semikondutturi u kwantistiċi avvanzati u tal-ġenerazzjoni li jmiss u biex tindirizza d-dgħufijiet strutturali kroniċi tal-Ewropa fid-disinn u l-produzzjoni. L-Istati Membri stabbilew l-ewwel “Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni” (IPCEI) fl-2018, li jappoġġa proġetti innovattivi transfruntieri tul il-katina tal-valur tal-mikroelettronika, u qed jiġi pjanat IPCEI ieħor f'dan il-qasam³⁹. Filwaqt li inizjattivi bħal dawn huma ta' importanza strateġika għas-settur, f'din il-fażi huwa probabbli li waħedhom ma jindirizzawx biżżejjed il-bini tal-kapaċità fil-forma ta' linji pilota u ta' infrastrutturi tad-disinn li jeħtieġ li jsiru

³⁹ Erba' Stati Membri (Franza, il-Ġermanja, l-Italja, u l-Awstrija) u r-Renju Unit ipparteċipaw fl-ewwel IPCEI. Dan jinkludi 32 kumpanija, b'sostenn pubbliku ta' EUR 1,9 biljun u kontribuzzjoni mill-industrija ta' madwar EUR 6 biljun.

disponibbli b'mod wiesa' għall-partijiet terzi interessati kollha madwar l-Ewropa u li se jippermettu wkoll lill-Unjoni li jkollha rwol aktar b'saħħtu f'ekosistema globali u interdependenti. Tali faċilitajiet fuq skala kbira jistgħu jsiru biss fil-livell tal-Unjoni minħabba l-iskala ta' investimenti u l-għarfien espert meħtieġ.

- Fir-rigward tat-tieni pilastru ("Sigurtà tal-provvista"), l-azzjonijiet immirati lejn l-aċċellerazzjoni tal-investiment fil-manifattura tas-semikondutturi jistgħu jiffasslu u jiġu implimentati b'mod adegwat biss fil-livell tal-Unjoni, minħabba l-iskala tal-investimenti meħtieġa u minħabba li tali faċilitajiet tal-manifattura, skont id-definizzjoni, se jservu s-suq intern sħiħ, isaħħu l-ekosistema kollha, u jiggarrantixxu s-sigurtà tal-provvista fi kriżijiet.
- Fir-rigward tat-tielet pilastru ("Monitoraġġ u Rispons għall-Kriżijiet"), il-kooperazzjoni msaħħa tal-Unjoni se tiżgura l-għbir tal-intelligence meħtieġ u komparabbli. Flimkien, l-Istati Membri u l-Kummissjoni se jkun jistgħu janteċipaw in-nuqqasijiet, jattivaw il-fażi ta' kriżi f'sitwazzjoni ta' nuqqas serju u jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa biex jindirizzaw kriżi bħal din b'modi aktar effikaċi milli permezz ta' taħlita ta' miżuri nazzjonali.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija mfassla biex issaħħaħ l-ekosistema tas-semikondutturi tal-Ewropa permezz ta' tħejjija u monitoraġġ għal żmien qasir biex tiżdied it-trasparenza tal-ktajjen tal-provvista tas-semikondutturi, is-sigurtà tal-azzjonijiet tal-provvista fi żmien medju biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-produzzjoni tas-semikondutturi fl-Ewropa, u azzjonijiet ta' tmexxija fit-tul fit-teknoloġija u l-innovazzjoni biex jiġu stabbiliti faċilitajiet ta' disinn u produzzjoni għal teknoloġiji tas-semikondutturi avvanzati u emerġenti.

F'dan il-kuntest, il-proposta tiffoka fuq dawk il-partijiet tal-ekosistema tas-semikondutturi li jikkontribwixxu l-aktar għar-reżiljenza tal-katina tal-provvista tal-Unjoni. L-enfasi fuq l-ekosistema tas-semikondutturi nnifisha, aktar milli fuq id-dominju tal-komponenti u s-sistemi tal-elettronika ta' daqs akbar, jew fuq l-oqsma ta' applikazzjoni li jużaw is-semikondutturi u/jew il-komponenti u s-sistemi tal-elettronika, hija maħsuba biex tillimita l-azzjonijiet għal wieħed mill-aktar punti problematiċi kruċjali tal-lum għall-ekonomija u s-soċjetà Ewropea b'mod ġenerali.

L-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa fil-pilastru 1 tistabbilixxi l-mekkaniżmi meħtieġa biex jiġu żgurati l-kompetittività u l-kapaċità ta' innovazzjoni fit-tul tal-industrija Ewropea permezz ta' kapaċitajiet ta' riċerka u disinn, linji pilota għall-ittestjar u l-esperimentazzjoni, kapaċitajiet għal ċipep kwantistiċi, ċentri ta' kompetenza, u fond għal negozji ġodda, negozji li qed jespandu u SMEs.

Is-sigurtà tal-azzjonijiet tal-provvista biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-produzzjoni tas-semikondutturi tal-Unjoni fil-pilastru 2 tista' tirrikonoxxi faċilità partikolari bħala Faċilità ta' Produzzjoni Integrata jew bħala Fonderija Miftuħa tal-UE. B'tali rikonoxximent, l-Istati Membri huma meħtieġa jiżguraw li l-permessi għal dawn il-faċilitajiet u fonderiji jingħataw permezz ta' proċeduri rapidi.

L-azzjonijiet ta' tħejjija fil-pilastru 3 huma bbażati fuq il-monitoraġġ u l-iskambju ta' informazzjoni mill-Istati Membri u mill-Unjoni biex jiġi antiċipat it-tfixkil fil-katina tal-provvista. F'każ ta' tfixkil (antiċipat), jistgħu jittieħdu miżuri kkoordinati biex jiġu mmitigati jew evitati nuqqasijiet ta' semikondutturi u tfixkil ieħor.

- **Għażla tal-istrument**

Il-proposta tiegħi l-forma ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Dan huwa l-aktar strument legali xieraq għall-pilastru 1 tal-proposta li tistabbilixxi l-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa, minħabba li Regolament biss, bid-dispożizzjonijiet legali applikabbli

direttament tiegħu, jista' jipprovdni l-grad neċessarju ta' uniformità meħtiegħ għall-istabbiliment u t-tħaddim ta' Inizjattiva tal-Unjoni li għandha l-għan li tappoġġa settur industrijali fis-suq intern kollu. L-għażla ta' Regolament bħala strument legali għall-pilastru 2 hija għustifikata mill-ħtiegħa għal applikazzjoni uniformi tar-regoli l-ġodda, b'mod partikolari d-definizzjoni ta' Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata u ta' Fonderiji Miftuħa tal-UE, kif ukoll proċedura uniformi għar-rikonoxximent u l-appoġġ tagħhom. Barra minn hekk, Regolament huwa l-aktar strument xieraq għall-pilastru 3, peress li din il-parti jenħtegħ li tipprevedi mekkaniżmu biex jiġi antiċipat u indirizzat tfixkil serju fil-provvista tas-semikondutturi fl-Unjoni. Il-mekkaniżmu ma jirrikjedix it-traspożizzjoni permezz ta' miżuri nazzjonali u huwa direttament applikabbli.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

• Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

Fid-diskors tagħha fil-Forum Ekonomiku Dinji f'Jannar 2022, il-President von der Leyen semmiet li “se nipproponu l-Att Ewropew tagħna dwar iċ-Ċipep fil-bidu ta' Frar” u li “ma għandna l-ebda ħin x'nitilfu”⁴⁰. L-ekonomiji ewlenin huma ħerqana li jiżguraw il-provvista tagħhom tal-aktar ċipep avvanzati peress li din qiegħda tikkondizzjona dejjem aktar il-kapaċità tagħhom li jaġixxu (ekonomikament, industrijalment, militarment) u tixpruna t-trasformazzjoni diġitali. Diġà qed jinvestu ħafna u qed jespandu miżuri ta' appoġġ biex jinnovaw u jsaħħu l-kapaċitajiet tal-produzzjoni tagħhom, jew qed jistennew li jagħmlu dan dalwaqt⁴¹. Hemm indikazzjonijiet li l-kumpaniji u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u tat-teknoloġija tal-Unjoni jistgħu jiġu attirati biex jiċċaqilqu f'reġjuni oħrajn. L-atturi internazzjonali huma inqas probabbli li jespandu l-faċilitajiet eżistenti jew li jistabbilixxu faċilitajiet ġodda ta' produzzjoni fl-Unjoni mingħajr ċarezza sħiħa dwar il-kundizzjonijiet tal-investment, il-possibiltajiet għas-sostenn pubbliku, l-investimenti pubbliċi fil-ħiliet, l-infrastruttura, u r-R&Ż, eċċ.

Minħabba l-ħtiegħa urġenti li tittieħed azzjoni, ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt u ma ġiet prevista l-ebda konsultazzjoni pubblika online. L-analiżi u l-evidenza ta' sostenn kollha se jiġu stabbiliti f'dokument ta' ħidma tal-persunal ippubblikat mhux aktar tard minn tliet xhur mill-pubblikazzjoni tal-proposta.

Madankollu, workshops *ad hoc* mal-partijiet ikkonċernati tal-industrija dwar suġġetti speċifiċi relatati mal-pilastru 1 indikaw il-ħtiegħa li jiġu kkunsidrati faċilitajiet għat-teknoloġiji li ġejjin, bħall-fotonika, il-computing newromorfiku, u t-teknoloġiji kwantistiċi, kif ukoll materjali ġodda⁴². Barra minn hekk, dawn il-workshops enfasizzaw il-ħtiegħa għal kunsiderazzjoni xierqa ta' arkitetturi ta' settijiet ta' struzzjonijiet alternattivi, bħar-RISC-V.

Barra minn hekk, fil-kuntest tal-Impriża Konġunta ECSEL – il-predeċessor tal-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin – fis-sajf tal-2021 saru laqgħat mar-rappreżentanti tal-

⁴⁰ “State of the World” Diskors Speċjali mill-President von der Leyen fil-Forum Ekonomiku Dinji. https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/speech_22_443

⁴¹ Pereżempju: L-ISTATI UNITI: <https://www.congress.gov/bill/117th-congress/senate-bill/1260?s=1&r=52>
Iċ-Ċina: <https://crsreports.congress.gov/product/pdf/R/R46767>
Il-Ġappun: <https://www.reuters.com/technology/japan-create-scheme-subsidize-domestic-chip-output-nikkei-2021-11-07/>

Il-Korea t'Isfel: <https://spectrum.ieee.org/south-koreas-450billion-investment-latest-in-chip-making-push>

⁴² <https://ecscollaborationtool.eu/ecs-sria-workshops.html>

industrija u mal-awtoritajiet pubbliċi, fejn ġew diskussi l-oġġettivi tal-Kumpass Diġitali, l-aġġornament tal-istrateġija industrijali, l-alleanza industrijali, u l-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep.

Fl-2021 saru laqgħat regolari mal-Istati Membri kull xahar biex jitthejja t-tieni IPCEI ppjanat dwar il-Mikroelektronika. L-Istati Membri pprovdew kontributi għad-definizzjoni u għall-valutazzjoni tal-Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata u tal-Fonderiji Miftuħa tal-UE fil-pilastru 2, u għad-definizzjoni ta' faċilitajiet speċifiċi tal-pilastru 1.

Fl-10 ta' Jannar 2022 saret laqgħa mas-CEOs li jirrappreżentaw lill-partijiet ikkonċernati ewlenin fis-settur Ewropew tas-semikondutturi. Il-punti ewlenin minn dik il-laqgħa kienu: il-ħtieġa li wieħed jibni fuq il-punti b'saħħithom Ewropej, eż. ir-R&Ż u l-manifattura tat-tagħmir; appoġġ ċar għal-linji pilota u għall-infrastrutturi tad-disinjar; appoġġ għal negozji ġodda u negozji li qed jespandu; il-ħtieġa li tiżdied il-kapaċità tal-manifattura tal-Ewropa kemm għat-teknoloġiji maturi kif ukoll għal dawk avvanzati; u l-ħtieġa għal kundizzjonijiet ekwi fid-dinja kollha⁴³.

Kien hemm ukoll diversi laqgħat ma' rappreżentanti tas-CEOs dwar il-ħtieġa li jissaħħaħ is-settur Ewropew tas-semikondutturi, wara l-laqgħat tal-Kummissarju Breton mas-CEOs tal-atturi tas-semikondutturi u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u tat-teknoloġija ewlenin. Dawn ipprovdew inputs b'mod partikolari għall-pilastru 1.

F'Novembru 2021, il-Forum Ewropew għall-Komponenti u s-Sistemi Elettroniċi (EF ECS), b'aktar minn 500 parteċipant, ipprovdha pjattaforma kbira għad-diskussjoni dwar il-ħtiġijiet industrijali. Ġie pprovdut kontribut ulterjuri f'laqgħat mal-assoċjazzjonijiet tal-industrija u l-membri tagħhom, bħal SEMI, ESIA, u Ewropa Diġitali.

Barra minn hekk, il-kuntatti fit-tul u regolari mal-partijiet ikkonċernati tal-industrija, l-Istati Membri, l-assoċjazzjonijiet kummerċjali u l-assoċjazzjonijiet tal-utenti ppermettew il-ġbir ta' ammont ġust ta' informazzjoni u feedback rilevanti għall-proposta.

Minn tmiem l-2019 'il hawn, ġew ippubblikati ħafna rapporti dwar is-settur tas-semikondutturi li jiddeskrivu x-xejriet u jipprovdu fatti u ċifri, u servew biex jinformatu il-proposta⁴⁴.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta mhix akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt formali. Meta titqies l-urġenza kif spjegat hawn fuq, ma setgħetx titwettaq valutazzjoni tal-impatt fil-perjodu ta' żmien disponibbli qabel l-adozzjoni tal-proposta. L-analiżi u l-evidenza ta' sostenn kollha se jiġu stabbiliti f'dokument ta' ħidma tal-persunal ippubblikat mhux aktar tard minn tliet xhur mill-pubblikazzjoni tal-proposta.

⁴³ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/news/ceo-roundtable-semiconductors-10-january-2022>

⁴⁴ Lista mhux eżawrjenti: Il-kejl tad-distorsjonijiet fis-swieq internazzjonali: Il-katina tal-valur tas-semikondutturi OECD 2019; The Geopolitics of Semiconductors, imħejji mill-grupp EURASIA, Settembru 2020; The global semiconductor value chain, Stiftung Neue Verantwortung, Ottubru 2020; The Weak Links in China's Drive for Semiconductors, Montaigne institute, Jan 2021; Strengthening the Semiconductor supply chain in an uncertain Era, BCGxSIA, April 2021; SIA Factbook, Mejju 2021; Building Resilient Supply Chains, Revitalizing American Manufacturing, and Fostering Broad-Based Growth, Rapport mill-White House, Gunju 2021; Mapping China's semiconductor ecosystem in global context, Stiftung Neue Verantwortung, Gunju 2021; Semiconductors Global Policy Review Access Partnership, Settembru 2021; Semiconductors: U.S. Industry, Global Competition, and Federal Policy, Congressional Report Service Ottubru 2021; Semiconductor Strategy for Germany and Europe, ZVEI, Ottubru 2021; A semiconductor strategy for the European Union, Bundesagentur für Sprunginnovationen (SPRIN-D), 2021; Understanding the global chip shortage, Stiftung Neue Verantwortung, Novembru 2021.

- **Drittijiet fundamentali**

L-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (“il-Karta”) jipprevedi l-libertà ta’ impriża. Il-miżuri tal-pilastru 1 u 2 ta’ din il-proposta joħolqu kapaċità ta’ innovazzjoni u jrawmu s-sigurtà tal-provvista tas-semikondutturi, li jistgħu jsaħħu l-libertà ta’ intrapriża f’konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-liġijiet u mal-prattiki nazzjonali. Madankollu, xi miżuri tal-pilastru 3 meħtieġa biex jindirizzaw tfixkil serju fil-provvista tas-semikondutturi fl-Unjoni jistgħu jillimitaw temporanjament il-libertà ta’ intrapriża u l-libertà kuntrattwali, protetti mill-Artikolu 16 u d-dritt għall-proprjetà, protett mill-Artikolu 17 tal-Karta. Kwalunkwe limitazzjoni ta’ dawk id-drittijiet f’din il-proposta, f’konformità mal-Artikolu 52(1) tal-Karta, se tkun prevista mid-dritt, tirrispetta l-essenza ta’ dawk id-drittijiet u l-libertajiet, u tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

L-obbligu li tiġi żvelata informazzjoni speċifika lill-Kummissjoni, sakemm jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, jirrispetta l-essenza tal-libertà ta’ intrapriża u ma jaffettwahiex b’mod sproporzjonat (l-Artikolu 16 tal-Karta). Kwalunkwe talba għal informazzjoni sservi l-oġettiv ta’ interess ġenerali tal-Unjoni biex tippermetti li jiġu identifikati miżuri ta’ mitigazzjoni potenzjali f’każ ta’ kriżi minħabba nuqqas ta’ semikondutturi. Dawn it-talbiet għal informazzjoni huma xierqa u effikaċi biex jintlaħaq l-oġettiv billi tiġi pprovduta l-informazzjoni meħtieġa biex tiġi vvalutata l-kriżi inkwistjoni. Il-Kummissjoni fil-prinċipju titlob biss l-informazzjoni mixtieqa minn organizzazzjonijiet rappreżentattivi u tista’ toħroġ talbiet lil impriżi individwali biss jekk dan ikun meħtieġ ukoll. Peress li l-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-provvista mhix disponibbli mod ieħor, mhemm l-ebda miżura ugwalment effikaċi biex tinkiseb l-informazzjoni meħtieġa ħalli dawk li jieħdu d-deċizzjonijiet Ewropej ikunu jistgħu jieħdu azzjoni ta’ mitigazzjoni. Fid-dawl tal-konsegwenzi ekonomiċi u soċjetali serji minħabba nuqqas ta’ semikondutturi u l-importanza rispettiva tal-miżuri ta’ mitigazzjoni, it-talbiet għall-informazzjoni huma proporzjonati għall-għan mixtieq. Barra minn hekk, il-limitazzjoni għal-libertà ta’ intrapriża u d-dritt għall-proprjetà huma bbilanċjati b’salvagwardji xierqa. Kwalunkwe talba għall-informazzjoni tista’ tintbagħat biss f’sitwazzjoni ta’ kriżi li fiha l-Kummissjoni attivat il-fażi ta’ kriżi permezz ta’ att ta’ implimentazzjoni.

L-obbligu li jiġu aċċettati u pprijoritizzati ordnijiet klassifikati bħala prijorità jirrispetta l-essenza ta’, u mhux se jaffettwa b’mod sproporzjonat, il-libertà ta’ intrapriża u l-libertà kuntrattwali (l-Artikolu 16 tal-Karta) u d-dritt għall-proprjetà (l-Artikolu 17 tal-Karta). Dan l-obbligu jservi l-oġettiv ta’ interess ġenerali tal-Unjoni li tiżgura li s-setturi kritiċi affettwati minn tfixkil fil-provvista minħabba nuqqas ta’ semikondutturi jkomplu joperaw. L-obbligu huwa xieraq u effikaċi biex jintlaħaq dan l-oġettiv billi jiġi żgurat li r-riżorsi disponibbli jintużaw b’mod preferenzjali għall-prodotti furnuti lil dawn is-setturi. Ma hemm l-ebda miżura ugwalment effikaċi. Huwa proporzjonat li f’sitwazzjoni ta’ kriżi dawk il-faċilitajiet tal-manifattura tas-semikondutturi li jkunu applikaw biex jiġu rikonoxxuti bħala “Faċilitajiet ta’ Produzzjoni Integrata” u “Fonderiji Miftuħa tal-UE”, faċilitajiet oħra tal-manifattura tas-semikondutturi li aċċettaw tali possibbiltà fil-kuntest li jirċievu sostenn pubbliku, jew impriżi tul il-katina tal-provvista tas-semikondutturi li jkunu ġew soġġetti għal ordni klassifikata bħala prijorità minn pajjiż terz sal-punt li dan ikollu impatt sinifikanti fuq is-sigurtà tal-provvista lejn setturi kritiċi, jiġu obbligati jaċċettaw u jagħtu prijorità lil ċerti ordnijiet. Salvagwardji xierqa jiżguraw li kwalunkwe impatt negattiv tal-obbligu ta’ prijoritizzazzjoni fuq il-libertà ta’ negozju, il-libertà kuntrattwali u d-dritt għall-proprjetà ma jikkostitwixxi ksur ta’ dawn id-drittijiet. Kwalunkwe obbligu għall-prijoritizzazzjoni ta’ ċerti ordnijiet jista’ jingħata bidu biss f’sitwazzjoni ta’ kriżi li fiha l-Kummissjoni tkun attivat il-fażi ta’ kriżi permezz ta’ att ta’ implimentazzjoni. L-impriża kkonċernata tista’ titlob lill-Kummissjoni tirrevedi l-ordni klassifikata bħala prijorità jekk ma tkunx tista’ twettaq l-ordni jew jekk it-

twettiq tal-ordni joħloq piż ekonomiku mhux raġonevoli fuqha u jinvolvi tbatija partikolari. Barra minn hekk, is-soġġett tal-obbligu huwa eżentat minn kwalunkwe responsabbiltà għad-danni għall-ksur tal-obbligi kuntrattwali li jirriżultaw mill-konformità mal-obbligu.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta tistabbilixxi l-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa, li mhux se jkollha pakkett finanzjarju separat, iżda se tkun appoġġata minn finanzjament minn Orizzont Ewropa u minn Ewropa Diġitali, li għandu jiżded permezz tal-Objettiv Speċifiku 6 l-ġdid. Ir-Regolament 2021/2085 li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa huwa emendat u estiż biex jippermetti lill-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin, imsemmija mill-ġdid bħala Impriża Konġunta taċ-Ċipep (IK Ċipep) timplimenta l-kontribuzzjoni miżjuda ta' Orizzont Ewropa u l-kontribuzzjonijiet ta' Ewropa Diġitali mill-Objettiv Speċifiku 6. Il-konsegwenzi finanzjarji tal-proposta dwar il-baġit tal-Unjoni huma ppreżentati fid-dikjarazzjoni finanzjarja li takkumpanja l-proposta u se jiġu ssodisfati mir-riżorsi disponibbli tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027.

Il-baġit tal-UE se jappoġġa l-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa b'total sa EUR 3,3 biljun, inkluż EUR 1,65 biljun permezz ta' Orizzont Ewropa u EUR 1,65 biljun permezz ta' Ewropa Diġitali. Minn dan l-ammont totali, EUR 2,875 biljun se jiġu implimentati bl-Impriża Konġunta taċ-Ċipep, EUR 125 miljun minn InvestEU (li għandhom jiġu kkumplementati b'EUR 125 miljun oħra minn InvestEU stess) u EUR 300 miljun mill-EIC. Dan minbarra l-baġit diġà ddedikat għall-attivitajiet fil-qasam tal-mikroelettronika skont dan il-QFP biex jilħaq kważi 5 biljun.

B'mod partikolari, permezz ta' Orizzont Ewropa se jiġi implimentat ammont ta' EUR 1,65 biljun favur l-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa: EUR 900 miljun mir-raggruppament 4, EUR 150 miljun mir-raggruppament 3, EUR 300 miljun mir-raggruppament 5 u EUR 300 miljun mill-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC). Barra minn hekk, il-Kummissjoni tipproponi li tnaqqas il-baġit ta' Orizzont Ewropa b'ammont ta' EUR 400 miljun biex iżżid l-ammonti disponibbli għal Ewropa Diġitali. Sabiex tikkumpensa għal dan it-tnaqqis ta' EUR 400 miljun, il-Kummissjoni tipproponi li terġa' tagħmel disponibbli, għall-benefiċċju ta' Orizzont Ewropa, ammont ulterjuri ta' EUR 400 miljun (fi prezzijiet attwali) ta' approprjazzjonijiet ta' impenn matul il-perjodu 2023-2027, li jirriżultaw min-nuqqas ta' implimentazzjoni totali jew parzjali ta' proġetti li jappartjenu għal dak il-programm jew għall-predeċessur tiegħu. Dan l-ammont ma jinkludix l-ammont ta' EUR 0,5 biljun (fi prezzijiet tal-2018) diġà msemmija fid-Dikjarazzjoni Konġunta mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni dwar l-użu mill-ġdid ta' fondi rilaxxati fir-rigward tal-programm ta' ricerka⁴⁵. Għalhekk, il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jissupplimentaw din id-Dikjarazzjoni Konġunta b'referenza għall-ammont addizzjonali li għandu jerġa' jsir disponibbli.

Skont il-programm Ewropa Diġitali, qed jiġi propost Objettiv Speċifiku 6 ġdid għall-finijiet tal-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa. Dan l-Objettiv Speċifiku 6, ikopri l-komponenti a sa d tal-Artikolu 5, u jrid jiġi implimentat mill-IK Ċipep. Total ta' EUR 1,65 biljun se jiġi allokat għal dan l-Objettiv Speċifiku 6 l-ġdid tal-programm: EUR 600 miljun allokat mill-ġdid mill-objettivi eżistenti ta' Ewropa Diġitali, tnaqqis ta' EUR 400 miljun tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE), inkluż EUR 150 miljun mill-FNE-Diġitali u EUR 250 miljun mill-FNE-

⁴⁵ ĠU C 444I, 22.12.2020, p. 3-3.

Trasport⁴⁶, it-tnaqqis ta' EUR 400 miljun tar-raggruppament 4 ta' Orizzont Ewropa (kif imsemmi fil-paragrafu ta' hawn fuq, ikkumpensat bl-użu mill-ġdid tad-dekompożizzjonijiet), u EUR 250 miljun mill-marġni mhux allokat tal-intestatura 1 għall-finanzjament tal-Inizjattiva skont Ewropa Diġitali.

Il-Kummissjoni tipproponi li tittratta t-tnaqqis tal-pakketti finanzjarji tal-FNE u Orizzont Ewropa fi ħdan il-varjazzjoni ta' 15% prevista mill-punt 18 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji godda⁴⁷. Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jirreferu għal dawn il-varjazzjonijiet, li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni effiċjenti tal-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa, fid-Dikjarazzjoni Konġunta msemmija fil-paragrafu preċedenti.

Aktar dettalji huma pprovduti fid-Dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva annessa ma' din il-proposta.

5. ELEMENTI OĦRA

• Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar

Il-Kummissjoni se tevalwa l-output, ir-riżultati u l-impatt ta' din il-proposta tliet snin wara d-data li fiha ssir applikabbli u kull erba' snin wara dan. Is-sejbiet ewlenin tal-evalwazzjoni se jiġu ppreżentati f'rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li se jiġi ppubblikat. Sabiex iwettaq l-evalwazzjoni, il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, l-Istati Membri u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti se jipprovdu informazzjoni lill-Kummissjoni fuq talba tagħha.

Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta

1.1. Kapitolu I – dispożizzjonijiet ġenerali

Il-Kapitolu I jistabbilixxi s-suġġett tar-Regolament. Dan jistabbilixxi wkoll id-definizzjonijiet użati fl-istrument kollu. Ir-Regolament jistabbilixxi qafas, li jikkonsisti minn tliet "pilastru", għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi. B'mod partikolari, ir-Regolament jistabbilixxi l-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa li toħloq il-kundizzjonijiet meħtieġa biex tissaħħa il-kapaċità tal-innovazzjoni industrijali tal-Unjoni (pilastru 1), jinkludi d-definizzjoni u l-kriterji ta' Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata u ta' Fonderiji Miftuħa tal-UE li huma l-ewwel tat-tip tagħhom (pilastru 2) u mekkaniżmu ta' koordinazzjoni għall-monitoraġġ u r-rispons għall-kriżijiet (pilastru 3).

1.2. Kapitolu II – L-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa

Il-Kapitolu II jistabbilixxi l-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa li se ssaħħa il-kompetittività, ir-reżiljenza u l-kapaċità ta' innovazzjoni tal-Unjoni. Permezz ta' investimenti fl-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa, l-Unjoni jenħtieġ li żżid l-effettività tagħha biex tibdel l-iżviluppi tar-

⁴⁶ F'konformità mal-konklużjoni ta' hawn fuq dwar il-konsistenza tal-Att tal-UE dwar iċ-Ċipep ma' politiki oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55%" dan jenħtieġ li ma jaffettwax ħażin l-oġettivi ġenerali tal-FNE-Trasport u l-implimentazzjoni ta' infrastruttura tat-trasport sostenibbli.

⁴⁷ ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28-46.

riċerka u t-teknoloġija tagħha f'teknoloġiji ta' semikondutturi tal-ogħla kwalità orjentati lejn id-domanda, xprunati mill-applikazzjoni, sikuri u effiċjenti fl-enerġija. Fl-istess ħin, l-Unjoni jenħtieġ li tipprovi opportunità għall-industrija tal-provvista tagħha biex timmobilita investimenti bħal dawn.

Għal dan il-għan, dan il-Kapitolu jinkludi d-dispożizzjonijiet u l-oġġettivi ġenerali tal-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa. L-Inizjattiva għandha l-għan li tappoġġa l-bini tal-kapaċità fuq skala kbira fl-Unjoni kollha f'teknoloġiji tas-semikondutturi eżistenti u avvanzati u tal-ġenerazzjoni li jmiss. L-Inizjattiva tinkludi ħames komponenti: kapaċitajiet ta' disinjari għal teknoloġiji integrati tas-semikondutturi, linji pilota għat-tnejn ta' produzzjoni innovattiva, u faċilitajiet għall-ittestjar u l-esperimentazzjoni, kapaċitajiet avvanzati ta' teknoloġija u inġinerija għall-aċċellerazzjoni tal-iżvilupp ta' ċipep kwantistiċi, network ta' ċentri ta' kompetenza u l-iżvilupp tal-ħiliet u l-attivitajiet tal-“Fond għaċ-Ċipep” għall-aċċess għall-kapital minn negozji ġodda, negozji li qed jespandu u SMEs.

L-Inizjattiva għandha tkun appoġġata minn finanzjament minn Orizzont Ewropa u mill-programm Ewropa Diġitali, u b'mod partikolari mill-Oġġettiv Speċifiku 6 l-ġdid tagħha, u implimentata f'konformità mar-Regolamenti li jstabbilixxu dawk il-programmi.

Ir-Regolament jipprevedi qafas proċedurali biex jiġi ffaċilitat il-finanzjament ikkombinat mill-Istati Membri, l-investiment mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, il-baġit tal-Unjoni u l-investiment privat. Dan se jieħu l-forma ta' strument ġdid b'personalità ġuridika, il-Konsorzju Ewropew għall-Infrastruttura relatata maċ-Ċipep (“ECIC”), li jista' jintuża minn entitajiet legali biex jistrutturaw il-ħidma kollaborattiva tagħhom fi ħdan konsorzju, fuq bażi volontarja. Barra minn hekk, it-Taqsima 1 tistabbilixxi mekkaniżmu għall-istabbiliment ta' network Ewropew ta' Ċentri ta' Kompetenza għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' azzjonijiet dwar ċentri ta' kompetenza u ħiliet skont l-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa.

Il-Kapitolu jinkludi wkoll dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni. L-implimentazzjoni primarja tal-Inizjattiva se tiġi fdata lill-Impriża Konġunta taċ-Ċipep kif propost fil-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2085. Id-deskrizzjoni teknika tal-azzjonijiet hija pprovduta fl-Anness I. L-Anness II jinkludi indikaturi li jistgħu jitkejlu biex tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni u biex jiġi rrapportat il-progress tal-Inizjattiva lejn l-ilħuq tal-oġġettivi tagħha. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati biex temenda l-lista ta' indikaturi li jistgħu jitkejlu. L-Inizjattiva tibni fuq il-punti b'saħħithom eżistenti tal-Ewropa fil-katina tal-valur globali tas-semikondutturi u ttejjeb is-sinerġiji b'azzjonijiet attwalment appoġġati mill-Unjoni u mill-Istati Membri. Għalhekk, sabiex jiġu massimizzati l-impatti pożittivi tagħha, l-Inizjattiva jenħtieġ li tippermetti sinerġiji mal-programmi tal-Unjoni deskritti fl-Anness III.

1.3. Kapitulu III – Sigurtà tal-Provvista

Il-Kapitolu III jistabbilixxi l-qafas għall-Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata u l-Fonderiji Miftuħa tal-UE. Il-Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata u l-Fonderiji Miftuħa tal-UE huma faċilitajiet ta' manifattura li jipprovdu kapaċitajiet ta' manifattura tas-semikondutturi li huma l-ewwel tat-tip tagħhom fl-Unjoni u jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-provvista u għal ekosistema reżiljenti fis-suq intern. B'mod partikolari, biex tikkwalifika bħala Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata u l-Fonderiji Miftuħa tal-UE, il-faċilità jenħtieġ li tħalli impatt pożittiv ċar fuq il-katina tal-valur tas-semikondutturi fl-Unjoni.

Filwaqt li l-Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata huma faċilitajiet ta' produzzjoni integrati vertikament, il-Fonderiji Miftuħa tal-UE joffru grad sinifikanti tal-kapaċità tal-produzzjoni tagħhom lil atturi industrijali oħrajn, bħal kumpaniji b'semikonduttur "fables" (jiġifieri kumpaniji li jiddisinjaw iżda li ma jimmanifatturawx ċipep). L-investiment f'dawn il-faċilitajiet jiffaċilita l-iżvilupp tal-manifattura tas-semikondutturi fl-Unjoni. B'hekk, mar-rikonoxximent bħala Faċilità ta' Produzzjoni Integrata jew bħala Fonderija Miftuħa tal-UE min-naħa tal-Kummissjoni, dawn il-faċilitajiet għandhom jitqiesu li jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-provvista tas-semikondutturi fl-Unjoni u għalhekk huma fl-interess pubbliku. Sabiex tintlaħaq is-sigurtà tal-provvista, l-Istati Membri jistgħu, mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, japplikaw skemi ta' appoġġ u għandhom jipprevedu appoġġ amministrattiv, inkluż traċċar rapidu tal-proċeduri ta' applikazzjoni amministrattiva relatati mal-ippjanar, mal-bini u mal-operat tagħhom. Il-Kummissjoni se tirrikonoxxi faċilità bħala Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata jew ta' Fonderiji Miftuħa tal-UE jekk jissodisfaw il-kriterji stabbiliti f'dan il-Kapitolu. Il-Kummissjoni tista' tħassar id-deċiżjoni tagħha jekk ir-rikonoxximent kien ibbażat fuq informazzjoni skorretta jew jekk il-faċilità ma tibqax tissodisfa l-kriterji.

1.4. Kapitolu IV – Monitoraġġ u Rispons għall-Kriżijiet

Il-Kapitolu IV fih mekkaniżmu għall-monitoraġġ ikkoordinat tal-katina tal-valur tas-semikondutturi u għar-rispons għat-tfixkil tal-provvista tas-semikondutturi li għandhom impatt fuq il-funzjonament xieraq tas-suq intern.

It-Taqsima 1 (monitoraġġ) tistabbilixxi sistema ta' monitoraġġ u twissija tal-katina tal-valur tas-semikondutturi. Is-sistema hija bbażata fuq attivitajiet ta' monitoraġġ regolari tal-Istati Membri li jikkonsistu, b'mod partikolari, mill-osservazzjoni ta' indikaturi ta' twissija bikrija u mid-disponibbiltà u l-integrità tas-servizzi u l-oġġetti pprovduti minn atturi ewlenin tas-suq. Il-Kummissjoni ttiprovdi l-bażi għall-attivitajiet ta' monitoraġġ permezz ta' valutazzjoni tar-riskju tal-Unjoni li fiha tidentifika l-indikaturi ta' twissija bikrija. Sabiex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tal-industrija, l-Istati Membri se jistiednu lill-partijiet ikkonċernati rilevanti u lill-assoċjazzjonijiet tal-industrija biex jinfurmaw dwar il-varjazzjonijiet sinifikanti fid-domanda u t-tfixkil tal-katina tal-provvista tagħhom. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu aġġornamenti regolari u jiskambjaw is-sejbiet tagħhom fil-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi. Jekk l-Istati Membri jsiru jafu bi kriżi potenzjali b'rabta mas-semikondutturi jew bl-okkorrenza ta' fattur ta' riskju rilevanti fil-qafas tal-attivitajiet ta' monitoraġġ tagħhom jew permezz ta' aġġornament mill-partijiet ikkonċernati, huma għandhom iwissu lill-Kummissjoni. Fuq din it-twissija, jew fuq twissija permezz ta' sorsi oħra inkluż informazzjoni mingħand sħab internazzjonali, il-Kummissjoni għandha tlaqqa' laqgħa straordinarja tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi. Il-laqgħa se sservi biex tivvaluta l-ħtieġa li tiġi attivata fażi ta' kriżi u biex jiġi diskuss l-akkwist koordinat potenzjali qabel ma jkun hemm nuqqas. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tidħol f'konsultazzjonijiet jew f'kooperazzjoni, f'isem l-Unjoni, ma' pajjiżi terzi rilevanti bl-għan li tftitx soluzzjonijiet kooperattivi biex tindirizza t-tfixkil fil-katina tal-provvista.

It-Taqsima 2 (l-fażi ta' kriżi) ttiprovdi r-regoli biex tiġi attivata l-fażi ta' kriżi tas-semikondutturi u tagħti dettalji dwar il-miżuri ta' emerġenza li jistgħu jintużaw b'rispons għall-kriżi.

Il-Kummissjoni tista' tattiva l-fażi ta' kriżi permezz ta' att ta' implimentazzjoni meta jkun hemm evidenza konkreta, serja u affidabbli ta' kriżi tas-semikondutturi. Kriżi tas-semikondutturi bħal din isseħħ meta jkun hemm tfixkil serju fil-provvista tas-semikondutturi li jwassal għal nuqqasijiet sinifikanti, li jinvolvu effetti negattivi sinifikanti fuq settur importanti wieħed jew aktar tal-Unjoni, jew jimpedixxu l-provvista, it-tiswija u l-

manutenzjoni ta' prodotti essenzjali użati minn setturi kritiċi. L-att ta' implimentazzjoni se jispjega t-tul tal-fażi ta' kriżi jew l-estensjoni tagħha. Qabel l-iskadenza tal-fażi ta' kriżi, il-Kummissjoni jenħteġ li tivvaluta, filwaqt li tqis l-opinjoni tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi jekk l-attivazzjoni tal-fażi ta' kriżi għandhiex tiġi estiża. Tul il-fażi ta' kriżi, il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi jkollu laqgħat straordinarji biex jippermetti lill-Istati Membri jaħdmu mill-qrib mal-Kummissjoni u jikkoordinaw kwalunkwe miżura nazzjonali meħuda fir-rigward tal-katina tal-provvista tas-semikondutturi.

Meta tiġi attivata l-fażi ta' kriżi, il-Kummissjoni tista' tiegħu ċerti miżuri ta' emerġenza stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni tista' titlob lil organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' impriżi, jew, jekk ikun meħtieġ, lil impriżi individwali li joperaw tul il-katina tal-provvista tas-semikondutturi, jipprovdulha informazzjoni meħtieġa għall-valutazzjoni tal-kriżi tas-semikondutturi u għall-identifikazzjoni ta' miżuri potenzjali ta' mitigazzjoni. Dawn l-entitajiet huma obbligati jipprovdur lill-Kummissjoni bl-informazzjoni mitluba. L-informazzjoni mitluba tista' tikkonsisti minn informazzjoni dwar il-kapaċitajiet ta' produzzjoni tagħhom, il-kapaċitajiet ta' produzzjoni tagħhom, it-tfixkil primarju attwali jew kwalunkwe *data* eżistenti oħra meħtieġa biex tiġi vvalutata n-natura tal-kriżi tas-semikondutturi jew biex jiġu identifikati u vvalutati miżuri potenzjali ta' mitigazzjoni jew ta' emerġenza fil-livell nazzjonali jew tal-Unjoni. Fejn xieraq, il-Kummissjoni tista' tobligha lill-Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata, lill-Fonderiji Miftuħa tal-UE, lill-faċilitajiet għall-manifattura tas-semikondutturi li qabel kienu aċċettaw din il-possibbiltà fil-kuntest tar-riċeviment ta' sostenn pubbliku, jew impriżi tul il-katina tal-provvista tas-semikondutturi li jkunu ġew soġġetti għal talba għal ordni klassifikata bħala prijorità minn pajjiż terz sa punt li jkollu impatt sinifikanti fuq l-operat ta' setturi kritiċi, li jaċċettaw u li jipprijoritizzaw il-produzzjoni ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet għal setturi kritiċi. Barra minn hekk jew inkella, fuq talba ta' żewġ Stati Membri jew aktar, il-Kummissjoni tista', f'isimhom, taġixxi bħala korp ċentrali għall-akkwisti sabiex takkwista prodotti rilevanti għall-kriżijiet għas-setturi kritiċi. Il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, se tivvaluta l-utilità, il-ħtieġa u l-proporzjonalità tat-talba. Għad-definizzjoni ta' setturi kritiċi, dan ir-Regolament jirreferi għas-setturi elenkati fl-Anness tal-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi⁴⁸, u barra minn hekk, għas-settur tad-difiża u attivitajiet oħra li huma rilevanti għas-sikurezza u s-sigurtà pubblika, u jipprevedi li l-Kummissjoni tista' tillimita dawn il-miżuri ta' emerġenza għal ċerti setturi f'din il-lista.

1.5. Kapitolu V – Governanza

Il-Kapitolu V jistabbilixxi s-sistemi ta' governanza fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali. Fil-livell tal-Unjoni, il-proposta tistabbilixxi Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, magħmul minn rappreżentanti mill-Istati Membri u mmexxi mill-Kummissjoni. Il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi se jipprovidi pariri dwar l-Inizjattiva lill-Bord tal-awtoritajiet pubbliċi tal-Impriża Konġunta taċ-Ċipep (pilastru 1); jipprovidi pariri u assistenza lill-Kummissjoni sabiex jiskambjaw informazzjoni dwar il-funzjonament tal-Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata, il-Fonderiji Miftuħa tal-UE (pilastru 2); jiddiskuti u jħejji l-identifikazzjoni ta' setturi u teknoloġiji kritiċi speċifiċi, jindirizza kwistjonijiet ta' monitoraġġ u ta' rispons għall-kriżijiet (pilastru 3), u jipprovidi appoġġ fl-applikazzjoni konsistenti tar-Regolament propost u jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. Il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi għandu jappoġġa lill-Kummissjoni f'kooperazzjoni internazzjonali. Huwa għandu jikkoordina u jiskambja wkoll informazzjoni ma' strutturi rilevanti ta' kriżi stabbiliti skont id-dritt tal-

⁴⁸ COM(2020) 829. 16.12.2020.

Unjoni. Il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi se jiltaqa' f'kompożizzjonijiet differenti u se jorganizza laqgħat separati għall-kompiti tiegħu skont il-pilastru 1 u għall-kompiti tiegħu skont il-pilastri 2 u 3. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi sottogruppi permanenti jew temporanji tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi u tistieden organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi tal-industrija tas-semikondutturi u partijiet ikkonċernati oħrajn għal tali sottogruppi bħala osservaturi.

Fil-livell nazzjonali, l-Istati Membri se jaħtru awtorità nazzjonali kompetenti waħda jew aktar u, fosthom, punt uniku ta' kuntatt nazzjonali għall-finijiet tal-implimentazzjoni tar-Regolament.

1.6. Kapitolu VI, VII, VIII – Dispożizzjonijiet Finali

Il-Kapitolu VI jenfasizza l-obbligu tal-partijiet kollha li jirrispettaw il-kunfidenzjalità ta' informazzjoni sensitiva dwar in-negozju u sigrieti kummerċjali. L-obbligu japplika għall-Kummissjoni, għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u għal awtoritajiet oħra tal-Istati Membri, kif ukoll għar-rappreżentanti u l-esperti kollha li jattendu l-laqgħat tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi u tal-Kumitat. Il-Kapitolu jistabbilixxi wkoll regoli dwar penali u multi effikaċi, proporzjonati u dissważivi għan-nuqqas ta' konformità mal-obbligi skont dan ir-Regolament, soġġetti għal salvagwardji xierqa. Il-Kummissjoni tista' timponi pagamenti perjodiċi ta' penali għan-nuqqas tal-impriżi rilevanti li jaċċettaw u li jipprijoritizzaw ċerti ordnijiet fi kriżi tas-semikondutturi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' timponi multi fuq impriża li tipprovdi informazzjoni skorretta, inkompleta jew qarrieqa, jew meta ma tipprovdi l-informazzjoni fil-limitu ta' żmien preskritt.

Il-Kapitolu VII jistabbilixxi r-regoli u l-kundizzjonijiet għall-eżerċitar tad-delega u s-setgħat ta' implimentazzjoni. Il-proposta tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta, fejn xieraq, atti ta' implimentazzjoni biex tippermetti speċifikazzjoni proċedurali u tiżgura applikazzjoni uniformi tar-Regolament u tal-atti delegati biex temenda l-Anness I (l-attivitajiet stabbiliti fih b'mod konsistenti mal-oġġettivi tal-Inizjattiva) u l-Anness II (l-indikaturi li jistgħu jitkejlu u d-dispożizzjonijiet dwar l-istabiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni biex jiġi ssupplimentat dan ir-Regolament).

Il-Kapitolu VIII fih emendi għal atti oħra, inkluż Ewropa Diġitali, u obbligu għall-Kummissjoni li tħejji rapporti regolari għall-evalwazzjoni u għar-rieżami tar-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jistabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi
(l-Att dwar iċ-Ċipep)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari **l-Artikoli** 173(3), 182(1), 183 u 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁴⁹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni⁵⁰,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Is-semikondutturi huma ċentrali għal kwalunkwe apparat diġitali: mill-ismartphones u l-karozzi, sal-applikazzjonijiet u l-infrastrutturi kritiċi fl-oqsma tas-saħħa, tal-enerġija, tal-komunikazzjonijiet u tal-awtomatizzazzjoni u l-biċċa l-kbira tas-setturi industrijali l-oħrajn. Għad li s-semikondutturi huma essenzjali għall-funzjonament tal-ekonomija u s-soċjetà moderni tagħna, l-Unjoni rat tfixkil bla preċedent fil-provvista tagħhom. In-nuqqas attwali tal-provvista huwa sintomu ta' nuqqasijiet strutturali permanenti u serji fil-katina tal-valur u fil-katina tal-provvista tas-semikondutturi tal-Unjoni. It-tfixkil kixef vulnerabbiltajiet fit-tul f'dan ir-rigward, b'mod partikolari dipendenza qawwija fuq pajjiżi terzi f'dak li jikkonċerna l-manifattura u d-disinjari taċ-ċipep.
- (2) Jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas għaż-żieda tar-reżiljenza tal-Unjoni fil-qasam tat-teknoloġiji tas-semikondutturi, li jstimula l-investment, isaħħaħ il-kapaċitajiet tal-katina tal-provvista tas-semikondutturi tal-Unjoni, u jżid il-kooperazzjoni fost l-Istati Membri u l-Kummissjoni.
- (3) Dan il-qafas għandu żewġ objettivi. L-ewwel objettiv huwa li jiġu żgurati l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-kompetittività u għall-kapaċità ta' innovazzjoni tal-Unjoni u li jiġi żgurat l-aġġustament tal-industrija għal bidliet strutturali minħabba ċikli rapidi ta' innovazzjoni u l-ħtieġa għal sostenibbiltà. It-tieni objettiv, separat u li jikkumplimenta lill-ewwel wieħed, huwa li jittejjeb il-funzjonament tas-suq intern permezz tal-istabbiliment ta' qafas legali uniformi tal-Unjoni għaż-żieda tar-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni fil-qasam tat-teknoloġiji tas-semikondutturi.

⁴⁹ ĠU C , , p. .

⁵⁰ ĠU C , , p. .

- (4) Jeħtieġ jittieħdu miżuri biex tinbena l-kapaċità u jissaħħaħ is-settur tas-semikondutturi tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 173(3) tat-Trattat. Dawn il-miżuri ma jinvolvux l-armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali. F'dan ir-rigward, l-Unjoni jenħtieġ li ssaħħaħ il-kompetittività u r-reżiljenza tal-bażi teknoloġika u industrijali tas-semikondutturi, filwaqt li ssaħħaħ il-kapaċità tal-innovazzjoni tas-settur tas-semikondutturi tagħha, tnaqqas id-dipendenza fuq għadd limitat ta' kumpaniji u ta' ġeografiji ta' pajjiżi terzi, u ssaħħaħ il-kapaċità tagħha li tfassal u tipproduċi komponenti avvanzati. L-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa (l-“Inizjattiva”) jenħtieġ li tappoġġa dawn l-għanijiet billi tnaqqas id-distakk bejn il-kapaċitajiet avvanzati ta' riċerka u innovazzjoni tal-Ewropa u l-isfruttament industrijali sostenibbli tagħhom. Din jenħtieġ li tippromwovi l-bini tal-kapaċità biex tippermetti d-disinjar, il-produzzjoni u l-integrazzjoni tas-sistemi fit-teknoloġiji tas-semikondutturi tal-ġenerazzjoni li jmiss, itejjeb il-kollaborazzjoni fost l-atturi ewlenin madwar l-Unjoni, isaħħaħ il-ktajjen tal-provvista u tal-valur tas-semikondutturi tal-Ewropa, filwaqt li jservi setturi industrijali ewlenin u toħloq swieq ġodda.
- (5) L-użu tas-semikondutturi huwa kritiku għal diversi setturi ekonomiċi u funzjonijiet tas-soċjetà fl-Unjoni u għalhekk, provvista reżiljenti għall-funzjonament tas-suq intern hija essenzjali. Minħabba ċ-ċirkolazzjoni wiesgħa ta' prodotti ta' semikondutturi bejn il-fruntieri, ir-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tas-semikondutturi jistgħu jiġu indirizzati bl-aqwa mod permezz tal-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat. Bl-għan li jkun jistgħu jittieħdu miżuri kkoordinati għall-bini tar-reżiljenza, huma meħtieġa regoli armonizzati għall-iffaċilitar tal-implimentazzjoni ta' proġetti speċifiċi li jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-provvista ta' semikondutturi fl-Unjoni. Il-mekkaniżmu propost ta' monitoraġġ u ta' rispons għall-kriżijiet jenħtieġ li jkun uniformi biex jippermetti approċċ koordinat għat-tnejjija għall-kriżijiet fil-katina tal-valur tas-semikondutturi transfruntieri.
- (6) L-ilħuq ta' dawn l-oġġettivi se jkun appoġġat minn mekkaniżmu ta' governanza. Fil-livell tal-Unjoni, dan ir-Regolament jistabbilixxi Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri u mmexxi mill-Kummissjoni. Il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi se jipprovdi pariri u se jassisti lill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet speċifiċi, inkluż l-applikazzjoni konsistenti ta' dan ir-Regolament, l-iffaċilitar tal-kooperazzjoni fost l-Istati Membri u l-iskambju ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati ma' dan ir-Regolament. Il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi jenħtieġ li jorganizza laqgħat separati għall-kompiti tiegħu skont il-kapitoli differenti ta' dan ir-Regolament. Il-laqgħat differenti jistgħu jinkludu kompożizzjonijiet differenti tar-rappreżentanti ta' livell għoli u l-Kummissjoni tista' tistabbilixxi sottogruppi.
- (7) Minħabba n-natura globalizzata tal-katina tal-provvista tas-semikondutturi, il-kooperazzjoni internazzjonali ma' pajjiżi terzi hija element importanti biex tinkiseb reżiljenza tal-ekosistema tas-semikondutturi tal-Unjoni. L-azzjonijiet meħuda skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jippermettu wkoll lill-Unjoni jkollha rwol aktar b'saħħtu, bħala ċentru ta' eċċellenza, f'ekosistema ta' semikondutturi globali u interdipendenti li taħdem aħjar. Il-Kummissjoni, assistita mill-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, jenħtieġ li tikkoopera u tibni sħubijiet ma' pajjiżi terzi bl-għan li jinstabu soluzzjonijiet biex jiġi indirizzat, sa fejn ikun possibbli, it-tfixkil tal-katina tal-provvista tas-semikondutturi.
- (8) Is-settur tas-semikondutturi huwa kkaratterizzat minn spejjeż għoljin ħafna ta' żvilupp u innovazzjoni u kostijiet għoljin ħafna għall-bini tal-faċilitajiet tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni tal-ogħla livell biex tiġi appoġġata l-produzzjoni industrijali. Dan

għandu impatt dirett fuq il-kompetittività u l-kapaċità tal-innovazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, kif ukoll fuq is-sigurtà u r-reżiljenza tal-provvista. Fid-dawl tat-tagħlimiet meħuda minn nuqqasijiet riċenti fl-Unjoni u madwar id-dinja u l-evoluzzjoni rapida tal-isfidi tat-teknoloġija u taċ-ċikli ta' innovazzjoni li jaffettwaw il-katina tal-valur tas-semikondutturi, huwa meħtieġ li tissaħħaħ il-kompetittività, ir-reżiljenza u l-kapaċità ta' innovazzjoni tal-Unjoni billi tiġi stabbilita l-Inizjattiva.

- (9) L-Istati Membri huma primarjament responsabbli għas-sostenn ta' bażi industrijali, kompetittiva, sostenibbli u innovattiva b'saħħitha tal-Unjoni. Madankollu, in-natura u l-iskala tal-isfida tal-innovazzjoni fis-settur tas-semikondutturi jeħtieġu azzjoni li trid tittieħed b'mod kollaborattiv fil-livell tal-Unjoni.
- (10) Il-programm Qafas Orizzont Ewropa stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵¹ (Orizzont Ewropa) – il-Programm Qafas għar-Riċerka u Innovazzjoni, għandu l-oġettiv li jsaħħaħ iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER), u jħeġġiġha ssir aktar kompetittiva, anki fl-industrija tagħha, filwaqt li jippromwovi l-attivitàjiet kollha ta' riċerka u innovazzjoni (R&I) biex jitwettqu l-prijoritajiet u l-impenji strateġiċi tal-Unjoni, li finalment għandhom l-għan li jippromwovu l-paċi, il-valuri tal-Unjoni u l-benesseri tal-popli tagħha. Bħala prijorità ewlenija tal-Unjoni, ir-riżorsi finanzjarji totali allokat i għall-programm jenħtieġ li ma jitnaqqas u t-tnaqqis tar-riżorsi finanzjarji tal-programm, immirati biex isaħħu l-pakkett finanzjarju ta' Ewropa Diġitali bl-għan li jikkontribwixxu għall-inizjattiva dwar iċ-ċipep, jenħtieġ li jiġi kkompensat minn sors ieħor. Konsegwentement, mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi istituzzjonali tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ammont ta' approprjazzjonijiet ta' impenn ekwivalenti għat-tnaqqis jenħtieġ li jsir disponibbli għal Orizzont Ewropa tul il-perjodu 2023-2027, li jirriżultaw min-nuqqas ta' implimentazzjoni totali jew parzjali ta' proġetti li jappartjenu għal dak il-programm jew għall-predeċessur tiegħu, kif previst mill-Artikolu 15(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵² (ir-Regolament Finanzjarju). Dan l-ammont ma jinkludix l-ammont ta' EUR 0,5 biljun (fi prezzijiet tal-2018) diġà msemmija fid-Dikjarazzjoni Konġunta mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni dwar l-użu mill-ġdid ta' fondi rilaxxati fir-rigward tal-programm tar-riċerka.
- (11) Sabiex l-Unjoni jkollha l-kapaċitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tat-teknoloġija tas-semikondutturi meħtieġa biex iżżomm l-investimenti tagħha fir-riċerka u fl-industrija fuq quddiem nett, u biex tnaqqas id-distakk attwali bejn ir-riċerka u l-iżvilupp u l-manifattura, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jenħtieġ li jikkordinaw aħjar l-isforzi tagħhom u jikkoinvestu. Sabiex jinkiseb dan, l-Unjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu l-għanijiet ta' tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika. L-Inizjattiva fil-komponenti u fl-azzjonijiet kollha, sa fejn ikun possibbli, jenħtieġ li tintegra u timmassimizza l-benefiċċji tal-applikazzjoni tat-teknoloġiji tas-semikondutturi bħala

⁵¹ Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jstabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jstabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013. (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

⁵² Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

xprunaturi b'saħħithom għat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà li jistgħu jwasslu għal prodotti ġodda u għal użu aktar effiċjenti, effikaċi, nadif u durabbli tar-riżorsi, inkluż l-enerġija u l-materjali meħtieġa għall-produzzjoni u l-użu taċ-ċiklu tal-ħajja kollu tas-semikondutturi.

- (12) Sabiex tilħaq l-oġettiv ġenerali tagħha, u tindirizza kemm l-isfidi min-naħa tal-provvista kif ukoll dawk min-naħa tad-domanda tal-ekosistema tas-semikondutturi attwali, l-Inizjattiva jenħtieġ li tinkludi ħames komponenti ewlenin. L-ewwel nett, biex tissaħħaħ il-kapaċità tad-disinjar tal-Ewropa, l-Inizjattiva jenħtieġ li tappoġġa azzjonijiet favur il-bini ta' pjattaforma virtwali li hija disponibbli madwar l-Unjoni. Il-pjattaforma jenħtieġ li tgħaqqad il-komunitajiet tad-djar tad-disinjar, tal-SMEs u tan-negożji ġodda, tal-proprjetà intellettuali u tal-fornituri tal-ġhodod, mal-organizzazzjonijiet tar-riċerka u tat-teknoloġija biex jipprovdu soluzzjonijiet ta' prototip virtwali bbażati fuq il-kożvilupp tat-teknoloġija. It-tieni, sabiex jissaħħu s-sigurtà u r-reżiljenza tal-provvista u titnaqqas id-dipendenza tal-Unjoni fuq il-produzzjoni ta' pajjiżi terzi, l-Inizjattiva jenħtieġ li tappoġġa l-iżvilupp u l-aċċess għal-linji pilota. Il-linji pilota jenħtieġ li jipprovdu lill-industrija b'faċilità għall-ittestjar, għall-esperimentazzjoni u għall-ivvalidar tat-teknoloġiji tas-semikondutturi u kunċetti tad-disinn tas-sistema f'livelli oġħla ta' prontezza teknoloġika lil hinn mil-livell 3 iżda fil-livell 8 filwaqt li tnaqqas kemm jista' jkun l-impatti ambjentali. L-investimenti tal-Unjoni flimkien mal-investment min-naħa tal-Istati Membri flimkien mas-settur privat fil-linji pilota huma meħtieġa biex tiġi indirizzata l-isfida strutturali eżistenti u l-falliment tas-suq fejn tali faċilitajiet ma jkunux disponibbli fl-Unjoni u dan ifixkel il-potenzjal tal-innovazzjoni u l-kompetittività globali tal-Unjoni. It-tielet, sabiex ikunu jistgħu jsiru investimenti f'teknoloġiji alternattivi, bħat-teknoloġiji kwantistiċi, li jwasslu għall-iżvilupp tas-settur tas-semikondutturi, l-Inizjattiva jenħtieġ li tappoġġa azzjonijiet inkluż dawk dwar il-libreriji għad-disinjar taċ-ċipep kwantistiċi, il-linji pilota għall-bini ta' ċipep kwantistiċi u l-faċilitajiet għall-ittestjar u għall-esperimentazzjoni għall-komponenti kwantistiċi. Ir-raba', bl-għan li jiġi promoss l-użu tat-teknoloġiji tas-semikondutturi, sabiex jiġi pprovdut aċċess għad-disinn u għall-faċilitajiet tal-linja pilota, u sabiex jiġu indirizzati l-lakuni fil-ħiliet li jeżistu fl-Unjoni, l-Inizjattiva jenħtieġ li tappoġġa l-istabbiliment taċ-ċentri ta' kompetenza dwar is-semikondutturi f'kull Stat Membru. L-aċċess għal infrastruttura ffinanzjata pubblikament, bħal faċilitajiet pilota u ta' ttestjar, u għan-network ta' kompetenza, jenħtieġ li jkun miftuħ għal firxa wiesgħa ta' utenti u jenħtieġ li jingħata fuq bażi trasparenti u mhux diskriminatorja u fuq termini tas-suq (jew bażi ta' kost flimkien ma' marġini raġonevoli) għal impriżi kbar, filwaqt li l-SMEs jistgħu jibbenefikaw minn aċċess preferenzjali jew minn prezzijiet imnaqqsa. Tali aċċess, inkluż għas-šhab internazzjonali tar-riċerka u kummerċjali, jista' jwassal għal arrikkiment reċiproku usa' u għal kisbiet fl-għarfien espert u fl-eċċellenza, filwaqt li jikkontribwixxi għall-irkupru tal-kostijiet. Il-ħames, il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi appoġġ dedikat għall-faċilità ta' investment tas-semikondutturi (bħala parti mill-attivitajiet ta' faċilitazzjoni tal-investment deskritti b'mod kollettiv bħala l-“Fond għaċ-Ċipep”) li jipproponi soluzzjonijiet kemm ta' ekwità kif ukoll ta' dejn, inkluż faċilità ta' taħlit permezz tal-Fond InvestEU stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵³, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment u flimkien ma' šhab ta' implimentazzjoni oħrajn bħall-banek u l-

⁵³ Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017, ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30.

istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali. L-attivitajiet tal-“Fond għaċ-Ċipep” jenħtieġ li jappoġġaw l-iżvilupp ta’ ekosistema tas-semikondutturi dinamika u reżiljenti billi jipprovdu opportunitajiet għal disponibbiltà akbar ta’ fondi sabiex jappoġġaw it-kabbir ta’ negozji ġodda u SMEs kif ukoll investimenti fil-katina tal-valur, fosthom għal kumpaniji oħrajn fil-ktajjen tal-valur tas-semikondutturi. F’dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni se jipprovdi aktar appoġġ dedikat permezz ta’ għotjiet u investimenti ta’ ekwità għal innovaturi b’riskju għoli li joħolqu s-swieq.

- (13) Sabiex jingħelbu l-limitazzjonijiet tal-isforzi frammentati attwali tal-investimenti pubbliċi u privati, tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni, l-iskambju ta’ ideat u r-redditu fuq l-investment fuq il-programmi li għaddejjin u tiġi segwita viżjoni strateġika komuni tal-Unjoni dwar is-semikondutturi bħala mezz biex tintlaħaq l-ambizzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha li jiġi żgurat rwol ewlieni fl-ekonomija diġitali, l-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa jenħtieġ li tiffaċilita koordinazzjoni aħjar u sinerġiji aktar mill-qrib bejn il-programmi ta’ finanzjament eżistenti fil-livelli tal-Unjoni u nazzjonali, koordinazzjoni u kollaborazzjoni aħjar mal-industrija u mal-partijiet ikkonċernati ewlenin tas-settur privat u investimenti konġunti addizzjonali mal-Istati Membri. L-implimentazzjoni stabbilita tal-Inizjattiva hija mibnija biex tiġbor flimkien ir-riżorsi mill-Unjoni, mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi assoċjati mal-programmi eżistenti tal-Unjoni, kif ukoll mis-settur privat. Għalhekk, is-suċċess tal-Inizjattiva jista’ jinbena biss fuq sforz kollettiv mill-Istati Membri, mal-Unjoni, biex jiġu appoġġati kemm il-kostijiet kapitali sinifikanti kif ukoll id-disponibbiltà wiesgħa tad-disinjar virtwali, l-ittestjar u l-pilotaġġ tar-riżorsi u t-tixrid tal-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi. Fejn xieraq, fid-dawl tal-ispeċifitàjiet tal-azzjonijiet ikkonċernati, l-oġettivi tal-Inizjattiva, speċifikament l-attivitajiet tal-“Fond għaċ-Ċipep”, jenħtieġ li jiġu appoġġati wkoll permezz ta’ faċilità ta’ taħlit mill-Fond InvestEU.
- (14) L-appoġġ mill-Inizjattiva jenħtieġ li jintuża biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet tas-suq jew sitwazzjonijiet ta’ investment subottimali b’mod proporzjonat, u l-azzjonijiet jenħtieġ li ma jidduplikawx jew li ma jeskludux il-finanzjament privat jew ifixklu l-kompetizzjoni fis-suq intern. L-azzjonijiet jenħtieġ li jkollhom valur miżjud ċar għall-Unjoni.
- (15) L-Inizjattiva jenħtieġ li tibni fuq il-bażi b’saħħitha ta’ għarfien u ttejjeb is-sinerġiji ma’ azzjonijiet attwalment appoġġati mill-Unjoni u mill-Istati Membri permezz ta’ programmi u azzjonijiet fir-riċerka u l-innovazzjoni fis-semikondutturi u fl-iżviluppi ta’ parti mill-katina tal-provvista, b’mod partikolari Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁴ bl-għan li sal-2030 l-Unjoni tissaħħaħ bħala attur globali fit-teknoloġija tas-semikondutturi u fl-applikazzjonijiet tagħha, b’shem globali dejjem akbar fil-manifattura. Filwaqt li tikkomplimenta dawk l-attivitajiet, l-Inizjattiva tikkollabora mill-qrib ma’ partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn, inkluż mal-Alleanza Industrijali dwar il-Proċessuri u t-Teknoloġiji tas-Semikondutturi.
- (16) Bil-ħsieb li titħaffef l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-Inizjattiva, huwa meħtieġ li tiġi pprovduta għażla ta’ implimentazzjoni ta’ xi wħud mill-azzjonijiet tal-Inizjattiva, b’mod partikolari fuq linji pilota, permezz ta’ strument legali ġdid, il-Konsorzju Ewropew għall-Infrastruttura relatata maċ-Ċipep (ECIC). L-ECIC jenħtieġ li jkollu personalità ġuridika. Dan ifisser li meta ssir applikazzjoni għall-azzjonijiet li jridu jiġu

⁵⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ April 2021 li jstabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240. (ĠU L 166, 11.5.2021, p. 1).

ffinanzjati mill-Inizjattiva, l-ECIC innifsu, u mhux entitajiet individwali li jiffurmaw l-ECIC, jistgħu jkunu l-applikant. L-għan ewlieni tal-ECIC jenħtiegħ li jkun li jhegħgeġ il-kollaborazzjoni effikaċi u strutturali bejn l-entitajiet legali, inkluż l-organizzazzjonijiet tar-Riċerka u t-Teknoloġija. Għal din ir-raġuni, l-ECIC jrid jinvolvi l-parteċipazzjoni ta' minn tal-inqas tliet entitajiet legali minn tliet Stati Membri u jitħaddem bħala konsorzju tas-settur pubbliku-privat għal azzjoni speċifika. L-istabbiliment tal-ECIC jenħtiegħ li ma jinvolvi l-istabbiliment attwali ta' korp ġdid tal-Unjoni u jenħtiegħ li ma jkunx immirat lejn azzjoni waħda speċifika skont l-Inizjattiva. Huwa jenħtiegħ li jindirizza d-distakk fis-sett ta' għodod tal-Unjoni biex jikkombina l-finanzjament mill-Istati Membri, il-baġit tal-Unjoni u l-investment privat għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-Inizjattiva. B'mod partikolari, jistgħu jinkisbu sinerġiji b'saħħithom permezz tal-iżvilupp ikkombinat tal-linji pilota differenti fil-ECIC, li jiġbru flimkien il-kontribuzzjoni tal-Unjoni mar-riżorsi kollettivi tal-Istati Membri u parteċipanti oħra. Il-baġit tal-ECIC li jsir disponibbli mill-Istati Membri u mill-parteċipanti fis-settur privat matul il-perjodu ta' operazzjoni previst tiegħu jenħtiegħ li jirrispetta l-perjodi ta' żmien tal-azzjonijiet implimentati skont din l-Inizjattiva. Il-Kummissjoni jenħtiegħ li ma tkunx parti fil-Konsorzju b'mod dirett.

- (17) L-implimentazzjoni primarja tal-Inizjattiva jenħtiegħ li tiġi fdata lill-Impriża Konġunta taċ-Ċipep kif stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill XX/XX li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2085 li jstabbilixxi l-Impriżi Konġunti ta' Orizzont Ewropa, fir-rigward tal-Impriża Konġunta taċ-Ċipep⁵⁵.
- (18) Sabiex jiġi mhegħgeġ l-istabbiliment tal-kapaċitajiet ta' manifattura u ta' disinjar relatati meħtieġa, u b'hekk tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni, is-sostenn pubbliku jaf ikun xieraq. F'dak ir-rigward, jeħtiegħ jiġu stabbiliti l-kriterji biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' proġetti speċifiċi li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-oġettivi ta' dan ir-Regolament u ssir distinzjoni bejn żewġ tipi ta' faċilitajiet, jiġifieri: il-Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata u l-Fonderiji Miftuħa tal-UE.
- (19) Il-Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata u l-Fonderiji Miftuħa tal-UE jenħtiegħ li jipprovdu kapaċitajiet ta' manifattura tas-semikondutturi li huma l-ewwel tat-tip tagħhom fl-Unjoni u jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-provvista u għal ekosistema reżiljenti fis-suq intern. Il-fattur kwalifikanti għall-produzzjoni ta' faċilità li hija l-ewwel tat-tip tagħha jista' jkun fir-rigward tan-nodu tat-teknoloġija, tal-materjal tas-substrat, bħall-karbur tas-siliċju u n-nitrur tal-gallju, u ta' innovazzjoni oħra tal-prodott li tista' toffri prestazzjoni aħjar, teknoloġija tal-proċessar aħjar jew prestazzjoni enerġetika u ambjentali aqwa. Jenħtiegħ li faċilità ta' kapaċità komparabbli fuq skala industrijali għad ma tkunx preżenti jew impenjata li tinbena b'mod sostantiv fl-Unjoni, minbarra l-faċilitajiet għar-riċerka u l-iżvilupp jew is-siti ta' produzzjoni fuq skala żgħira.
- (20) Meta Fonderija Miftuħa tal-UE toffri kapaċità ta' produzzjoni lil impriżi mhux relatati mal-operatur tal-faċilità, il-Fonderija Miftuħa tal-UE jenħtiegħ li tistabbilixxi, timplimenta u żżomm separazzjoni funzjonali adegwata u effikaċi sabiex tipprevjeni l-iskambju ta' informazzjoni kunfidenzjali bejn il-produzzjoni interna u esterna. Dan jenħtiegħ li japplika għal kwalunkwe informazzjoni miksuba fid-disinjar u fil-proċessi ta' manifattura front-end u back-end.
- (21) Sabiex jikkwalifikaw bħala Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata jew bħala Fonderiji Miftuħa tal-UE, l-istabbiliment u t-tħaddim tal-faċilità jenħtiegħ li jkollhom impatt

⁵⁵ [...].

pożittiv ċar fuq il-katina tal-valur tas-semikondutturi fl-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-provvista reżiljenti ta' semikondutturi lill-utenti fis-suq intern. L-impatt fuq diversi Stati Membri, inkluż l-oġġettivi ta' koeżjoni, jenħtieġ li jitqies bħala wieħed mill-indikaturi ta' impatt pożittiv ċar ta' Faċilità ta' Produzzjoni Integrata jew ta' Fonderija Miftuħa fuq il-katina tal-valur tas-semikondutturi fl-Unjoni.

- (22) Huwa importanti li l-Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata u l-Fonderiji Miftuħa tal-UE ma jkunux soġġetti għal applikazzjoni ekstras-territorjali tal-obbligi tas-servizz pubbliku imposti minn pajjiżi terzi li jistgħu jimminaw il-kapaċità tagħhom li jużaw l-infrastruttura, is-software, is-servizzi, il-faċilitajiet, l-assi, ir-riżorsi, il-proprjetà intellettwali jew il-kompetenza meħtieġa tagħhom biex jiġi ssodisfat l-obbligu fuq l-ordnijiet klassifikati bħala prijorità skont dan ir-Regolament, li dawn ikollhom jiggarantixxu.
- (23) Fid-dawl tal-iżvilupp rapidu tat-teknoloġiji tas-semikondutturi u biex tissaħħaħ il-kompetittività industrijali futura tal-Unjoni, il-Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata u l-Fonderiji Miftuħa tal-UE jenħtieġ li jimpenjaw ruħhom li jkomplu u li jagħmlu investiment effiċjenti fil-ġenerazzjonijiet li ġejjin ta' semikondutturi, fosthom permezz tal-ittejtjar u l-esperimentazzjoni ta' żviluppi ġodda permezz ta' aċċess prijoritarju għal-linji pilota stabbiliti mill-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa, mingħajr preġudizzju għal aċċess effettiv minn oħrajn.
- (24) Sabiex tippermetti proċedura uniformi u trasparenti biex jinkiseb rikonossiment bħala Faċilità ta' Produzzjoni Integrata jew bħala Fonderija Miftuħa tal-UE, id-deċiżjoni ta' rikonossiment jenħtieġ li tiġi adottata mill-Kummissjoni wara l-applikazzjoni minn impriża individwali jew konsorzju ta' diversi impriżi. Sabiex jittieħed kont tal-importanza ta' implimentazzjoni koordinata u b'kooperazzjoni tal-faċilità pjanata, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis fil-valutazzjoni tagħha l-istat ta' tħejjija tal-Istat Membru jew tal-Istati Membri fejn l-applikant ikollu l-ħsieb li jistabbilixxi l-faċilitajiet tiegħu biex jappoġġa l-istabbiliment. Barra minn hekk, meta tivvaluta l-vijabbiltà tal-pjan ta' direzzjoni tan-negożju, il-Kummissjoni tista' tqis ir-rekord ġenerali tal-applikant. Fid-dawl tal-privileġġi marbuta mar-rikonossiment bħala Faċilità ta' Produzzjoni Integrata jew bħala Fonderija Miftuħa tal-UE, il-Kummissjoni jenħtieġ li timmonitorja jekk il-faċilitajiet li nġħataw dan l-istatus għadhomx konformi mal-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (25) Fid-dawl tal-importanza tagħhom biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista u biex tkun tista' ssir ekosistema tas-semikondutturi reżiljenti, il-Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata u l-Fonderiji Miftuħa tal-UE jenħtieġ li jitqiesu li huma fl-interess pubbliku. L-iżgurar tas-sigurtà tal-provvista tas-semikondutturi huwa importanti wkoll għad-diġitalizzazzjoni li tippermetti t-tranżizzjoni ekoloġika ta' ħafna setturi oħra. Sabiex jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-provvista ta' semikondutturi fl-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu japplikaw skemi ta' appoġġ u jipprevedu appoġġ amministrattiv fil-proċeduri nazzjonali għall-ġħoti ta' permessi. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Kummissjoni fil-qasam tal-ġħajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, fejn rilevanti. L-Istati Membri jenħtieġ li jappoġġaw l-istabbiliment ta' Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata u ta' Fonderiji Miftuħa tal-UE f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.
- (26) Huwa meħtieġ li l-Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata u l-Fonderiji Miftuħa tal-UE jiġu stabbiliti mill-aktar fis possibbli, filwaqt li l-piż amministrattiv jinżamm għal minimu. Għal dik ir-raġuni, l-Istati Membri jenħtieġ li jittrattaw applikazzjonijiet relatati mal-ippjanar, mal-bini u mat-tħaddim ta' Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata

u l-Fonderiji Miftuħa tal-UE bl-aktar mod rapidu possibbli. Jenħtieġ li jaħtru awtorità li tiffaċilita u tikkoordina l-proċessi għall-għoti tal-permessi u għandhom jaħtru koordinatur, li jservi bħala punt ta' kuntatt uniku għall-proġett. Barra minn hekk, fejn meħtieġ għall-għoti ta' deroga skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE⁵⁶ u d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁷, l-istabbiliment u t-tħaddim ta' dawn il-faċilitajiet jistgħu jitqiesu bħala ta' interess pubbliku prevalenti skont it-tifsira tat-testi legali msemmija hawn fuq, sakemm il-kundizzjonijiet l-oħrajn stabbiliti f'dawn id-dispożizzjonijiet jiġu ssodisfati.

- (27) Is-suq intern jibbenefika ħafna minn standards komuni għal ċipep ekoloġiċi, affidabbli u siguri. L-apparati intelliġenti, is-sistemi u l-pjattaformi ta' konnettività futuri se jkollhom jibbażaw fuq komponenti ta' semikondutturi avvanzati u se jkollhom jissodisfaw rekwiżiti ekoloġiċi, ta' fiduċja u ta' ċibersigurtà li fil-biċċa l-kbira se jiddependu fuq il-karatteristiċi tat-teknoloġija sottostanti. Għal dak il-għan, l-Unjoni jenħtieġ li tiżviluppa proċeduri ta' ċertifikazzjoni ta' referenza u tirrikjedi li l-industrija tiżviluppa b'mod konġunt tali proċeduri għal setturi u teknoloġiji speċifiċi b'impatt soċjali għoli potenzjali.
- (28) Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, jenħtieġ li tħejji t-triq għal ċertifikazzjoni ta' ċipep ekoloġiċi, affidabbli u siguri u sistemi inkorporati li jibbażaw fuq it-teknoloġiji tas-semikondutturi jew li jagħmlu użu estensiv minnhom. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiddiskutu u jidentifikaw is-setturi u l-prodotti rilevanti li jeħtieġu tali ċertifikazzjoni.
- (29) Fid-dawl tan-nuqqasijiet strutturali tal-katina tal-provvista tas-semikondutturi u r-riskju li jirriżulta ta' nuqqasijiet futuri, dan ir-Regolament jipprovdi strumenti għal approċċ ikkoordinat għall-monitoraġġ u għall-indirizzar effikaċi tat-tfixkil possibbli tas-suq.
- (30) Minħabba l-ktajjen tal-valur tas-semikondutturi kumplessi, li qed jevolvu malajr u li huma interkonnessi ma' diversi atturi, huwa meħtieġ approċċ koordinat għal monitoraġġ regolari biex tiżdied il-kapaċità li jittaffew ir-riskji li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-provvista tas-semikondutturi. L-Istati Membri jenħtieġ li jimmonitorjaw il-katina tal-valur tas-semikondutturi li tiffoka fuq indikaturi ta' twissija bikrija u d-disponibbiltà u l-integrità tas-servizzi u l-oġġetti pprovduti minn atturi ewlenin tas-suq, b'tali mod li ma tirrappreżentax piż amministrattiv eċċessiv għall-impriżi.
- (31) Kwalunkwe sejba rilevanti, inkluż informazzjoni pprovduta mill-partijiet ikkonċernati rilevanti u mill-assoċjazzjonijiet tal-industrija, jenħtieġ li tiġi pprovduta lill-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi biex ikun jista' jsir skambju regolari ta' informazzjoni bejn ir-rappreżentanti ta' livell għoli tal-Istati Membri u għall-integrazzjoni tal-informazzjoni f'ħarsa ġenerali ta' monitoraġġ tal-ktajjen tal-valur tas-semikondutturi.
- (32) Huwa importanti li jittieħed kont tal-għarfien speċifiku dwar is-sitwazzjoni tal-provvista tal-utenti tas-semikondutturi. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jidentifikaw u jiskambjaw regolarment mal-kategoriji ewlenin ta' utenti fis-swieq nazzjonali tagħhom. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li joffru l-possibbiltà

⁵⁶ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa.

⁵⁷ Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma.

għall-organizzazzjonijiet rilevanti tal-partijiet ikkonċernati, inkluż l-assoċjazzjonijiet tal-industrija u r-rappreżentanti tal-kategoriji ewlenin tal-utenti, li jipprovdu informazzjoni dwar bidliet sinifikanti fid-domanda u fil-provvista, u tfixkil magħruf fil-katina tal-provvista tagħhom, dan jista' jinkludi n-nuqqas ta' disponibbiltà ta' semikondutturi kritiċi jew ta' materja prima, itwal mill-medja tal-ħin ta' thejjiya, dewmien fil-konsenja u żidiet eċċezzjonali fil-prezzijiet.

- (33) Sabiex iwettqu dawn l-attivitajiet ta' monitoraġġ, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jkollhom bżonn ta' ċerta informazzjoni, li jaf ma tkunx aċċessibbli għall-pubbliku, bħal informazzjoni dwar ir-rwol ta' impriża individwali tul il-katina tal-valur tas-semikondutturi. F'dawk iċ-ċirkostanzi limitati li fihom ikun meħtieġ u proporzjonat għall-finijiet tat-twettiq tal-attivitajiet ta' monitoraġġ, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jitolbu din l-informazzjoni mill-impriża ikkonċernata.
- (34) L-Istati Membri jenħtieġ li jwissu lill-Kummissjoni jekk il-fatturi rilevanti jindikaw kriżi ta' semikondutturi potenzjali. Sabiex tiġi żgurata reazzjoni koordinata għall-indirizzar ta' kriżijiet bħal dawn, il-Kummissjoni jenħtieġ li, fuq it-twissija ta' Stat Membru jew permezz ta' sorsi oħra, inkluż informazzjoni mingħand sħab internazzjonali, issejjaħ laqgħa straordinarja tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi għall-valutazzjoni tal-ħtieġa li tiġi attivata l-fażi ta' kriżi u għad-diskussjoni dwar jekk jistax ikun xieraq, meħtieġ u proporzjonat għall-Istati Membri li jwettqu akkwist konġunt koordinat. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tinvolvi ruħha f'konsultazzjonijiet u f'kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi rilevanti bil-ħsieb li jiġi indirizzat kwalunkwe tfixkil fil-katina tal-provvista internazzjonali, f'konformità mal-obbligi internazzjonali u mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti proċedurali skont it-Trattat dwar il-ftehimiet internazzjonali.
- (35) Bħala parti mill-monitoraġġ, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jenħtieġ li jagħmlu wkoll immappjar tal-impriżi li joperaw fl-Unjoni tul il-katina tal-provvista tas-semikondutturi stabbiliti fit-territorju nazzjonali tagħhom u jgħaddu din l-informazzjoni lill-Kummissjoni.
- (36) Sabiex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ effikaċi, hija meħtieġa valutazzjoni fil-fond tar-riskji assoċjati ma' stadji differenti tal-katina tal-valur tas-semikondutturi, inkluż dwar l-oriġini u s-sorsi tal-provvisti lil hinn mill-Unjoni. Tali riskji jistgħu jkunu relatati ma' inputs u ma' tagħmir kritiċi għall-industrija, inkluż prodotti diġitali li jaf ikunu vulnerabbli, impatt possibbli ta' semikondutturi ffalsifikati, kapaċitajiet ta' manifattura u riskji oħra li jistgħu jfixklu, jikkompromettu jew jaffettwaw b'mod negattiv il-katina tal-provvista. Dawk ir-riskji jistgħu jinkludu ktajjen tal-provvista b'punt uniku ta' falliment jew li inkella jkunu kkonċentriati ħafna. Fatturi rilevanti oħra jistgħu jinkludu d-disponibbiltà ta' sostituti jew sorsi alternattivi għal inputs kritiċi u trasport reżiljenti u sostenibbli. Il-Kummissjoni, assistita mill-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi u filwaqt li tqis ukoll l-informazzjoni li tirċievi mill-kategoriji ta' utenti ewlenin, jenħtieġ li tiżviluppa valutazzjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni.
- (37) Sabiex tippredvi u tħejji għal tfixkil futur tal-istadji differenti tal-katina tal-valur tas-semikondutturi fl-Unjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li, bl-għajjnuna tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, tidentifika indikaturi ta' twissija bikrija fil-valutazzjoni tar-riskju tal-Unjoni. Indikaturi bħal dawn jistgħu jinkludu d-disponibbiltà ta' materja prima, prodotti intermedji u kapital uman meħtieġa għall-manifattura tas-semikondutturi, jew tagħmir tal-manifattura xieraq, id-domanda prevista għas-semikondutturi fis-swieq tal-Unjoni u dawk globali, iż-żidiet fil-prezzijiet li jaqbz u l-

fluttwazzjonijiet normali fil-prezzijiet, l-effett ta' inċidenti, attacchi, diżastri naturali jew avvenimenti serji oħra, l-effett tal-politiki kummerċjali, it-tariffi, ir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni, l-ostakli kummerċjali u miżuri oħra relatati mal-kummerċ, u l-effett tal-għeluq tan-negozju, tad-delokalizzazzjonijiet jew tal-akkwiżizzjonijiet ta' atturi ewlenin tas-suq. L-Istati Membri jenħtiegħ li jimmonitorjaw dawn l-indikaturi ta' twissija bikrija.

- (38) Għadd ta' impriżi li jipprovdu servizzi jew oġġetti tas-semikondutturi huma preżunti li huma essenzjali għal katina tal-provvista tas-semikondutturi effikaċi fl-ekosistema tas-semikondutturi tal-Unjoni, minħabba l-għadd ta' impriżi tal-Unjoni li jiddependu fuq il-prodotti tagħhom, is-sehem tagħhom mis-suq tal-Unjoni jew globali, l-importanza tagħhom li jiżguraw livell suffiċjenti ta' provvista jew l-impatt possibbli tat-tfixkil fil-provvista tal-prodotti jew tas-servizzi tagħhom. L-Istati Membri jenħtiegħ li jidentifikaw dawk l-atturi ewlenin tas-suq fit-territorju tagħhom.
- (39) Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/452 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni⁵⁸, fid-determinazzjoni ta' jekk investiment dirett barrani huwiex probabbli li jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jistgħu jikkunsidraw l-effetti potenzjali tiegħu fuq teknoloġiji kritiċi u oġġetti b'użu doppju kif definiti fil-punt 1 tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009⁵⁹, inkluż is-semikondutturi.
- (40) Bħala parti mill-monitoraġġ, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw speċifikament id-disponibbiltà u l-integrità tas-servizzi u tal-oġġetti ta' atturi ewlenin tas-swieq. Kwistjonijiet bħal dawn jistgħu jitressqu għall-attenzjoni tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi mill-Istat Membru kkonċernat.
- (41) Għal rispons rapidu, effiċjenti u kkoordinat min-naħa tal-Unjoni għal kriżi tas-semikondutturi, huwa meħtiegħ li tiġi pprovduta informazzjoni f'waqtha u aġġornata lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet dwar is-sitwazzjoni operazzjonali li qiegħda tiżviluppa kif ukoll billi jiġi żgurat li jkunu jistgħu jittieħdu miżuri effikaċi biex tiġi żgurata l-provvista ta' semikondutturi lis-setturi kritiċi affettwati.
- (42) Il-fażi ta' kriżi tas-semikondutturi jenħtiegħ li tiġi attivata fil-preżenza ta' evidenza konkreta, serja u affidabbli ta' tali kriżi. Kriżi tas-semikondutturi sseħħ f'każ ta' tfixkil serju fil-provvista ta' semikondutturi li jwasslu għal nuqqasijiet sinifikanti li jinvolvu dewmien sinifikanti u effetti negattivi fuq settur ekonomiku importanti wieħed jew aktar fl-Unjoni, jew direttament jew permezz ta' effetti kollaterali tan-nuqqas, minħabba li s-setturi industrijali tal-Unjoni jirrappreżentaw bażi ta' utenti b'saħħitha ta' semikondutturi. Alternattivament jew barra minn hekk, kriżi tas-semikondutturi sseħħ ukoll meta tfixkil serju fil-provvista tas-semikondutturi jwassal għal nuqqasijiet sinifikanti li jipprevjenu l-provvista, it-tiswija u l-manutenzjoni ta' prodotti essenzjali użati minn setturi kritiċi, pereżempju tagħmir mediku u dijanjostiku.
- (43) Sabiex jiġi żgurat rispons aġli u effikaċi għal kriżi tas-semikondutturi bħal din, il-Kummissjoni jenħtiegħ li tingħata s-setgħa li tattiva l-fażi ta' kriżi permezz ta' atti ta' implimentazzjoni u għal perjodu ta' żmien determinat minn qabel, filwaqt li titqies l-opinjoni tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi. Il-Kummissjoni jenħtiegħ li

⁵⁸ Ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni (ĠU L 79I, 21.3.2019, p. 1-14).

⁵⁹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju (ĠU L 134, 29.5.2009, p. 1-269).

tivvaluta l-ħtieġa għal estensjoni u testendi d-durata tal-fażi ta' kriżi għal perjodu determinat minn qabel, jekk tali ħtieġa tiġi aċċertata, filwaqt li tqis l-opinjoni tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi.

- (44) Il-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u l-koordinazzjoni ta' kull miżura nazzjonali meħuda fir-rigward tal-katina tal-provvista tas-semikondutturi huma indispensabbli tul il-fażi ta' kriżi bl-għan li jiġi indirizzat it-tfixkil bil-koerenza, bir-reżiljenza u bl-effettività meħtieġa. Għal dan l-għan, il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi jenħtieġ li jorganizza laqgħat straordinarji kif meħtieġ. Kwalunkwe miżura meħuda jenħtieġ li tkun strettament limitata għall-perjodu ta' żmien tal-fażi ta' kriżi.
- (45) Jenħtieġ li jiġu identifikati u implimentati miżuri xierqa, effikaċi u proporzjonati meta tiġi attivata l-fażi ta' kriżi mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà ta' involviment internazzjonali kontinwu mas-sħab rilevanti bl-għan li tiġi mmitigata s-sitwazzjoni ta' kriżi li tkun qiegħda tevolvi. Fejn xieraq, il-Kummissjoni jenħtieġ li titlob informazzjoni mingħand l-impriżi tul il-katina tal-provvista tas-semikondutturi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista', fejn meħtieġ u proporzjonat, tobbliga lill-Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata u lill-Fonderiji Miftuħa tal-UE biex jaċċettaw u jiprijoritizzaw ordni tal-produzzjoni ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet, u biex taġixxi bħala korp ċentrali għall-akkwisti meta tingħata mandat mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni tista' tillimita l-miżuri għal ċerti setturi kritiċi. Barra minn hekk, il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi jista' jagħti pariri dwar il-ħtieġa li jiġi introdott reġim ta' kontroll tal-esportazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2015/479 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁰. Il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi jista' jivvaluta u jagħti pariri wkoll dwar miżuri ulterjuri xierqa u effikaċi. L-użu ta' dawn il-miżuri ta' emerġenza kollha jenħtieġ li jkun proporzjonat u ristrett għal dak li huwa meħtieġ biex jiġu indirizzati d-disturbi sinifikanti ikkonċernati sa fejn dan ikun fl-aqwa interess tal-Unjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tinforma regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-miżuri meħuda u r-raġunijiet sottostanti. Il-Kummissjoni tista', wara li tikkonsulta mal-Bord, toħroġ gwida ulterjuri dwar l-implimentazzjoni u l-użu tal-miżuri ta' emerġenza.
- (46) Għadd ta' setturi huma kritiċi għall-funzjonament xieraq tas-suq intern. Dawk is-setturi kritiċi huma s-setturi elenkati fl-Anness tal-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi⁶¹. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, id-difiża u attivitajiet oħra li huma rilevanti għas-sikurezza u s-sigurtà pubblika wkoll jenħtieġ li jitqiesu bħala settur kritiku. Ċerti miżuri jenħtieġ li jiġu ppromulgati biss bl-għan li tiġi żgurata l-provvista lejn setturi kritiċi. Il-Kummissjoni tista' tillimita l-miżuri ta' emerġenza għal uħud minn dawn is-setturi jew għal ċerti partijiet minnhom meta l-kriżi tas-semikondutturi tkun iddisturbat jew tkun qed thedded li tħarbat l-operat tagħhom.
- (47) L-għan tat-talbiet għal informazzjoni minn impiżi tul il-katina tal-provvista tas-semikondutturi stabbiliti fl-Unjoni fil-fażi ta' kriżi huwa valutazzjoni fil-fond tal-kriżi tas-semikondutturi sabiex jiġu identifikati miżuri potenzjali ta' mitigazzjoni jew ta' emerġenza fil-livell tal-Unjoni jew nazzjonali. Tali informazzjoni tista' tinkludi l-kapaċità tal-produzzjoni, il-kapaċità potenzjali tal-produzzjoni u t-tfixkil u l-

⁶⁰ Ir-Regolament (UE) 2015/479 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar regoli komuni għall-esportazzjoni (ĠU L 83, 27.3.2015, p. 34).

⁶¹ COM(2020) 829. 16.12.2020.

konġestjonijiet primarji li jkunu għaddejjin. Dawn l-aspetti jistgħu jinkludu l-istokk attwali tipiku u attwali ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet fil-faċilitajiet ta' produzzjoni tagħha li jinsabu fl-Unjoni u f'faċilitajiet ta' pajjiżi terzi li hija tħaddem jew għandha kuntratt magħhom jew li tixtri provvista mingħandhom; il-ħin medju tipiku u attwali ta' tħejjija għall-aktar prodotti komuni manifatturati; l-output tal-produzzjoni mistenni għat-tliet xhur ta' wara għal kull faċilità ta' produzzjoni tal-Unjoni; raġunijiet li jipprevjenu l-kapaċità tal-produzzjoni milli timtela; jew *data* eżistenti oħra meħtieġa biex tiġi vvalutata n-natura tal-kriżi tas-semikondutturi jew tal-miżuri potenzjali ta' mitigazzjoni jew ta' emerġenza fil-livell nazzjonali jew tal-Unjoni. Kwalunkwe talba jenħtieġ li tkun proporzjonata, filwaqt li jitqiesu l-għanijiet leġittimi tal-impriża u l-kost u l-isforz meħtieġa biex id-*data* ssir disponibbli, kif ukoll jiġu stabbiliti limiti ta' żmien xierqa għall-għoti tal-informazzjoni mitluba. L-impriżi jenħtieġ li jkunu obbligati jikkonformaw mat-talba u jistgħu jkunu soġġetti għal penali jekk jonqsu milli jikkonformaw jew jipprovdu informazzjoni skorretta. Kwalunkwe informazzjoni miksuba jenħtieġ li tkun soġġetta għal regoli ta' kunfidenzjalità. Jekk impriża tkun soġġetta għal talba għal informazzjoni relatata mal-attivitajiet tagħha fil-qasam tas-semikondutturi minn pajjiżi terzi, din jenħtieġ li tinforma lill-Kummissjoni b'dan biex tkun tista' ssir valutazzjoni dwar jekk talba għal informazzjoni mill-Kummissjoni hix ġustifikata.

- (48) Sabiex jiġi żgurat li s-setturi kritiċi jkunu jistgħu jkomplu joperaw fi żmien ta' kriżi u meta jkun meħtieġ u proporzjonat għal dan il-għan, il-Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata u l-Fonderiji Miftuħa tal-UE jistgħu jkunu obbligati mill-Kummissjoni li jaċċettaw u li jagħtu prijorità lill-ordnijiet ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet. Dan l-obbligu jista' jiġi estiż ukoll għal faċilitajiet ta' manifattura tas-semikondutturi li jkunu aċċettaw din il-possibbiltà fil-kuntest tar-riċeviment ta' sostenn pubbliku. Id-deċiżjoni dwar ordni klassifikata bħala prijorità jenħtieġ li tittieħed f'konformità mal-obbligi legali applikabbli kollha tal-Unjoni, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ. L-obbligu ta' klassifikazzjoni bħala prijorità jenħtieġ li jieħu preċedenza fuq kwalunkwe obbligu ta' prestazzjoni skont il-liġi privata jew pubblika filwaqt li jenħtieġ li jqis ukoll l-għanijiet leġittimi tal-impriżi u l-kost u l-isforz meħtieġa għal kwalunkwe bidla fis-sekwenza tal-produzzjoni. L-impriżi jistgħu jkunu soġġetti għal penali jekk jonqsu milli jikkonformaw mal-obbligu għal ordnijiet klassifikati bħala prijorità.
- (49) L-impriża kkonċernata jenħtieġ li tkun obbligata taċċetta u tiprijoritizezza ordni klassifikata bħala prijorità. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, l-impriża tista' titlob lill-Kummissjoni tirrevedi l-obbligu impost. Dan japplika jew meta l-faċilità ma tkunx tista' tissodisfa l-ordni anke jekk tingħata prijorità, kemm jekk minħabba nuqqas ta' kapaċità tal-produzzjoni jew ta' kapaċità potenzjali tal-produzzjoni biżżejjed, jew minħabba li din toħloq piż ekonomiku mhux raġonevoli u żżid tbatija partikolari fuq il-faċilità.
- (50) Fiċ-ċirkostanza eċċezzjonali li impriża li topera tul il-katina tal-provvista tas-semikondutturi fl-Unjoni tirċievi talba għal ordni klassifikata bħala prijorità minn pajjiżi terzi, hija jenħtieġ li tinforma lill-Kummissjoni b'din it-talba, sabiex din l-informazzjoni tintuża f'valutazzjoni dwar jekk, f'każ li jkun hemm impatt sinifikanti fuq is-sigurtà tal-provvista lejn setturi kritiċi, u r-rekwiżiti l-oħrajn ta' ħtieġa, proporzjonalità u legalità jiġu ssodisfati fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Kummissjoni jenħtieġ li wkoll toħroġ obbligu ta' ordni kklassifikata bħala prijorità.
- (51) Fid-dawl tal-importanza li tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista għal setturi kritiċi li jwettqu funzjonijiet vitali tas-soċjetà, il-konformità mal-obbligu li titwettag ordni klassifikata bħala prijorità jenħtieġ li ma tinvolvi responsabbiltà għad-danni lil

partijiet terzi għal kwalunkwe ksur tal-obbligi kuntrattwali li jista' jirriżulta mill-bidliet temporanji meħtieġa tal-proċessi operazzjonali tal-manifattur ikkonċernat, dment li l-ksur tal-obbligi kuntrattwali kien meħtieġ għall-konformità mal-prijoritizzazzjoni ordnata. L-impriża li potenzjalment jaqgħu fl-ambitu ta' ordni klassifikata bħala prijorità jenħtieġ li jantiċipaw din il-possibbiltà fil-kundizzjonijiet tal-kuntratti kummerċjali tagħhom. Mingħajr preġudizzju għall-applikabbiltà ta' dispożizzjonijiet oħrajn, ir-responsabbiltà għal prodotti difettużi, kif previst mid-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985⁶², mhix affettwata minn din l-eżenzjoni ta' responsabbiltà.

- (52) L-obbligu li tingħata prijorità lill-produzzjoni ta' ċerti prodotti jirrispetta l-essenza tal-libertà ta' intrapriża u l-libertà ta' kuntratt stabbiliti fl-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta") u d-dritt għall-proprjetà stabbilit fl-Artikolu 17 tal-Karta, u mhux se jaffettwahom b'mod sproporzjonat. Kwalunkwe limitazzjoni ta' dawk id-drittijiet f'dan ir-Regolament, f'konformità mal-Artikolu 52(1) tal-Karta, se tkun prevista mil-liġi, tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet, u tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità.
- (53) Meta tiġi attivata l-fażi ta' kriżi, żewġ Stati Membri jew aktar jistgħu jagħtu mandat lill-Kummissjoni biex taggrega d-domanda u taġixxi f'isimhom għall-akkwist pubbliku tagħhom fl-interess pubbliku, f'konformità mar-regoli u l-proċeduri eżistenti tal-Unjoni, u b'hekk tingrana l-kapaċità tal-akkwist tagħha. Il-mandat jista' jawtorizza lill-Kummissjoni tidħol fi ftehimiet dwar ix-xiri ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet għal ċerti setturi kritiċi. Il-Kummissjoni jenħtieġ li, għal kull talba, tivvaluta l-utilità, in-neċessità u l-proporzjonalità f'konsultazzjoni mal-Bord. Meta tkun biħsiebha ma ssegwix it-talba, jenħtieġ li tinforma lill-Istati Membri kkonċernati u lill-Bord u tagħti r-raġunijiet tagħha. Barra minn hekk, l-Istati Membri parteċipanti jenħtieġ li jkunu intitolati jaħtru rappreżentanti biex jipprovdu gwida u pariri matul il-proċeduri ta' akkwist u fin-negozjar tal-ftehimiet ta' xiri. It-tnejn għall-użu u l-użu ta' prodotti mixtrija jenħtieġ li jibqgħu fil-kompetenza tal-Istati Membri parteċipanti.
- (54) Matul kriżi ta' nuqqas ta' semikondutturi, jaf ikun meħtieġ li l-Unjoni tqis miżuri protettivi. Il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi jista' jesprimi l-fehmiet tiegħu li jinforma l-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar jekk is-sitwazzjoni tas-suq tikkostitwixxix nuqqas sinifikanti ta' prodotti essenzjali skont ir-Regolament (UE) 2015/479.
- (55) Sabiex tiġi ffaċilitata implimentazzjoni bla xkiel, effikaċi u armonizzata ta' dan ir-Regolament, il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni jenħtieġ li jiġi stabbilit Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi. Il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi jenħtieġ li jipprovdi pariri u jassisti lill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet speċifiċi. Dawn jenħtieġ li jinkludu l-ġoti ta' pariri dwar l-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa lill-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi tal-Impriża Konġunta taċ-Ċipep; l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-funzjonament tal-Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata u l-Fonderiji Miftuħa tal-UE; id-diskussjoni u t-tnejn tal-identifikazzjoni ta' setturi u teknoloġiji speċifiċi b'impatt soċjali għoli potenzjali u b'sinifikat rispettiv mil-lat ta' sigurtà li jeħtieġu ċertifikazzjoni għal prodotti fdati u l-indirizzar ta' monitoraġġ ikkoordinat u rispons għall-kriżijiet. Barra minn hekk, il-Bord Ewropew dwar is-

⁶² Id-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar responsabbiltà għall-prodotti difettużi (85/374/KEE) (ĠU L 210, 7.8.1985, p. 29).

Semikondutturi jenħtieġ li jiżgura l-applikazzjoni konsistenti ta' dan ir-Regolament, jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri kif ukoll l-iskambju ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati ma' dan ir-Regolament. Il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi jenħtieġ li jappoġġa lill-Kummissjoni f'kooperazzjoni internazzjonali f'konformita' mal-obbligi internazzjonali, inkluż fil-ġbir ta' informazzjoni, u fil-valutazzjoni tal-kriżijiet. Barra minn hekk, il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi jenħtieġ li jikkoordina, jikkoopera u jiskambja informazzjoni ma' strutturi oħrajn tal-Unjoni ta' rispons għall-kriżijiet u ta' tħejjija għall-kriżijiet bl-għan li jiġi żgurat approċċ koerenti u kkoordinat tal-Unjoni fir-rigward ta' miżuri ta' rispons għall-kriżijiet u ta' tħejjija għall-kriżijiet, għall-kriżijiet tas-semikondutturi.

- (56) Rappreżentant tal-Kummissjoni jenħtieġ li jippresjedi l-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi. Il-punt uniku ta' kuntatt nazzjonali ta' kull Stat Membru jenħtieġ li jaħtar minn tal-inqas rappreżentant wieħed ta' livell għoli għall-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi. Dawn jistgħu jaħtru wkoll rappreżentanti differenti b'rabta ma' kompiti differenti tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, pereżempju, skont liema Kapitolu ta' dan ir-Regolament jiġi diskuss fil-laqgħat tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi. Il-Kummissjoni tista' tistabilixxi sottogrupperi u jenħtieġ li tkun intitolata tistabilixxi arranġamenti ta' ħidma billi tistieden esperti biex jieħdu sehem fil-laqgħat fuq bażi *ad hoc* jew billi tistieden organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi tal-industrija tas-semikondutturi tal-Unjoni, bħall-Alleanza Industrijali dwar il-Proċessuri u t-Teknoloġiji tas-Semikondutturi, fis-sottogrupperi tagħha bħala osservaturi.
- (57) Il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi se jkollu laqgħat separati għall-kompiti tiegħu skont il-Kapitolu II u għall-kompiti tiegħu skont il-Kapitolu III u IV. L-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex jiżguraw kooperazzjoni effikaċi u effiċjenti fil-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tiffaċilita l-iskambji bejn il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi u korpi, ufficiċji, aġenziji u grupperi konsultattivi oħrajn tal-Unjoni. Fid-dawl tal-importanza tal-provvista tas-semikondutturi għal setturi oħra u l-ħtieġa għall-koordinazzjoni li tirriżulta minnha, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura l-parteċipazzjoni ta' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-Unjoni bħala osservaturi fil-laqgħat tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi fejn rilevanti u xieraq fir-rigward tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ u ta' rispons għall-kriżijiet stabbilit skont il-Kapitolu IV. Sabiex ikompli l-ħidma, u jagħmel użu minnha, wara l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar sett ta' għodod komuni tal-Unjoni biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' semikondutturi, il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi jenħtieġ li jwettaq il-kompiti tal-Grupp ta' Esperti Ewropew dwar is-Semikondutturi. Ladarba l-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi jkun operazzjonali, dan il-grupp ta' esperti jenħtieġ li ma jibqax jeżisti.
- (58) L-Istati Membri għandhom rwol ewlieni fl-applikazzjoni u fl-infurzar ta' dan ir-Regolament. F'dan ir-rigward, kull Stat Membru jenħtieġ li jaħtar awtorità nazzjonali kompetenti waħda jew aktar għall-finijiet tal-implimentazzjoni effikaċi ta' dan ir-Regolament u jenħtieġ li jiżgura li daww l-awtoritajiet jingħataw is-setgħa u jkollhom ir-riżorsi adegwati. L-Istati Membri jistgħu jaħtru awtorità jew awtoritajiet eżistenti. Sabiex tizzied l-effiċjenza tal-organizzazzjoni fl-Istati Membri u biex jiġi stabbilit punt ta' kuntatt ufficiċjali għall-pubbliku u kontropartijiet oħrajn fil-livelli tal-Istati Membri u tal-Unjoni, inkluż il-Kummissjoni u l-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, kull Stat Membru jenħtieġ li jaħtar, f'xi waħda mill-awtoritajiet li jkun ħatar bħala awtorità kompetenti skont dan ir-Regolament, punt uniku ta' kuntatt

nazzjonali wieħed responsabbli għall-koordinazzjoni ta' kwistjonijiet relatati ma' dan ir-Regolament u l-kooperazzjoni transfruntiera mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra.

- (59) Sabiex tiġi żgurata l-kooperazzjoni ta' fiduċja u kostruttiva tal-awtoritajiet kompetenti fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali, il-partijiet kollha involuti fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jirrispettaw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni u tad-*data* li jiksbu huma u jwettqu dmirijiethom. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, l-uffiċjali tagħhom, l-impjegati u persuni oħra li jaħdmu fis-superviżjoni ta' dawn l-awtoritajiet kif ukoll l-uffiċjali u l-impjegati taċ-ċivil ta' awtoritajiet oħrajn tal-Istati Membri jenħtieġ li ma jiżvelaw l-ebda informazzjoni miksuba jew skambjata min-naħa tagħhom skont dan ir-Regolament u tat-tip kopert mill-obbligu ta' segretezza professjonali. Dan jenħtieġ li japplika wkoll għall-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi u għall-Kumitat tas-Semikondutturi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Fejn xieraq, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-arranġamenti prattiċi għat-trattament tal-informazzjoni kunfidenzjali fil-kuntest tal-ġbir ta' informazzjoni.
- (60) Il-konformità mal-obbligi imposti skont dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun infurzabbli permezz ta' multi u pagamenti perjodiċi ta' penali. Għal dak l-għan, jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll livelli xierqa ta' multi u ta' pagamenti perjodiċi ta' penali għan-nuqqas ta' konformità mal-obbligi. Jenħtieġ li japplikaw perjodi ta' limitazzjoni għall-impożizzjonijiet ta' multi u pagamenti perjodiċi ta' penali, minbarra l-perjodi ta' limitazzjoni għall-infurzar tal-penali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħti lill-impriża jew lill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-impriżi kkonċernati d-dritt li jinstemgħu.
- (61) Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni sabiex temenda l-Anness I ta' dan ir-Regolament bl-għan li dan jirrifletti l-bidla teknoloġika u l-iżviluppi tas-suq, fir-rigward tal-azzjonijiet stabbiliti fih b'mod konsistenti mal-oġettivi ta' dan ir-Regolament u biex jiġi emendat l-Anness II tiegħu fir-rigward tal-indikaturi li jistgħu jitkejlu fejn jitqies meħtieġ kif ukoll biex dan ir-Regolament jiġi ssupplimentat b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁶³. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati.
- (62) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-għażla tal-ECICs u fir-rigward tal-proċedura għall-istabbiliment u d-definizzjoni tal-kompiti taċ-ċentri ta' kompetenza u l-proċedura għall-istabbiliment tan-network, bl-għan li jintlaħqu l-oġettivi tal-Inizjattiva. Barra minn hekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-attivazzjoni tal-fażi ta' kriżi fi kriżi tas-semikondutturi, biex ikun jista' jsir rispons

⁶³ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

rapidu u kkoordinat, u biex jiġu speċifikati l-arranġamenti prattiċi għat-trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁴.

- (63) Minħabba li l-oġettiv ta' dan ir-Regolament ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' pjuttost, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-oġettiv.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas għat-tisħiħ tas-settur tas-semikondutturi fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari permezz tal-miżuri li ġejjin:
 - (a) l-istabbiliment tal-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa (l-“Inizjattiva”);
 - (b) l-istabbiliment tal-kriterji għar-rikonoxximent u għall-appoġġ ta' Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata u l-Fonderiji Miftuħa tal-UE li huma l-ewwel tat-tip tagħhom u li jrawmu s-sigurtà tal-provvista ta' semikondutturi fl-Unjoni;
 - (c) l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni għall-monitoraġġ tal-provvista taa-semikondutturi u rispons għall-kriżijiet minħabba nuqqasijiet ta' semikondutturi.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
 - (1) “semikonduttur” tfisser waħda minn dawn li ġejjin:
 - (a) materjal, jew elementali, bħas-Siliċju, jew kompost, bħall-Karbur tas-Siliċju, li l-konduttività elettrika tiegħu tista' tiġi mmodifikata, jew
 - (b) komponent li jikkonsisti minn sensiela ta' saffi ta' materjali semikonduttur, insulanti u konduttur definiti skont disinn determinat minn qabel, u maħsub biex iwettaq funzjonijiet elettroniċi jew fotoniċi definiti sew jew it-tnejn;
 - (2) “ċippa” tfisser apparat elettroniku li jinkludi diversi elementi funzjonali fuq biċċa waħda ta' materjal semikonduttur, li tipikament jieħu l-forma ta' apparati ta' memorja u ta' loġika, kif ukoll apparati proċessuri u analoġiċi, imsejjaħ ukoll “ċirkwit integrat”;

⁶⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (3) “nodu tat-teknoloġija” tfisser l-istruttura fuq semikonduttur li sservi bħala element ta’ tranżitu u li ttipprova miżura għall-metodu tal-manifattura f’nanometri;
- (4) “katina tal-provvista tas-semikondutturi” tfisser is-sistema ta’ attivitajiet, organizzazzjonijiet, atturi, teknoloġija, informazzjoni, riżorsi u servizzi involuti fil-produzzjoni tas-semikondutturi, inkluż il-materja prima, it-tagħmir għall-manifattura, id-disinjar, il-fabbrikazzjoni, l-assemblaġġ, l-ittestjar u l-imballaġġ;
- (5) “katina tal-valur tas-semikondutturi” tfisser is-sett ta’ attivitajiet fir-rigward ta’ prodott semikonduttur mill-bidu tiegħu sal-użu finali tiegħu, inkluż il-materja prima, it-tagħmir għall-manifattura, ir-riċerka, id-disinjar, il-fabbrikazzjoni, l-ittestjar, l-assemblaġġ u l-imballaġġ, u l-impjantazzjoni u l-validazzjoni fil-prodotti finali;
- (6) “linja pilota” tfisser proġett sperimentali jew azzjoni li tindirizza livelli oġhla ta’ prontezza teknoloġika mil-livelli 3 sa 8 biex tkompli tiġi żviluppata infrastruttura abilitanti meħtieġa biex jiġu ttestjati, murija u kkalibrati prodott jew sistema bl-ipoteżi tal-mudell;
- (7) “koordinatur” tfisser entità ġuridika li hija membru ta’ Konsorzju Ewropew għall-Infrastruttura relatata maċ-Ċipep maħluqa f’konformità mal-Artikolu 7 u li tkun ġiet maħtura mill-membri kollha ta’ dak il-konsorzju bħala l-punt ewlieni ta’ kuntatt għall-finijiet tar-relazzjonijiet tal-konsorzju mal-Kummissjoni;
- (8) “impriżi żgħar u medji” jew “SMEs” tfisser impriżi żgħar u ta’ daqs medju kif definiti fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE⁶⁵;
- (9) “kumpanija ta’ kapitalizzazzjoni medja” jew “kapitalizzazzjoni medja” tfisser impriża li mhix SME u li timpjega massimu ta’ 1 500 persuna, u fejn l-għadd ta’ persunal jiġi kkalkolat f’konformità mal-Artikoli 3 sa 6 tal-Anness għar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE;
- (10) “faċilità li hija l-ewwel tat-tip tagħha” tfisser faċilità industrijali li kapaċi timmanifattura semikondutturi, inkluż dawk front-end jew back-end, jew it-tnejn li huma, li mhix diġà preżenti b’mod sostanzjali jew b’impenn li tinbena fl-Unjoni, pereżempju fir-rigward tan-nodu tat-teknoloġija, il-materjal tas-substrat, bħall-karbur tas-siliċju u n-nitrur tal-gallju, u innovazzjoni oħra fil-prodotti li tista’ toffri prestazzjoni aħjar, innovazzjoni tal-proċessi aħjar jew prestazzjoni aħjar f’dak li jikkonċerna l-enerġija u l-ambjent;
- (11) “ċipep tal-ġenerazzjoni li jmiss” u “teknoloġiji tas-semikondutturi tal-ġenerazzjoni li jmiss” tfisser teknoloġiji taċ-ċipep u tas-semikondutturi li jmorru lil hinn mill-oġhla livell ta’ żvilupp tekniku fl-offerta ta’ titjib sinifikanti fil-qawwa komputazzjonali jew fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġetija kif ukoll titjib sinifikanti ieħor f’dak li jikkonċerna l-enerġija u l-ambjent;
- (12) “front-end” tfisser l-ipproċessar kollu ta’ wafer ta’ semikonduttur;

⁶⁵ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta’ Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta’ impriżi mikro, żgħar u medji (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

- (13) “back-end” tfisser l-imballaġġ, l-assemblaġġ u t-test ta’ kull ċirkwit integrat individwali;
- (14) “utent tas-semikondutturi” tfisser impriża li tipproduċi prodotti li fihom jiġu inkorporati s-semikondutturi;
- (15) “atturi ewlenin tas-suq” tfisser impriżi fis-settur tas-semikondutturi tal-Unjoni, li l-funzjonament affidabbli tagħhom huwa essenzjali għall-katina tal-provvista tas-semikondutturi;
- (16) “settur kritiku” tfisser kwalunkwe settur imsemmi fl-Anness tal-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reżiljenza ta’ entitajiet kritiċi, is-settur tad-difiża u attivitajiet oħra li huma rilevanti għas-sikurezza u s-sigurtà pubblika;
- (17) “prodott rilevanti għall-kriżijiet” tfisser semikondutturi, prodotti intermedji u materja prima meħtieġa għall-produzzjoni ta’ semikondutturi jew prodotti intermedji, li huma milquta mill-kriżi tas-semikondutturi jew ta’ importanza strateġika biex tiġi rrimedjata l-kriżi tas-semikondutturi jew l-effetti ekonomiċi tagħha;
- (18) “kapaċità potenzjali tal-produzzjoni” tfisser l-output potenzjali ta’ faċilità tal-manifattura tas-semikondutturi b’riżorsi ottimali, tipikament l-ammont ta’ wafers ta’ ċertu daqs li jistgħu jiġu pproċessati fi żmien partikolari;
- (19) “kapaċità tal-produzzjoni” tfisser l-output ta’ faċilità tal-manifattura tas-semikondutturi, tipikament l-ammont ta’ wafers ta’ ċertu daqs li normalment jiġi pproċessat fi żmien partikolari.

KAPITOLU II

INIZJATTIVA ĊIPEP GĦALL-EWROPA

TAQSIMA 1

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 3

L-istabbiliment tal-Inizjattiva

1. L-Inizjattiva hija stabbilita għat-tul ta’ żmien tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027.
2. L-Inizjattiva għandha tkun appoġġata minn finanzjament mill-programmi Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali, u b’mod partikolari mill-Objettiv Speċifiku 6 tagħha, għal ammont indikattiv massimu ta’ EUR 1,65 biljun u EUR 1,65 biljun rispettivament. Dan il-finanzjament għandu jiġi implimentat f’konformità mar-Regolament (UE) Nru 2021/695 u mar-Regolament (UE) Nru 2021/694.

Artikolu 4

Objettivi tal-Inizjattiva

1. L-objettiv ġenerali tal-Inizjattiva huwa li tappoġġa l-bini tal-kapaċità teknoloġika fuq skala kbira u l-innovazzjoni madwar l-Unjoni biex tippermetti l-iżvilupp u t-tfejffija

għall-użu ta' teknoloġiji tas-semikondutturi u kwantistiċi avvanzati u tal-ġenerazzjoni li jmiss li se jsaħħu l-kapaċitajiet avvanzati tal-Unjoni għad-disinjar, l-integrazzjoni tas-sistemi u l-produzzjoni taċ-ċipep, kif ukoll li tikkontribwixxi għall-ksib tat-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika.

2. L-Inizjattiva għandu jkollha l-ħames objettivi operazzjonali li ġejjin:

- (a) il-bini ta' kapaċitajiet avvanzati ta' disinjar fuq skala kbira għat-teknoloġiji integrati tas-semikondutturi. Dan l-objettiv operazzjonali għandu jintlaħaq permezz ta':
 - (1) il-bini ta' pjattaforma virtwali innovattiva, disponibbli madwar l-Unjoni, l-integrazzjoni ta' faċilitajiet għad-disinjar kemm eżistenti kif ukoll ġodda b'libreriji estiżi u Għodod Elettroniki għad-Disinjar Awtomatizzat (EDA);
 - (2) l-aġġornament tal-kapaċità tad-disinjar bi żviluppi innovattivi kontinwi, bħall-arkitetturi tal-proċessuri bbażati fuq l-Arkitettura b'sors miftuħ tal-Kompjuter b'Sett ta' Struzzjonijiet Ridott (RISC-V);
 - (3) it-tkabbir tal-ekosistema tas-semikondutturi bl-integrazzjoni tas-setturi vertikali tas-suq, li jikkontribwixxi għall-aġendi ekoloġiċi, diġitali u ta' innovazzjoni tal-Unjoni.
- (b) it-tisħiħ ta' linji pilota avvanzati eżistenti u l-iżvilupp tagħhom. Dan l-objettiv operazzjonali għandu jintlaħaq permezz ta':
 - (1) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet teknoloġiċi fit-teknoloġiji tal-produzzjoni taċ-ċipep tal-ġenerazzjoni li jmiss, bl-integrazzjoni tal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni u t-tnejn tal-iżvilupp ta' nodi teknoloġiċi futuri, inkluż nodi mill-aktar avvanzati inqas minn żewġ nanometri, Siliċju fuq Insulatur Kompletament Eżawrit (FD-SOI) ta' 10 nanometru u inqas, u integrazzjoni tas-sistemi eteroġeni 3D u imballaġġ avvanzat;
 - (2) l-appoġġ għall-innovazzjoni fuq skala kbira permezz tal-aċċess għal linji pilota ġodda jew eżistenti għall-esperimentazzjoni, ittestjar, u l-validazzjoni ta' kunċetti ġodda ta' disinjar li jintegraw funzjonalitajiet ewlenin, bħal materjali u arkitetturi ġodda għall-elettronika tal-enerġija li jrawmu l-enerġija sostenibbli u l-elettromobbiltà, konsum aktar baxx tal-enerġija, sigurtà, livelli oġhla ta' prestazzjoni komputazzjonali jew l-integrazzjoni ta' teknoloġiji rivoluzzjonarji bħal ċipep newromorfiċi u b'intelliġenza artifiċjali (AI) inkorporata, fotonika integrata, grafen u teknoloġiji oħrajn ibbażati fuq materjal 2D;
 - (3) l-għoti ta' appoġġ lill-Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata u l-Fonderiji Miftuħa tal-UE permezz ta' aċċess prijoritarju għal-linji pilota l-ġodda.
- (c) il-bini ta' kapaċitajiet avvanzati fit-teknoloġija u fl-inġinerija għall-aċċellerazzjoni tal-iżvilupp innovattiv taċ-ċipep kwantistiċi.
- (d) il-ħolqien ta' network ta' ċentri ta' kompetenza madwar l-Unjoni, sabiex
 - (1) jissaħħu l-kapaċitajiet u tiġi offruta firxa wiesgħa ta' għarfien espert lill-partijiet involuti, inkluż l-SMEs tal-utenti finali u n-negozji ġodda, biex b'hekk jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-kapaċitajiet u għall-faċilitajiet imsemmija hawn fuq kif ukoll l-użu effikaċi tagħhom;

- (2) jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħiliet, jiġi attirat u mmobilizzat talent ġdid u jiġi appoġġat il-ħolqien ta' forza tax-xogħol b'ħiliet xierqa għat-tisħiħ tas-settur tas-semikondutturi, fosthom permezz ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema.
- (e) it-twertiq ta' attivitajiet, li jridu jiġu deskritti b'mod kollettiv bħala attivitajiet relatati mal-“Fond għaċ-Ċipep” biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament tad-dejn u l-ekwiżità minn negozji ġodda, negozji li qed jespandu u SMEs u kumpaniji oħrajn fil-katina tal-valur tas-semikondutturi, permezz ta' faċilità ta' taħlit mill-Fond InvestEU u permezz tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, bil-ħsieb li:
- (1) jittejjeb l-effett ta' ingranaġġ tal-infiq tal-baġit tal-Unjoni u jinkiseb effett multiplikatur ogħla f'termini ta' attirar ta' finanzjament mis-settur privat.
- (2) jingħata appoġġ lill-kumpaniji li qed iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet fl-aċċess għall-finanzjament, u li tiġi indirizzata l-ħtieġa li r-reżiljenza ekonomika tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha tiġi sostnuta;
- (3) jiġi aċċellerat l-investment fil-qasam tat-teknoloġiji tal-manifattura tas-semikondutturi u tad-disinjar taċ-ċipep u l-ingranaġġ tal-finanzjament kemm mis-settur pubbliku kif ukoll minn dak privat, filwaqt li tiżdied is-sigurtà tal-provvista għall-katina tal-valur tas-semikondutturi kollha.

Artikolu 5
Komponenti tal-Inizjattiva

1. L-Inizjattiva għandu jkollha l-ħames komponenti li ġejjin:
- (a) kapaċitajiet ta' disinjar għat-teknoloġiji integrati tas-semikondutturi;
- (b) linji pilota għat-tħejjija ta' faċilitajiet innovattivi ta' produzzjoni, u ttestjar u esperimentazzjoni;
- (c) teknoloġija avvanzata u kapaċitajiet tal-inġinerija għaċ-ċipep kwantistiċi;
- (d) network ta' ċentri ta' kompetenza u żvilupp tal-ħiliet;
- (e) Attivitajiet relatati mal-“Fond għaċ-Ċipep” għall-aċċess għall-finanzjament tad-dejn u l-ekwiżità għal negozji ġodda, negozji li qed jespandu, SMEs u kumpaniji oħra fil-katina tal-valur tas-semikondutturi.

Artikolu 6
Sinerġiji mal-programmi tal-Unjoni

1. L-Inizjattiva għandha tippermetti sinerġiji mal-programmi tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Anness III. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-ilħuq tal-oġġettivi ma jixxekkilk meta jiġi ingranat il-karattru kumplimentari tal-Inizjattiva mal-programmi tal-Unjoni.

Artikolu 7
Konsorzju Ewropew għall-Infrastruttura relatata maċ-Ċipep

1. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' azzjonijiet eliġibbli u kompiti relatati oħra ffinanzjati mill-Inizjattiva, jista' jiġi stabbilit Konsorzju Ewropew għall-Infrastruttura relatata maċ-Ċipep (“ECIC”) skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. L-ECIC għandu
 - (a) ikollu personalità ġuridika mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 6;
 - (b) ikollu sede statutorja waħda jew aktar, li għandhom ikunu jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar;
 - (c) jikkonsisti minn tal-inqas tliet entitajiet legali minn tal-inqas tliet Stati Membri u jiġi operat bħala konsorzju tas-settur pubbliku-privat bil-parteċipazzjoni tal-Istati Membri, u entitajiet legali privati;
 - (d) jaħtar il-koordinatur.
3. Il-koordinatur għandu jissottometti applikazzjoni lill-Kummissjoni bil-miktub li għandu jkun fiha dan li ġej:
 - (a) talba lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi l-ECIC, inkluż lista tal-entitajiet legali proposti li jkunu qed jiffurmaw il-konsorzju tal-ECIC;
 - (b) l-abbozz tal-Istatuti tal-ECIC li għandhom jinkludu mill-inqas id-dispożizzjonijiet dwar: il-proċedura għall-istabbiliment, is-sħubija, il-baġit, is-sede legali, il-liġi u l-ġurisdizzjoni applikabbli, is-sjeda tar-riżultati, il-governanza, inkluż il-proċedura tat-tehdid ta' deċiżjonijiet u r-rwol speċifiku u, jekk applikabbli, id-drittijiet tal-vot tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni, l-istralċ, ir-rapportar u r-responsabbiltà.
4. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-applikazzjoni biex tistabbilixxi l-ECIC abbażi tal-kriterji kollha li ġejjin:
 - (a) il-kompetenzi, l-għarfien espert u l-kapaċitajiet xierqa tal-ECIC propost u tal-entitajiet legali li jiffurmaw b'rabta mas-semikondutturi;
 - (b) il-kapaċità ta' ġestjoni, il-persunal u l-infrastruttura xierqa meħtieġa biex jitwettqu l-azzjonijiet eliġibbli tal-Inizjattiva;
 - (c) il-mezzi operazzjonali u legali biex jiġu applikati r-regoli amministrattivi, kuntrattwali u ta' ġestjoni finanzjarja stabbiliti fil-livell tal-Unjoni;
 - (d) il-vijabbiltà finanzjarja xierqa li tikkorrispondi għal-livell ta' fondi tal-Unjoni li huwa se jintalab jimmaniġġja u juri, fejn xieraq, permezz ta' garanziji maħruġa preferibbilment minn awtorità pubblika;
 - (e) il-baġit li jsir disponibbli mill-Istati Membri u mill-parteċipanti fis-settur privat għall-finanzjament tal-ECIC, u modalitajiet relatati;
 - (f) il-kapaċità xierqa tal-ECIC li jiżgura kopertura tal-ħtiġijiet tal-industrija.
5. Il-Kummissjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni u abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 4, għandha tadotta waħda mid-deċiżjonijiet li ġejjin:
 - (a) l-istabbiliment tal-ECIC wara li jkun ikkonkluda li r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 3 u 4 huma ssodisfati;
 - (b) iċ-ċaħda tal-applikazzjoni jekk tikkonkludi li r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 3 u 4 mhumiex issodisfati.

L-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 33(2).
6. Id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 5 għandha tiġi nnotifikata lill-applikanti.

7. Id-deċizzjoni li tistabbilixxi l-ECIC għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
8. L-ECIC għandu jkollu awtonomija ġenerali sostanzjali biex jistabbilixxi s-sħubija, il-governanza, il-finanzjament, il-baġit u l-modalitajiet tiegħu li bihom jintalbu l-kontribuzzjonijiet finanzjarji rispettivi mill-membri, id-drittijiet tal-vot u l-metodi ta' ħidma. Madankollu, l-organizzazzjoni, il-kompożizzjoni u l-metodi ta' ħidma tal-ECIC, inkluż kwalunkwe emenda għall-Istatuti, għandhom ikunu f'konformità ma' u jikkontribwixxu għall-għanijiet u għall-oġettivi ta' dan ir-Regolament u tal-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa u għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni.
9. L-ECIC għandu jipproduċi rapport annwali tal-attività, li jkun fih deskrizzjoni teknika tal-attivitàjiet u r-rapport finanzjarju tiegħu. Ir-rapport annwali tal-attività għandu jintbagħat lill-Kummissjoni u jsir disponibbli għall-pubbliku. Il-Kummissjoni tista' tippovdi rakkomandazzjonijiet dwar il-kwistjonijiet koperti fir-rapport annwali tal-attività.

Artikolu 8

Netwerk Ewropew ta' ċentri ta' kompetenza fil-qasam tas-semikondutturi

1. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' azzjonijiet skont il-komponent tal-Inizjattiva msemmi fl-Artikolu 5(d), jista' jiġi stabbilit network Ewropew ta' ċentri ta' kompetenza fis-semikondutturi (in-“network”).
2. Fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' azzjonijiet tal-komponent tal-Inizjattiva msemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 5, in-network jista' jwettaq l-attivitàjiet kollha li ġejjin jew xi wħud minnhom għall-benefiċċju tal-industrija tal-Unjoni, b'mod partikolari l-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, kif ukoll is-settur pubbliku:
 - (a) l-għoti ta' aċċess għas-servizzi tad-disinjar u għall-għodod tad-disinjar skont il-komponent tal-Inizjattiva msemmi fl-Artikolu 5(a), kif ukoll għal-linji pilota appoġġati skont il-komponent tal-Inizjattiva msemmi fl-Artikolu 5(b);
 - (b) is-sensibilizzazzjoni u l-għoti tal-għarfien speċjalizzat, l-għarfien espert u l-ħiliet meħtieġa lill-partijiet ikkonċernati biex jgħinuhom jaċċelleraw l-iżvilupp u l-integrazzjoni ta' teknoloġiji semikondutturi ġodda, l-għażliet tad-disinn u l-kunċetti tas-sistema permezz tal-użu effikaċi tal-infrastruttura;
 - (c) is-sensibilizzazzjoni u l-għoti jew l-iżgurar tal-aċċess għall-għarfien espert, l-għarfien speċjalizzat u s-servizzi, inkluż it-tħejjija għat-tfassil tas-sistema, linji pilota ġodda u eżistenti u l-appoġġ tal-azzjonijiet meħtieġa biex jinbnew kapaciċitajiet ta' ħiliet u kompetenzi appoġġati minn din l-Inizjattiva;
 - (d) l-iffaċilitar tat-trasferiment ta' għarfien espert u għarfien speċjalizzat bejn l-Istati Membri u r-reġjuni li jħeġġu l-iskambji ta' ħiliet, għarfien u prattiki tajbin u l-inkoraġġiment ta' programmi konġunti;
 - (e) l-iżvilupp u l-ġestjoni ta' azzjonijiet speċifiċi ta' taħriġ dwar it-teknoloġiji tas-semikondutturi biex jiġi appoġġat l-iżvilupp tar-riżerva ta' talent fl-Unjoni.
3. L-Istati Membri għandhom jaħtru ċentri ta' kompetenza kandidati f'konformità mal-proċeduri, l-istrutturi amministrattivi u istituzzjonali nazzjonali tagħhom permezz ta' proċess miftuħ u kompetittiv. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-proċedura għall-istabbiliment ta' ċentri ta' kompetenza, inkluż il-kriterji tal-għażla, u aktar kompiti u funzjonijiet taċ-ċentri fir-

rigward tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-Inizjattiva, il-proċedura għall-istabbiliment tan-network u għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar l-għażla ta' entitajiet li jiffurmaw in-network. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 33(2).

4. In-network għandu jkollu awtonomija ġenerali sostanzjali biex jistabbilixxi l-organizzazzjoni, il-kompożizzjoni u l-metodi ta' ħidma tiegħu. Madankollu, l-organizzazzjoni, il-kompożizzjoni u l-metodi ta' ħidma tan-network għandhom ikunu f'konformità ma' u jikkontribwixxu għall-għanijiet u għall-oġġettivi ta' dan ir-Regolament u tal-Inizjattiva.

Artikolu 9 *Implimentazzjoni*

1. Il-komponenti elenkati fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 5 tal-Inizjattiva jistgħu jiġu fdati lill-Impriża Konġunta taċ-Ċipep msemmija fir-Regolament tal-Kunsill XX/XX li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 u implimentati fil-programm ta' ħidma tal-Impriża Konġunta taċ-Ċipep.
2. Sabiex jiġu riflessi l-bidliet teknoloġiċi u l-iżviluppi tas-suq, il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 32 biex temenda l-Anness I fir-rigward tal-attivitajiet stabbiliti fih b'mod konsistenti mal-oġġettivi tal-Inizjattiva, kif stabbilit fl-Artikolu 4.
3. Sabiex jiġu żgurati implimentazzjoni u evalwazzjoni effikaċi tal-Inizjattiva, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 32 biex temenda l-Anness II fir-rigward tal-indikaturi li jistgħu jitkejlu għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u biex tirrapporta dwar l-Inizjattiva lejn l-ilħuq tal-oġġettivi tagħha kif stabbilit fl-Artikolu 4.

KAPITOLU III

IS-SIGURTÀ TAL-PROVVISTA

Artikolu 10 *Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata*

1. Il-Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata huma faċilitajiet ta' disinn u manifattura tas-semikondutturi li huma l-ewwel tat-tip tagħhom, inkluż dawk front-end u back-end, jew it-tnejn li huma, fl-Unjoni li jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-provvista għas-suq intern.
2. Faċilità ta' Produzzjoni Integrata għandha tissodisfa l-kriterji li ġejjin:
 - (a) din tikkwalifika bħala faċilità li hija l-ewwel tat-tip tagħha;
 - (b) l-istabbiliment u t-tħaddim tagħha għandu impatt pożittiv ċar fuq il-katina tal-valur tas-semikondutturi tal-Unjoni fir-rigward tal-iżgurar tas-sigurtà tal-provvista u ż-żieda tal-forza tax-xogħol kwalifikata;
 - (c) tiggarrantixxi li ma tkunx soġġetta għall-applikazzjoni ekstrasettorjali tal-obbligi ta' servizz pubbliku ta' pajjiżi terzi b'mod li jista' jimmina l-kapaċità

tal-impriża li tikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 21(1) u timpenja ruħha li tinforma lill-Kummissjoni meta jinqala' tali obbligu;

(d) hija timpenja ruħha li tinvesti fil-ġenerazzjoni taç-çipep li jmiss.

3. Għall-finijiet ta' investment fil-ġenerazzjoni li jmiss ta' çipep skont il-paragrafu 2, il-punt (d), il-Faċilità ta' Produzzjoni Integrata għandu jkollha aċċess prijoritarju għal-linji pilota stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 5, il-punt (b). Kwalunkwe aċċess prijoritarju bħal dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-aċċess effettiv għal-linji pilota minn impriżi interessati oħra.

Artikolu 11

Fonderija Miftuħa tal-UE

1. Il-Fonderija Miftuħa tal-UE huma l-ewwel faċilitajiet tal-manifattura ta' semikondutturi front-end jew back-end, it-tnejn li huma, tat-tip tagħhom fl-Unjoni li joffru kapaċità ta' produzzjoni lil impriżi mhux relatati u b'hekk jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-provvista għas-suq intern.
2. Fonderija Miftuħa tal-UE għandha tissodisfa l-kriterji li ġejjin:
 - (a) din tikkwalifika bħala faċilità li hija l-ewwel tat-tip tagħha;
 - (b) l-istabbiliment u t-tħaddim tagħha għandu impatt pożittiv ċar fuq il-katina tal-valur tas-semikondutturi tal-Unjoni fir-rigward tal-iżgurar tas-sigurtà tal-provvista u ż-żieda tal-forza tax-xogħol kwalifikata, filwaqt li jitqies b'mod partikolari l-punt sa fejn joffri front-end jew back-end, jew it-tnejn li huma, il-kapaċità tal-produzzjoni lil impriżi mhux relatati mal-faċilità, jekk ikun hemm domanda suffiċjenti;
 - (c) tiggarrantixxi li ma tkunx soġġetta għall-applikazzjoni ekstraterritorjali tal-obbligi ta' servizz pubbliku ta' pajjiżi terzi b'mod li jista' jimmina l-kapaċità tal-impriża li tikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 21(1) u timpenja ruħha li tinforma lill-Kummissjoni meta jinqala' tali obbligu;
 - (d) hija timpenja ruħha li tinvesti fil-ġenerazzjoni taç-çipep li jmiss.
3. Meta Fonderija Miftuħa tal-UE toffri kapaċità ta' produzzjoni lil impriżi mhux relatati mal-operatur tal-faċilità, hija għandha tistabbilixxi u żżomm separazzjoni funzjonali adegwata u effikaċi tal-proċessi tad-disinjar u tal-manifattura sabiex tiżgura l-protezzjoni tal-informazzjoni li tinkiseb f'kull stadju.
4. Għall-finijiet ta' investment fil-ġenerazzjoni li jmiss ta' çipep skont il-paragrafu 2, il-punt (d), il-Fonderija Miftuħa tal-UE għandu jkollha aċċess prijoritarju għal-linji pilota stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 5, il-punt (b). Kwalunkwe aċċess prijoritarju bħal dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-aċċess effettiv għal-linji pilota minn impriżi interessati oħra.

Artikolu 12

Applikazzjoni u rikonoxximent

1. Kwalunkwe impriża jew kwalunkwe konsorzju ta' impriżi ("applikant") jista' jippreżenta applikazzjoni lill-Kummissjoni biex tirrikonoxxi l-faċilità ppjanata tal-applikant bħala Faċilità ta' Produzzjoni Integrata jew bħala Fonderija Miftuħa tal-UE.

2. Il-Kummissjoni għandha, f'konsultazzjoni mal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, tivvaluta l-applikazzjoni permezz ta' proċess ġust u trasparenti bbażat fuq l-elementi li ġejjin:
 - (a) il-konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 10(2) jew fl-Artikolu 11(2) rispettivament;
 - (b) pjan ta' direzzjoni tan-negozju li jevalwa l-vijabbiltà finanzjarja tal-proġett, inkluż informazzjoni dwar xi sostenn pubbliku ppjanat;
 - (c) esperjenza mixhuda bi prova tal-applikant fl-installazzjoni u fl-operat ta' faċilitajiet simili;
 - (d) l-ġhoti ta' dokument ta' appoġġ xieraq li juri li l-Istat Membru jew l-Istati Membri huma lesti li jistabbilixxu l-faċilità tagħhom biex jiffaċilitaw l-istabiliment ta' tali faċilità.

Il-Kummissjoni għandha tipproċessa l-applikazzjoni u tadotta d-deċiżjoni tagħha fil-ħin u tinnotifika lill-applikant dwar dan.

3. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-attivitajiet tal-Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata u l-Fonderiji Miftuħa tal-UE. Meta l-Kummissjoni ssib li faċilità ma għadhiex tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 10(2) jew fl-Artikolu 11(2) rispettivament, hija għandha tinnotifika s-sejbiet lill-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi. Wara li tikkonsulta mal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi u wara li tisma' l-faċilità, il-Kummissjoni tista' tħassar id-deċiżjoni li faċilità tingħata l-istatus ta' Faċilità ta' Produzzjoni Integrata jew ta' Fonderija Miftuħa tal-UE.
4. Il-Kummissjoni tista', wara li tikkonsulta mal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, tħassar deċiżjoni li tirrikonoxxi l-istatus ta' Faċilità ta' Produzzjoni Integrata jew ta' Fonderija Miftuħa tal-UE jekk ir-rikonoxximent ikun ibbażat fuq applikazzjoni li jkun fiha informazzjoni skorretta.
5. Il-faċilitajiet li ma għadhomx Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata u l-Fonderiji Miftuħa tal-UE għandhom jitilfu d-drittijiet kollha marbuta mar-rikonoxximent ta' dan l-istatus li jirriżultaw minn dan ir-Regolament.

Artikolu 13

L-interess pubbliku u s-sostenn pubbliku

1. Il-Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata u l-Fonderiji Miftuħa tal-UE għandhom jitqiesu li jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-provvista tas-semikondutturi fl-Unjoni u għalhekk ikunu fl-interess pubbliku.
2. Sabiex tintlaħaq is-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu, mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, japplikaw skemi ta' appoġġ u jipprovdu għal appoġġ amministrattiv għal Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata u l-Fonderiji Miftuħa tal-UE f'konformità mal-Artikolu 14.

Artikolu 14

Aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-ġhoti ta' permessi fuq livell nazzjonali

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikazzjonijiet amministrattivi relatati mal-ippjanar, il-bini u t-tħaddim ta' Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata u l-Fonderiji Miftuħa tal-UE jiġu pproċessati b'mod effiċjenti u f'waqtu. Għal dak il-għan, l-

awtoritajiet nazzjonali kollha kkonċernati għandhom jiżguraw li jingħata l-aktar trattament rapidu legalment possibbli lil dawn l-applikazzjonijiet.

2. Fejn jeżisti tali status fid-dritt nazzjonali, il-Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata u l-Fonderiji Miftuħa tal-UE għandhom jiġu allokati l-istatus tal-ogħla sinifikat nazzjonali possibbli u jridu jiġu ttrattati bħala tali fil-proċessi tal-għoti tal-permessi, inkluż dawk relatati mal-valutazzjonijiet ambjentali u jekk il-liġi nazzjonali tipprevedi dan, fl-ippjanar tal-ispazju.
3. Is-sigurtà tal-provvista tas-semikondutturi tista' titqies bħala raġuni imperattiva ta' interess pubbliku prevalenti skont it-tifsira tal-Artikolu 6(4) u l-Artikolu 16(1)(c) tad-Direttiva 92/43/KEE u ta' interess pubbliku prevalenti skont it-tifsira tal-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2000/60. Għalhekk, l-ippjanar, il-bini u t-tħaddim ta' Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata u l-Fonderiji Miftuħa tal-UE jistgħu jitqiesu bħala ta' interess pubbliku prevalenti, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet l-oħrajn stabbiliti f'dawn id-dispożizzjonijiet.
4. Għal kull Faċilità ta' Produzzjoni Integrata jew Fonderija Miftuħa tal-UE, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinnomina awtorità responsabbli għall-iffaċilitar u għall-koordinazzjoni tal-applikazzjonijiet amministrattivi relatati mal-ippjanar, mal-bini u mal-operat. L-awtorità għandha taħtar koordinatur li għandu jservi bħala l-punt uniku ta' kuntatt għall-Faċilità ta' Produzzjoni Integrata jew għall-Fonderija Miftuħa tal-UE. L-awtorità tista' tistabbilixxi grupp ta' ħidma fejn l-awtoritajiet kollha involuti fl-applikazzjonijiet amministrattivi jkunu rappreżentati sabiex titfassal skeda għall-għoti tal-permessi u sabiex tiġi ssorveljata u kkoordinata l-implimentazzjoni tagħha. Jekk l-istabbiliment ta' Faċilità ta' Produzzjoni Integrata jew Fonderija Miftuħa tal-UE jirrikjedi li jittieħdu deċiżjonijiet f'żewġ Stati Membri jew aktar, l-awtoritajiet rispettivi għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex ikun hemm kooperazzjoni u koordinazzjoni effiċjenti u effikaċi bejniethom.

KAPITOLU IV

IL-MONITORAĠĠ U R-RISPONS GĦALL-KRIŻIJET

TAQSIMA 1

MONITORAĠĠ

Artikolu 15

Monitoraġġ u twissija

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu monitoraġġ regolari tal-katina tal-valur tas-semikondutturi. B'mod partikolari, huma għandhom:
 - (a) jimmonitorjaw indikaturi ta' twissija bikrija identifikati skont l-Artikolu 16;
 - (b) jimmonitorjaw id-disponibbiltà u l-integrità tas-servizzi u tal-oġġetti pprovduti mill-atturi ewlenin tas-suq identifikati skont l-Artikolu 17.L-Istati Membri għandhom jipprovdu s-sejbiet rilevanti lill-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi fil-forma ta' aġġornamenti regolari.
2. L-Istati Membri għandhom jistiednu lill-utenti ewlenin tas-semikondutturi u lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra biex jiprovdu informazzjoni dwar varjazzjonijiet

sinifikanti fid-domanda u dwar tfixkil magħruf tal-katina tal-provvista tagħhom. Sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni, l-Istati Membri għandhom jipprevedu mekkaniżmu u struttura amministrattiva għal dawn l-aġġornamenti.

3. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti maħtura skont l-Artikolu 26(1) jistgħu jitolbu informazzjoni minn organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' impriżi jew impriżi individwali li joperaw tul il-katina tal-provvista tas-semikondutturi fejn meħtieġ u proporzjonat għall-finijiet tal-paragrafu 1. F'każ bħal dan, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti se jaqgħu attenzjoni partikolari lill-SMEs biex jimminimizzaw il-piż amministrattiv li jirriżulta mit-talba u jiffavorixxu soluzzjonijiet diġitali biex jiksbu tali informazzjoni. Kwalunkwe informazzjoni miksuba skont dan il-paragrafu għandha tiġi trattata f'konformità mal-obbligi ta' kunfidenzjalità stabbiliti fl-Artikolu 27.
4. Meta Stat Membru jsir konxju ta' kriżi potenzjali tas-semikondutturi, ta' fluttwazzjoni sinifikanti fid-domanda jew ikollu informazzjoni konkreta u affidabbli dwar kwalunkwe fattur jew avveniment ieħor ta' riskju li jimmaterializza, huwa għandu javża minnufih lill-Kummissjoni ("twissija bikrija").
5. Meta l-Kummissjoni ssir konxja ta' kriżi ta' semikondutturi potenzjali, fluttwazzjoni sinifikanti fid-domanda jew ikollha informazzjoni konkreta u affidabbli ta' xi fattur jew avveniment ta' riskju ieħor li jimmaterializza, abbażi ta' twissija minn Stat Membru pprovduta f'konformità mal-paragrafu 4, jew permezz ta' sorsi oħra, inkluż informazzjoni mingħand sħab internazzjonali, hija għandha mingħajr dewmien żejjed:
 - (a) ikollha laqgħa straordinarja tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi biex tikkoordina l-azzjonijiet li ġejjin:
 - (1) tivvaluta jekk l-attivazzjoni tal-fażi ta' kriżi msemmi fl-Artikolu 18 hiex iġġustifikata;
 - (2) tiddiskuti dwar jekk jistax ikun xieraq, meħtieġ u proporzjonat għall-Istati Membri li jixtru b'mod konġunt semikondutturi, prodotti intermedji jew materja prima affettwati jew f'theddida li jiġu affettwati minn kriżi ta' semikondutturi potenzjali ("akkwist koordinat");
 - (b) tidħol f'konsultazzjonijiet jew f'kooperazzjoni, f'isem l-Unjoni, ma' pajjiżi terzi rilevanti bl-għan li tfittex soluzzjonijiet kooperattivi biex tindirizza t-tfixkil fil-katina tal-provvista, f'konformità mal-obbligi internazzjonali. Dan jista' jinvolvi, fejn xieraq, koordinazzjoni f'fora internazzjonali rilevanti.
6. L-akkwist ikkoordinat imsemmi fil-paragrafu 5, il-punt (a)(ii), għandu jitwettaq mill-Istati Membri f'konformità mar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 38 tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁶.
7. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti maħtura skont l-Artikolu 26(1) għandhom jimmapjaw l-impriżi li joperaw tul il-katina tal-provvista tas-semikondutturi fit-territorju nazzjonali tagħhom, inkluż informazzjoni mhux kunfidenzjali dwar is-servizzi jew l-oġġetti, u informazzjoni ta' kuntatt. Huma għandhom jinnotifikaw din il-lista u kwalunkwe aġġornament sussegwenti lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' toħroġ gwida, wara li tikkonsulta mal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi,

⁶⁶ Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

biex tispeċifika ulterjorment l-informazzjoni li għandha tinġabar u tiddefinixxi l-ispeċifikazzjonijiet u l-formati tekniċi.

Artikolu 16

Valutazzjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni u indikaturi ta' twissija bikrija

1. Il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta mal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, tivvaluta r-riskji li jistgħu jfixklu, jikkompromettu jew jaffettwaw b'mod negattiv il-provvista tas-semikondutturi (valutazzjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni). Fil-valutazzjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tidentifika indikaturi ta' twissija bikrija.
2. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-valutazzjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni inkluż l-indikaturi ta' twissija bikrija kif meħtieġ.
3. Meta jimmonitorjaw il-katina tal-valur tas-semikondutturi skont l-Artikolu 15, l-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw l-indikaturi ta' twissija bikrija identifikati mill-Kummissjoni.

Artikolu 17

Atturi ewlenin tas-suq

1. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw l-atturi ewlenin tas-suq tul il-ktajjen tal-provvista tas-semikondutturi fit-territorju nazzjonali tagħhom, filwaqt li jqisu l-elementi li ġejjin:
 - (a) l-għadd ta' impriżi oħra tal-Unjoni li jiddependu fuq is-servizz jew fuq l-oġġett ipprovdut minn attur tas-suq;
 - (b) is-sehem mis-suq tal-Unjoni jew tas-suq globali tal-attur ewlieni fis-suq għal tali servizzi jew oġġetti;
 - (c) l-importanza ta' attur tas-suq fiż-żamma ta' livell suffiċjenti ta' provvista ta' servizz jew ta' oġġett fl-Unjoni, filwaqt li titqies id-disponibbiltà ta' mezzi alternattivi għall-forniment ta' dak is-servizz jew ta' dak l-oġġett;
 - (d) l-impatt li tfixkil fil-provvista tas-servizz jew tal-oġġett ipprovdut mill-attur tas-suq jista' jkollu fuq il-katina tal-provvista tas-semikondutturi u fuq is-swieq dipendenti tal-Unjoni.
2. Meta jimmonitorjaw il-katina tal-valur tas-semikondutturi skont l-Artikolu 15, l-Istati Membri għandhom, wara li jikkonsultaw lill-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, jimmonitorjaw id-disponibbiltà u l-integrità tas-servizzi jew tal-oġġetti li dawk l-atturi ewlenin tas-suq jipprovdu.

TAQSIMA 2

FAŻI TA' KRIŻI FIL-PROVVISTA TAS-SEMIKONDUTTURI

Artikolu 18

L-attivazzjoni tal-fażi ta' kriżi

1. Kriżi tas-semikondutturi għandha titqies li sseħħ meta jkun hemm tfixkil serju fil-provvista tas-semikondutturi li jwasslu għal nuqqasijiet sinifikanti, li:
 - (a) jinvolvu dewmien sinifikanti jew effetti negattivi sinifikanti fuq settur ekonomiku importanti wieħed jew aktar fl-Unjoni, jew
 - (b) jimpedixxu l-provvista, it-tiswija u l-manutenzjoni ta' prodotti essenzjali użati minn setturi kritiċi.
2. Meta valutazzjoni tal-Kummissjoni tipprovdi evidenza konkreta, serja u affidabbli ta' kriżi tas-semikondutturi, il-Kummissjoni tista' tattiva l-fażi ta' kriżi permezz ta' atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 33(2). It-tul ta' żmien tal-attivazzjoni għandu jiġi speċifikat fl-atti ta' implimentazzjoni. Meta, fid-dawl tal-ambitu u tal-gravità tal-kriżi tas-semikondutturi, ikun meħtieġ hekk għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati, il-proċedura prevista fl-Artikolu 33(3) għandha tapplika għall-atti ta' implimentazzjoni adottati skont dan l-Artikolu.
3. Qabel l-iskadenza tad-durata li għaliha tkun ġiet attivata fażi ta' kriżi, il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta mal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, tivvaluta jekk l-attivazzjoni tal-fażi ta' kriżi tenhtigx li tiġi estiża. Meta l-valutazzjoni tikkonkludi li estensjoni hija xierqa, il-Kummissjoni tista' testendi l-attivazzjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. It-tul ta' żmien tal-estensjoni għandu jiġi speċifikat fl-atti ta' implimentazzjoni adottati f'konformità mal-Artikolu 33(2). Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi ripetutament li testendi l-attivazzjoni tal-fażi ta' kriżi fejn dan ikun xieraq.
4. Matul il-fażi ta' kriżi, il-Kummissjoni għandha, fuq talba minn Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tlaqqa' laqgħat straordinarji tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi kif meħtieġ. L-Istati Membri għandhom jaħdmu mill-qrib mal-Kummissjoni u għandhom jikkoordinaw kwalunkwe miżura nazzjonali meħuda fir-rigward tal-katina tal-provvista tas-semikondutturi fi ħdan il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi.
5. Mal-iskadenza tat-tul ta' żmien li għaliha tiġi attivata l-fażi ta' kriżi, il-miżuri meħuda f'konformità mal-Artikoli 20, 21 u 22 ma għandhomx jibqgħu japplikaw. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-valutazzjoni tar-riskju tal-Unjoni skont l-Artikolu 16(2) mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-iskadenza tat-tul taż-żmien tal-fażi ta' kriżi.

Artikolu 19

Sett ta' għodod ta' emerġenza

1. Meta l-fażi ta' kriżi tiġi attivata u fejn xieraq sabiex tiġi indirizzata l-kriżi tas-semikondutturi fl-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżura prevista mill-Artikolu 20 skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fih. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tieħu l-miżuri previsti mill-Artikolu 21 jew fl-Artikolu 22, jew it-tnejn, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fih.

2. Il-Kummissjoni tista', wara li tikkonsulta lill-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, tillimita l-miżuri previsti mill-Artikoli 21 u 22 għal ċerti setturi kritiċi li l-operat tagħhom hu mfixkel jew mhedded minn tfixkil minħabba l-kriżi tas-semikondutturi.
3. Meta l-fażi ta' kriżi tiġi attivata u fejn xieraq sabiex tiġi indirizzata l-kriżi tas-semikondutturi fl-Unjoni, il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi jista':
 - (a) jivvaluta l-impatt tal-impożizzjoni possibbli ta' miżuri protettivi, fosthom b'mod partikolari jekk is-sitwazzjoni tas-suq tikkorrispondix għal nuqqas sinifikanti ta' prodott essenzjali skont ir-Regolament 2015/479 u jipprovdi opinjoni lill-Kummissjoni;
 - (b) jivvaluta u jagħti pariri dwar aktar miżuri ta' emerġenza xierqa u effikaċi.
4. L-użu tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun proporzjonat u ristrett għal dak li huwa meħtieġ biex jiġi indirizzat tfixkil serju tal-funzjonijiet tas-soċjetà jew tal-attivitajiet ekonomiċi vitali fl-Unjoni u jrid ikun fl-aqwa interess tal-Unjoni. L-użu ta' dawn il-miżuri għandu jevita t-tqegħid ta' piż amministrattiv sproportjonat fuq l-SMEs.
5. Il-Kummissjoni għandha tinforma regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kwalunkwe miżura meħuda f'konformità mal-paragrafu 1 u tispjega r-raġunijiet tad-deċiżjoni tagħha.
6. Il-Kummissjoni tista', wara li tikkonsulta mal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, toħroġ gwida dwar l-implimentazzjoni u l-użu tal-miżuri ta' emerġenza.

Artikolu 20

Ġbir ta' informazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta mal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, titlob lil organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' impriżi jew, jekk ikun meħtieġ, lil impriżi individwali li joperaw tul il-katina tal-provvista tas-semikondutturi biex jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-kapaċitajiet tal-produzzjoni, il-kapjenzi tal-produzzjoni tagħhom, it-tfixkil primarju attwali u l-għoti ta' *data* eżistenti oħra meħtieġa biex tiġi vvalutata n-natura tal-kriżi tas-semikondutturi jew biex jiġu identifikati u vvalutati miżuri potenzjali ta' mitigazzjoni jew ta' emerġenza fil-livell nazzjonali jew tal-Unjoni.
2. It-talba għall-informazzjoni għandha tiddikjara l-bażi ġuridika tagħha, tkun proporzjonata mil-lat tal-granularità u l-volum tad-*data* u l-frekwenza tal-aċċess għad-*data* mitluba, filwaqt li jitqiesu l-għanijiet leġittimi tal-impriża u l-ispiża u l-isforz meħtieġa biex id-*data* ssir disponibbli, u jiġi stabbilit il-limitu ta' żmien li fih għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni. Għandha tindika wkoll il-penali previsti mill-Artikolu 28.
3. Is-sidien tal-impriżi jew ir-rappreżentanti tagħhom u, fil-każ ta' persuni ġuridiċi, kumpaniji jew ditti, jew assoċjazzjonijiet li ma jkollhom l-ebda personalità ġuridika, il-persuni awtorizzati biex jirrappreżentawhom bil-liġi jew mill-kostituzzjoni tagħhom għandhom jipprovdu l-informazzjoni mitluba f'isem l-impriża jew l-assoċjazzjoni ta' impriżi kkonċernati. L-avukati debitament awtorizzati biex jaġixxu jistgħu jipprovdu l-informazzjoni f'isem il-klijenti tagħhom. Dawn tal-aħħar

għandhom jibqgħu responsabbli għalkollox jekk l-informazzjoni pprovduta tkun inkompleta, skorretta jew qarrieqa.

4. Jekk impriża tipprovdi informazzjoni skorretta, inkompleta jew qarrieqa bi tweġiba għal talba magħmula skont dan l-Artikolu, jew ma tipprovdi l-informazzjoni fil-limitu ta' żmien preskritt, din għandha tkun soġġetta għal multi stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 28.
5. Jekk impriża stabbilita fl-Unjoni tkun soġġetta għal talba għal informazzjoni relatata mal-attivitàjiet tagħha fil-qasam tas-semikondutturi minn pajjiż terz, hija għandha tinforma lill-Kummissjoni b'tali mod li tippermetti lill-Kummissjoni titlob informazzjoni simili. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi fuq l-eżistenza ta' tali talba minn pajjiż terz.

Artikolu 21

Ordinijiet klassifikati bħala prijorità

1. Fejn ikun meħtieġ u proporzjonat biex jiġi żgurat it-tħaddim tas-setturi kritiċi kollha jew ta' ċerti setturi kritiċi, il-Kummissjoni tista' tobligha lill-Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata u l-Fonderiji Miftuħa tal-UE jaċċettaw u jipprijoritizzaw ordni ta' prodotti rilevanti għall-kriżi ("ordni klassifikata ta' prijorità"). L-obbligu għandu jieħu preċedenza fuq kwalunkwe obbligu ta' prestazzjoni skont id-dritt privat jew pubbliku.
2. L-obbligu skont il-paragrafu 1 jista' jiġi impost ukoll fuq impriżi oħra tas-semikondutturi li jkunu aċċettaw tali possibbiltà fil-kuntest li jirċievu sostenn pubbliku.
3. Meta impriża tas-semikondutturi stabbilita fl-Unjoni tkun soġġetta għal miżura ta' ordni klassifikata bħala prijorità ta' pajjiż terz, hija għandha tinforma lill-Kummissjoni. Jekk dak l-obbligu jkollu impatt sinifikanti fuq l-operat ta' ċerti setturi kritiċi, il-Kummissjoni tista' tobligha lil dik l-impriża taċċetta u tipprijoritizza ordnijiet ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet f'konformità mal-paragrafi 4, 5 u 6.
4. L-obbligi skont il-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni permezz ta' deċiżjoni. Id-deċiżjoni għandha tittieħed f'konformità mal-obbligi legali applikabbli kollha tal-Unjoni, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluż il-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità. Id-deċiżjoni għandha b'mod partikolari tqis l-għanijiet leġittimi tal-impriża kkonċernata u l-kost u l-isforz meħtieġa għal kwalunkwe bidla fis-sekwenza tal-produzzjoni. Fid-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tiddikjara l-bażi ġuridika tal-ordni klassifikata bħala prijorità, tistabbilixxi t-terminu li fih għandha titwettaq l-ordni, u, fejn applikabbli, tispeċifika l-prodott u l-kwantità, u tiddikjara l-penali previsti mill-Artikolu 28 għan-nuqqas ta' konformità mal-obbligu. L-ordni klassifikata bħala prijorità għandha titressaq bi prezz ġust u raġonevoli.
5. L-impriża kkonċernata għandha tkun obligata taċċetta u tipprijoritizza ordni klassifikat bħala prijorità. L-impriża tista' titlob lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-ordni klassifikata bħala prijorità meta tqis li huwa ġġustifikat kif xieraq abbażi ta' waħda mir-raġunijiet li ġejjin:
 - (a) jekk l-impriża ma tkunx tista' twettaq l-ordni klassifikata bħala prijorità minħabba nuqqas ta' kapaċità tal-produzzjoni jew ta' kapaċità potenzjali tal-produzzjoni biżżejjed, anke jekk l-ordni tingħata trattament preferenzjali;

- (b) jekk l-aċċettazzjoni tal-ordni tpoġġi piż ekonomiku mhux raġonevoli u tinvolvi tbatija partikolari għall-impriża.
6. Meta impriża tkun obbligata taċċetta u tiprijorizza ordni klassifikata bħala prijorità, din ma għandha tkun responsabbli għall-ebda ksur tal-obbligi kuntrattwali li jkun meħtieġ biex din tkun tista' tikkonforma mal-ordnijiet klassifikati bħala prijorità. L-obbligazzjoni għandha tiġi eskluża biss sal-punt li l-ksur tal-obbligi kuntrattwali kien meħtieġ għall-konformità mal-prijorizzazzjoni li nġhatat il-mandat.

Artikolu 22

Xiri komuni

1. Il-Kummissjoni tista', fuq talba ta' żewġ Stati Membri jew aktar, tistabbilixxi mandat biex taġixxi bħala korp ċentrali għall-akkwisti f'isem l-Istati Membri parteċipanti ("Stati Membri parteċipanti") għall-akkwist pubbliku tagħhom ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet għal ċerti setturi kritiċi ("xiri komuni").
2. Il-Kummissjoni għandha, f'konsultazzjoni mal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, tivvaluta l-utilità, il-ħtieġa u l-proporzjonalità tat-talba. Meta l-Kummissjoni jkollha l-ħsieb li ma ssegwix it-talba, hija għandha tinforma lill-Istati Membri kkonċernati u lill-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi u tagħti r-raġunijiet għar-rifjut tagħha.
3. Il-Kummissjoni għandha tfassal proposta għal ftehim qafas li għandu jiġi ffirmat mill-Istati Membri parteċipanti. Dan il-ftehim qafas għandu jorganizza fid-dettall ix-xiri komuni msemmi fil-paragrafu 1.
4. L-akkwist skont dan ir-Regolament għandu jitwettaq mill-Kummissjoni f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju għall-akkwist tagħha stess. Il-Kummissjoni jista' jkollha l-kapaċità u r-responsabbiltà, f'isem l-Istati Membri parteċipanti kollha, li tidħol f'kuntratti mal-operaturi ekonomiċi, inkluż produtturi individwali ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet, rigward ix-xiri ta' tali prodotti jew dwar il-finanzjament bil-quddiem tal-produzzjoni jew l-iżvilupp ta' tali prodotti bi skambju għal dritt ta' prijorità għar-riżultat.
5. Fejn l-akkwist ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet jinkludi finanzjament mill-baġit tal-Unjoni, jistgħu jiġu stabbiliti kundizzjonijiet speċifiċi fi ftehimiet speċifiċi mal-operaturi ekonomiċi.
6. Il-Kummissjoni għandha twettaq il-proċeduri ta' akkwist u tikkonkludi l-kuntratti mal-operaturi ekonomiċi f'isem l-Istati Membri parteċipanti. Il-Kummissjoni għandha tistieden lill-Istati Membri parteċipanti jaħtru rappreżentanti biex jieħdu sehem fit-tnejn tal-proċeduri ta' akkwist. It-tnejn għall-użu u l-użu tal-prodotti mixtrija għandhom jibqgħu r-responsabbiltà tal-Istati Membri parteċipanti.

KAPITOLU V

GOVERNANZA

TAQSIMA 1

BORD EWROPEW DWAR IS-SEMIKONDUTTURI

Artikolu 23

L-istabbiliment u l-kompiti tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi

1. Il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi huwa stabbilit.
2. Il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'pariri u b'assistenza skont dan ir-Regolament u, b'mod partikolari, billi:
 - (a) jipprovdi pariri dwar l-Inizjattiva lill-Bord tal-awtoritajiet pubbliċi tal-Impriża Konġunta taċ-Ċipep;
 - (b) l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-funzjonament tal-Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata u l-Fonderiji Miftuħa tal-UE;
 - (c) jiddiskuti u jħejji l-identifikazzjoni ta' setturi u teknoloġiji speċifiċi b'impatt soċjali għoli potenzjali u b'sinifikat rispettiv mil-lat ta' sigurtà li jeħtieġu ċertifikazzjoni għal prodotti fdati;
 - (d) jindirizza kwistjonijiet ta' monitoraġġ u rispons għall-kriżijiet;
 - (e) jipprovdi pariri dwar l-applikazzjoni konsistenti ta' dan ir-Regolament, l-iffaċilitar tal-kooperazzjoni fost l-Istati Membri u l-iskambju ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati ma' dan ir-Regolament.
3. Il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi għandu jappoġġa lill-Kummissjoni f'kooperazzjoni internazzjonali, inkluż il-ġbir ta' informazzjoni u l-valutazzjoni tal-kriżijiet, f'konformità mal-obbligi internazzjonali.
4. Il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi għandu jiżgura l-koordinazzjoni, il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni, fejn xieraq, mal-istrutturi rilevanti ta' rispons għall-kriżijiet u ta' tħejjija għall-kriżijiet stabbiliti skont id-dritt tal-Unjoni.

Artikolu 24

L-istruttura tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi

1. Il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri u għandu jkun ippresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni.
2. Kull punt uniku ta' kuntatt nazzjonali, imsemmi fl-Artikolu 26(3), għandu jaħtar rappreżentant ta' livell għoli għall-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi. Fejn rilevanti fir-rigward tal-funzjoni u l-għarfien espert, Stat Membru jista' jkollu aktar minn rappreżentant wieħed fir-rigward ta' kompiti differenti tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi. Kull membru tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi għandu jkollu sostitut.

3. Fuq proposta tal-Kummissjoni u bi ftehim magħha, il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu b'maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu.
4. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi sottogruppi permanenti jew temporanji għall-finijiet tal-eżaminar ta' kwistjonijiet speċifiċi. Fejn xieraq, il-Kummissjoni tista' tistieden organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi tal-industrija tas-semikondutturi, inkluż l-Alleanza Industrijali dwar il-Proċessuri u t-Teknoloġiji tas-Semikondutturi u l-utenti tas-semikondutturi fil-livell tal-Unjoni, għal dawn is-sottogruppi fil-kapaċità ta' osservaturi. Għandu jiġi stabbilit sottogrupp li jinkludi l-organizzazzjonijiet tar-Riċerka u t-Teknoloġija tal-Unjoni bl-għan li jiġu eżaminati aspetti speċifiċi dwar id-direzzjonijiet strateġiċi tat-teknoloġija u biex isir rapportar dwar dan lill-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi.

Artikolu 25

L-operat tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi

1. Il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi għandu jkollu laqgħat ordinarji mill-inqas darba fis-sena. Jista' jagħmel laqgħat straordinarji fuq talba tal-Kummissjoni jew ta' Stat Membru u kif imsemmi fl-Artikolu 15 u fl-Artikolu 18.
2. Il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi għandu jkollu laqgħat separati għall-kompiti tiegħu msemmija fl-Artikolu 23(2), il-punt (a), u għall-kompiti tiegħu msemmija fl-Artikolu 23(2), il-punti (b), (c) u (d).
3. Il-President għandu jsejjaħ il-laqgħat u jħejji l-aġenda f'konformità mal-kompiti tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi skont dan ir-Regolament u mar-regoli ta' proċedura tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tippovdi appoġġ amministrattiv u analitiku għall-attivitajiet tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi skont l-Artikolu 23.
4. Il-Kummissjoni tista' taħtar osservaturi biex jieħdu sehem fil-laqgħat, kif xieraq. Il-Kummissjoni tista' tistieden esperti b'għarfien espert speċifiku, inkluż minn organizzazzjonijiet rilevanti tal-partijiet ikkonċernati, fir-rigward ta' suġġett fuq l-aġenda biex jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi fuq bażi *ad hoc*. Il-Kummissjoni tista' tiffaċilita skambji bejn il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi u korpi, uffiċċji, aġenziji u gruppi konsultattivi oħra tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tistieden rappreżentant mill-Parlament Ewropew bħala osservatur għall-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-parteċipazzjoni ta' istituzzjonijiet u korpi rilevanti oħrajn tal-Unjoni bħala osservaturi għall-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi fir-rigward ta' laqgħat li jikkonċernaw il-Kapitolu IV dwar *il-monitoraġġ u r-rispons għall-kriżijiet*. L-osservaturi u l-esperti ma għandux ikollhom drittijiet tal-vot u ma għandhomx jipparteċipaw fil-formulazzjoni ta' opinjonijiet, rakkomandazzjonijiet jew pariri tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi u tas-sottogruppi tiegħu.
5. Il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura l-immaniġġjar u l-ipproċessar sikur ta' informazzjoni kunfidenzjali.

TAQSIMA 2

L-AWTORITAJIET NAZZJONALI KOMPETENTI

Artikolu 26

Il-ħatra tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u tal-punti uniċi ta' kuntatt

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità nazzjonali kompetenti waħda jew aktar bl-għan li jiġu żgurati l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fil-livell nazzjonali.
2. Fejn l-Istati Membri jaħtru aktar minn awtorità kompetenti nazzjonali waħda, huma għandhom jistabbilixxu b'mod ċar ir-responsabbiltajiet rispettivi tal-awtoritajiet ikkonċernati u jiżguraw li jikkooperaw b'mod effikaċi u effiċjenti sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament, inkluż fir-rigward tal-ħatra u l-attivitajiet tal-punt uniku ta' kuntatt nazzjonali msemmi fil-paragrafu 3.
3. Kull Stat Membru għandu jaħtar punt uniku ta' kuntatt nazzjonali wieħed biex jeżerċita funzjoni ta' kollegament biex tiġi żgurata l-kooperazzjoni transfruntiera mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' Stati Membri oħra, mal-Kummissjoni u mal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi ("punt uniku ta' kuntatt"). Meta Stat Membru jaħtar awtorità kompetenti waħda biss, dik l-awtorità kompetenti għandha tkun ukoll il-punt uniku ta' kuntatt.
4. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bil-ħatra tal-awtorità nazzjonali kompetenti u, fejn applikabbli, bir-raġunijiet għall-ħatra ta' aktar minn awtorità nazzjonali kompetenti waħda, u l-punt uniku ta' kuntatt nazzjonali, inkluż il-kompiti u r-responsabbiltajiet preċiżi tagħhom skont dan ir-Regolament, l-informazzjoni ta' kuntatt tagħhom u kwalunkwe bidla sussegwenti fiha.
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, inkluż il-punt uniku ta' kuntatt maħtur, jeżerċitaw is-setgħat tagħhom b'mod imparzjali, trasparenti u f'waqtu u li jiġu pprovduti bis-setgħat u bir-riżorsi tekniċi, finanzjarji u umani adegwati biex iwettqu l-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament.
6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, kull meta jkun xieraq, u f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali, jikkonsultaw u jikkooperaw ma' awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħra, kif ukoll mal-partijiet ikkonċernati rilevanti. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-iskambju ta' esperjenza bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

KAPITOLU VI

KUNFIDENZJALITÀ U PENALI

Artikolu 27

Trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali

1. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, l-uffiċjali tagħhom, l-impjegati u persuni oħra li jaħdmu fis-superviżjoni ta' dawn l-awtoritajiet kif ukoll uffiċjali u impjegati taċ-ċivil ta' awtoritajiet oħra tal-Istati Membri ma għandhomx jiżvelaw informazzjoni miksuba jew skambjata minnhom skont dan ir-Regolament u

tat-tip kopert mill-obbligu tas-segretezza professjonali. Huma għandhom jirrispettaw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni u tad-*data* li jiksbu huma u jwettqu dmirijiethom u tal-attivitajiet tagħhom b'tali mod li jipproteġu b'mod partikolari d-drittijiet tal-proprietà intellettwali u l-informazzjoni kummerċjali sensittiva jew is-sigrieti kummerċjali. Dan l-obbligu għandu japplika għar-rappreżentanti kollha tal-Istati Membri, l-osservaturi, l-esperti u l-parteċipanti l-oħrajn kollha li jattendu l-laqgħat tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi skont l-Artikolu 23 u għall-membri tal-Kumitat skont l-Artikolu 33(1).

2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jiskambjaw, fejn meħtieġ, informazzjoni kunfidenzjali mal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi li magħhom ikunu qablu dwar arranġamenti ta' kunfidenzjalità bilaterali jew multilaterali biex jipprovdu livell adegwat ta' kunfidenzjalità.
3. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni, kif meħtieġ wara l-esperjenza li tinkiseb fil-ġbir tal-informazzjoni, biex tispeċifika l-arranġamenti prattiċi għat-trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali fil-kuntest tal-iskambju ta' informazzjoni skont dan ir-Regolament. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 33(2).

Artikolu 28 *Penali u multi*

1. Il-Kummissjoni tista', b'deċiżjoni, fejn jitqies meħtieġ u proporzjonat:
 - (a) timponi multi, meta organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' impriżi jew impriża, intenzjonalment jew permezz ta' negliġenza serja, jipprovdu informazzjoni skorretta, inkompleta jew qarrieqa bi tweġiba għal talba magħmula skont l-Artikolu 20, jew ma jipprovdux l-informazzjoni fil-limitu ta' żmien preskritt;
 - (b) timponi multi, meta impriża, intenzjonalment jew permezz ta' negliġenza serja, ma tikkonformax mal-obbligu li tinforma lill-Kummissjoni dwar obbligu relatat ma' pajjiż terz skont l-Artikolu 20(5) u l-Artikolu 21(3);
 - (c) timponi pagamenti perjodiċi ta' penali, meta impriża, intenzjonalment jew permezz ta' negliġenza serja, ma tikkonformax ma' obbligu li tagħti prijorità lill-produzzjoni ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet skont l-Artikolu 21.
2. Il-multi imposti fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1(a) u (b) ma għandhomx jaqsbu t-EUR 300 000.
3. Il-pagamenti perjodiċi ta' penali imposti fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1(c) ma għandhomx jaqsbu l-1,5% tal-fatturat medju ta' kuljum fis-sena kummerċjali preċedenti għal kull jum tax-xogħol li fih ikun hemm nuqqas ta' konformità mal-obbligu skont l-Artikolu 21 ikkalkolat mid-data stabbilita fid-deċiżjoni.
4. Meta jiġi stabbilit l-ammont tal-multa jew tal-pagament perjodiku ta' penali, għandhom jitqiesu n-natura, il-gravità u t-tul tal-ksur, filwaqt li jitqiesu l-prinċipji tal-proporzjonalità u l-adeqwatezza.
5. Meta l-impriża tkun issodisfat l-obbligu intiż li jiġi infurzat mill-pagament perjodiku ta' penali, il-Kummissjoni tista' tiffissa l-ammont definittiv tal-pagament perjodiku ta' penali f'ċifra aktar baxxa minn dik li tirriżulta bid-deċiżjoni oriġinali.

6. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha ġurisdizzjoni bla limitu biex tirrevedi d-deċiżjonijiet li bihom il-Kummissjoni tkun stabbiliet multa jew pagament perjodiku ta' penali. Hija tista' tħassar, tnaqqas jew iżżid il-multa jew il-pagament perjodiku ta' penali impost.

Artikolu 29

Perjodu ta' limitazzjoni għall-impożizzjoni ta' multi u pagamenti perjodiċi ta' penali

1. Is-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni mill-Artikolu 28 għandhom ikunu soġġetti għall-perjodi ta' limitazzjoni li ġejjin:
 - (a) sentejn fil-każ ta' ksur tad-dispożizzjonijiet dwar talbiet għal informazzjoni skont l-Artikolu 20;
 - (b) sentejn fil-każ ta' ksur tad-dispożizzjonijiet dwar l-obbligu ta' informazzjoni skont l-Artikolu 20(5) u l-Artikolu 21(3);
 - (c) tliet snin fil-każ ta' ksur tad-dispożizzjonijiet dwar l-obbligu li tingħata prijorià lill-produzzjoni ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet skont l-Artikolu 21.
2. Iż-żmien għandu jibda jiddekorri mill-jum li fih jitwettaq il-ksur. Madankollu, f'każ ta' ksur kontinwu jew ripetut, il-ħin għandu jibda jiddekorri mill-jum li fih jintemm il-ksur.
3. Kwalunkwe azzjoni meħuda mill-Kummissjoni jew mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għall-finijiet li tiġi żgurata l-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandha tinterrompi l-perjodu ta' limitazzjoni.
4. L-interruzzjoni tal-perjodu ta' limitazzjoni għandha tapplika għall-partijiet kollha li jinżammu responsabbli għall-partiċipazzjoni fil-ksur.
5. Kull interruzzjoni għandha tibda l-ħin mill-ġdid. Madankollu, il-perjodu ta' limitazzjoni għandu jiskadi mhux aktar tard mill-jum li fih ikun għadda perjodu twil id-doppju tal-perjodu ta' limitazzjoni mingħajr ma l-Kummissjoni tkun imponiet multa jew pagament perjodiku ta' penali. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż biż-żmien li matulu l-perjodu ta' limitazzjoni jiġi sospiż minħabba li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tkun is-suġġett ta' proċedimenti pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 30

Perjodu ta' limitazzjoni għall-infurzar tal-penali

1. Is-setgħa tal-Kummissjoni li tinforza deċiżjonijiet meħuda skont l-Artikolu 28 għandha tkun soġġetta għal perjodu ta' limitazzjoni ta' tliet snin.
2. Iż-żmien għandu jibda jiddekorri mill-jum li fih id-deċiżjoni ssir finali.
3. Il-perjodu ta' limitazzjoni għall-infurzar ta' multi u ta' pagamenti perjodiċi ta' penali għandu jiġi interrott:
 - (a) permezz ta' notifika ta' deċiżjoni li tvarja l-ammont oriġinali tal-multa jew tal-ħlas perjodiku ta' penali jew li tirrifjuta applikazzjoni għal varjazzjoni;
 - (b) bi kwalunkwe azzjoni tal-Kummissjoni jew ta' Stat Membru, li jaġixxi fuq talba tal-Kummissjoni, imfassla biex tinforza l-ħlas tal-multa jew tal-pagament perjodiku ta' penali.
4. Kull interruzzjoni għandha tibda l-ħin mill-ġdid.

5. Il-perjodu ta' limitazzjoni għall-infurzar ta' multi u ta' pagamenti perjodiċi ta' penali għandu jiġi sospiż sakemm:
 - (a) huwa permess iż-żmien għall-pagament;
 - (b) l-infurzar tal-pagament jiġi sospiż skont deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Artikolu 31

Id-dritt li wieħed jinstema' għall-impożizzjoni ta' multi jew ta' pagamenti perjodiċi ta' penali

1. Qabel ma tadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 28, il-Kummissjoni għandha tagħti lill-impriża jew lill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-impriżi kkonċernati l-opportunità li jinstemgħu dwar:
 - (a) sejbiet preliminari li tkun għamlet il-Kummissjoni, inkluż xi kwistjoni li għaliha l-Kummissjoni tkun għamlet oġġezzjonijiet;
 - (b) miżuri li l-Kummissjoni jista' jkollha l-ħsieb li tiegħu fid-dawl tas-sejbiet preliminari skont il-punt (a) ta' dan il-paragrafu.
2. L-impriżi u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-impriżi kkonċernati jistgħu jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom dwar is-sejbiet preliminari tal-Kummissjoni f'limitu ta' żmien li għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni fis-sejbiet preliminari tagħha u li ma jistax ikun inqas minn 14-il jum.
3. Il-Kummissjoni għandha tibbaża d-deċiżjonijiet tagħha biss fuq oġġezzjonijiet li l-impriżi u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-impriżi kkonċernati setgħu jikkummentaw fuqhom.
4. Id-drittijiet tad-difiża tal-impriża jew tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-impriżi kkonċernati għandhom jiġu rispettati bis-sħiħ fi kwalunkwe proċedura. L-impriża jew l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-impriżi kkonċernati għandhom ikunu intitolati għal aċċess għall-fajl tal-Kummissjoni skont it-termini ta' divulgazzjoni nnegozjata, soġġett għall-interess leġittimu tal-impriżi fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom. Id-dritt ta' aċċess għall-fajl ma għandux jestendi għal informazzjoni kunfidenzjali u għal dokumenti interni tal-Kummissjoni jew tal-awtoritajiet tal-Istati Membri. B'mod partikolari, id-dritt ta' aċċess ma għandux jestendi għall-korrispondenza bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri. Xejn f'dan il-paragrafu ma għandu jipprevjeni lill-Kummissjoni milli tiddivulga u tuża l-informazzjoni meħtieġa biex tagħti prova li jkun sar ksur.

KAPITOLU VII

ID-DELEGA TAS-SETGĦA U L-PROĊEDURA TA' KUMITAT

Artikolu 32

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 9(2) u (3) għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 9(2) u (3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih u ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 9(2) u (3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni min-naħa tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew jew lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn jinfurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b' [xahrejn] fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 33
Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat ("il-Kumitat tas-Semikondutturi"). Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

KAPITOLU VIII

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 34

Emendi għar-Regolament (UE) 2021/694 li jistabbilixxi l-programm Ewropa Diġitali u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240

1. Ir-Regolament (UE) Nru 2021/694 huwa emendat kif ġej:
 - (1) fl-**Artikolu 3(2)** jiżdied il-punt (f) li ġej:
“(f) Objettiv Speċifiku 6 – Semikondutturi”;
 - (2) jiddaħħal l-Artikolu 8a li ġej:
“Artikolu 8a
Objettiv Speċifiku 6 – Semikondutturi

Il-kontribuzzjoni finanzjarja min-naħa tal-Unjoni skont l-Objettiv Speċifiku 6 – is-Semikondutturi għandha ssegwi l-objettivi stabbiliti fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 4 tar-Regolament XX/XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.”;

(3) **L-Artikolu 9(1) u (2)** huwa emendat kif ġej:

“Artikolu 9

Baġit

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027 għandu jkun EUR 8 638 000 000 fi prezzijiet attwali.

2. Id-distribuzzjoni indikattiva tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tkun:

EUR 2 076 914 000 għall-Objettiv Speċifiku 1 – Computing ta' Prestazzjoni Għolja;

EUR 1 841 956 000 għall-Objettiv Speċifiku 2 – Intelliġenza Artifiċjali;

EUR 1 529 566 000 għall-Objettiv Speċifiku 3 – Ċibersigurtà u Fiduċja;

EUR 517 347 000 għall-Objettiv Speċifiku 4 – Ħiliet Diġitali Avanzati;

EUR 1 022 217 000 għall-Objettiv Speċifiku 5 – Tħejjija għall-Użu u l-Aqwa Użu tal-Kapaċitajiet u l-Interoperabbiltà Diġitali;

EUR 1 650 000 000 biljun għall-Objettiv Speċifiku 6 – Semikondutturi.”;

(4) **fl-Artikolu 11**, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet kif imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fir-rigward tal-Objettivi Speċifiċi 1, 2, 3 u 6 għandha tkun soġġetta għall-Artikolu 12.”

(5) **fl-Artikolu 12**, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“6. Jekk ikun debitament ġustifikat għal raġunijiet ta' sigurtà, il-programm ta' ħidma jista' jipprevedi wkoll li l-entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'pajjiżi assoċjati u entitajiet ġuridiċi li huma stabbiliti fl-Unjoni iżda li huma kkontrollati minn pajjiżi terzi jistgħu jkunu eliġibbli biex jipparteċipaw fl-azzjonijiet kollha jew f'xi azzjonijiet tal-Objettivi Speċifiċi 1, 2 **u 6** biss jekk jikkonformaw mar-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati min-naħa ta' dawk l-entitajiet ġuridiċi biex jiggwarantixxu l-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri u biex jiżguraw il-protezzjoni ta' informazzjoni dwar dokumenti klassifikati. Dawk ir-rekwiżiti għandhom jiġu stabbiliti fil-programm ta' ħidma.”;

(6) **fl-Artikolu 13** jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

“3. Is-sinerġiji tal-Objettiv Speċifiku 6 ma' Programm ieħor tal-Unjoni, huma deskritti fl-Artikolu 6 u fl-Anness III tar-Regolament XX/XX.”;

(7) **L-Artikolu 14** huwa emendat kif ġej:

Il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej

(8) “1. Il-Programm għandu jiġi implimentat b'ġestjoni diretta, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju, jew b'ġestjoni indiretta billi ċerti kompiti ta' implimentazzjoni jiġu fdati lill-korpi msemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju, f'konformità mal-Artikoli 4 sa 8a ta' dan ir-Regolament. Il-korpi fdati bl-implimentazzjoni tal-Programm jistgħu

jitbiegħdu mir-regoli dwar il-parteċipazzjoni u t-tixrid stabbiliti f'dan ir-Regolament biss meta tali tluq ikun previst mill-att legali li jstabbilixxi dawk il-korpi jew li jafda kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit lilhom jew, għall-korpi msemmija fil-punt (c)(ii), (iii) jew (v) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju, fejn tali tbeġhid ikun previst mill-ftehim ta' kontribuzzjoni u l-ħtiġijiet operattivi speċifiċi ta' tali korpi jew in-natura tal-azzjoni jkunu jeħtieġu hekk.”;

(9) fl-**Artikolu 14**, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“4. Fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 22 tar-Regolament XX/XX, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dak l-Artikolu.”;

(10) fl-**Artikolu 17**, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament biss l-azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-objettivi stabbiliti fl-Artikoli 3 sa 8a.”;

(11) fl-**Anness I** jiżdied il-paragrafu li ġej:

“Objettiv Speċifiku 6 – Semikondutturi

L-azzjonijiet tal-Objettiv Speċifiku 6 huma pprovduti fl-Anness I tar-Regolament XX/XX.”;

(12) fl-**Anness II** jiżdied il-paragrafu li ġej:

“Objettiv Speċifiku 6 – Semikondutturi

Indikaturi li jistgħu jitkejlu għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u għar-rapportar dwar il-progress tal-Objettiv Speċifiku 6 huma pprovduti fl-Anness II tar-Regolament XX/XX.”;

(13) fl-**Anness III** jiżdied il-paragrafu li ġej:

“L-Objettiv Speċifiku 6 – Semikondutturi, Sinerġiji mal-Programmi tal-Unjoni għall-Objettiv Speċifiku 6 huma pprovduti fl-Anness III tar-Regolament XX/XX.”

Artikolu 35

Evalwazzjoni u rieżami

1. Sa tliet snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u kull erba' snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-evalwazzjoni u r-rieżami ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapporti għandhom jiġu ppubblikati.
2. Għall-finijiet tal-evalwazzjoni u r-rieżami, il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, l-Istati Membri u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni fuq talba tagħha.
3. Fit-twettiq tal-evalwazzjoni u r-rieżami, il-Kummissjoni għandha tqis il-pożizzjonijiet u s-sejbiet tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, u ta' korpi jew sorsi rilevanti oħra.

Artikolu 36

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA
 - 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva
 - 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)
 - 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':
 - 1.4. Objettiv(i)
 - 1.4.1. Objettiv(i) ġenerali
 - 1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi
 - 1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija
 - 1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni
 - 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva
 - 1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluż kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva
 - 1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-kumplimentarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.
 - 1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi
 - 1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra
 - 1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni
 - 1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva
 - 1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat/i
2. MIŻURI TA' ĠESTJONI
 - 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar
 - 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll
 - 2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta
 - 2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom
 - 2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”), u valutazzjoni tal-livelli mistennija ta' riskju tal-errur (waqt il-pagament u fl-għeluq)
 - 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet
3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA
 - 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet
 - 3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali
 - 3.2.2. Output stmat ifffinanzjat bl-appropriazzjonijiet operazzjonali
 - 3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi
 - 3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali
 - 3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi
- 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

Din id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva tintroduċi l-konsegwenzi baġitarji tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema tas-semikondutturi tal-Ewropa (l-Att dwar iċ-Ċipep) u l-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti ta' Orizzont Ewropa. Dan isir flimkien mad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva introdotta għall-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin, li hija parti mill-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti ta' Orizzont Ewropa (COM(2021) 87, it-23 ta' Frar 2021).

Il-konsegwenzi baġitarji msemmija f'din id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva huma ta' żewġ tipi:

In-nefqa għall-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa (bl-eċċezzjoni tal-Fond għaċ-Ċipep) u l-attivitajiet li għaddejjin tal-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin, li għandhom jiġu ġestiti mill-IK Ċipep. In-nefqa totali li għandha tiġi ġestita mill-Impriża Konġunta taċ-Ċipep, li qabel kienet magħrufa bħala l-“Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin”, hija ta' EUR 4,175 biljun, li minnhom EUR 1,8 biljun ġew impenjati qabel bl-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin.

In-nefqa għall-persunal tal-Kummissjoni Ewropea biex ilaħħaq mal-kompiti l-ġodda fdati lill-Kummissjoni għas-sorveljanza tal-IK Ċipep, ir-rieżami u t-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet tal-Konsorzju Ewropew għall-Infrastruttura relatata maċ-Ċipep, ir-rieżami u t-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet għal Faċilità ta' Produzzjoni Integrata jew Fonderija Miftuħa tal-UE, l-appoġġ lill-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, u – flimkien mal-Istati Membri – il-monitoraġġ tal-ktajjen tal-provvista tas-semikondutturi u d-deċiżjonijiet dwar l-azzjonijiet, fejn xieraq. Għal dawn l-attivitajiet huma previsti total ta' 9 unitajiet ekwivalenti ta' ingaġġ full-time.

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1,1 Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema tas-semikondutturi tal-Ewropa (l-Att dwar iċ-Ċipep)

1,2 Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Ewropa adatta għall-Era Diġitali
Investimenti Strateġiċi Ewropej
Attività: It-tiswir tal-futur diġitali tal-Ewropa.

1.1. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma’:

azzjoni ġdida

“ azzjoni ġdida b’segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja⁶⁷

l-estensjoni ta’ azzjoni eżistenti

fużjoni jew ridirezzjonar ta’ azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

1.2. Objettiv(i)

1.2.1. *Objettiv(i) ġenerali*

L-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep għandu l-għan li jstabbilixxi qafas koerenti għat-tisħiħ tal-ekosistema tas-semikondutturi tal-Unjoni. Se jwessa’ r-reżiljenza tal-ekosistema tas-semikondutturi tal-Ewropa u jżid is-sehem tagħha mis-suq globali. Dan se jiffaċilita l-adozzjoni bikrija ta’ ċipep ġodda min-naħa tal-industrija Ewropea u jżid il-kompetittività tagħha.

1.2.2. *Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

Jistabbilixxi l-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa, jappoġġa l-bini tal-kapaċità teknoloġika fuq skala kbira bi investiment f’infrastrutturi innovattivi transfruntieri u aċċessibbli b’mod miftuħ stabbiliti fl-Unjoni bl-għan li jippermettu l-iżvilupp ta’ teknoloġiji tas-semikondutturi avvanzati u tal-ġenerazzjoni li jmiss li se jsaħħu l-kapaċitajiet avvanzati tal-UE f’dak li jikkonċerna d-disinjar, l-integrazzjoni tas-sistemi, u l-produzzjoni taċ-ċipep (pilastru 1, “Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa”).

Joħloq qafas biex jiżgura s-sigurtà tal-provvista billi jattira investimenti u kapaċitajiet ta’ produzzjoni mtejba fil-manifattura tas-semikondutturi kif ukoll l-imballaġġ, l-ittestjar, u l-assemblaġġ avvanzati permezz ta’ Faċilitajiet ta’ Produzzjoni Integrata u Fonderiji Miftuħa tal-UE li huma l-ewwel tat-tip tagħhom (pilastru 2, “Sigurtà tal-provvista”).

Jistabbilixxi mekkaniżmu ta’ koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni għat-tisħiħ tal-kollaborazzjoni mal-Istati Membri u bejniethom, iwettaq monitoraġġ tal-provvista tas-semikondutturi, u stima tad-domanda, jantiċipa n-nuqqasijiet, jattiva sitwazzjonijiet ta’ kriżi u jaġixxi permezz ta’ sett ta’ miżuri iddedikati (pilastru 3, “Tħejjija u Monitoraġġ”).

1.2.3. *Riżultat(i) u impatt mistennija*

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

L-industrija tas-semikondutturi tal-Unjoni jenħtieġ li tibbenefika minn appoġġ għall-bini ta’ kapaċità teknoloġika fuq skala kbira fit-teknoloġiji tas-semikondutturi l-aktar avvanzati u tal-ġenerazzjoni li jmiss li se jsaħħu l-kapaċitajiet avvanzati tal-UE f’dak li jikkonċerna d-disinjar, l-integrazzjoni tas-sistemi, u l-produzzjoni taċ-ċipep. Il-faċilitajiet tas-semikondutturi se jibbenefikaw minn proċessi aktar effikaċi għall-għoti ta’ permessi.

⁶⁷ Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

L-utenti tas-semikondutturi tal-Unjoni fis-setturi kollha jenħtieġ li jibbenefikaw minn żieda fis-sigurtà tal-provvista tas-semikondutturi mingħajr tfixkil. Barra minn hekk, is-setturi kritiċi jenħtieġ li jibbenefikaw minn sigurtà mtejba tal-provvista tas-semikondutturi.

L-utenti finali ta' prodotti b'semikondutturi jenħtieġ li jibbenefikaw minn żieda fis-sigurtà tal-provvista, kontra prezzijiet tas-suq aktar attraenti.

Il-kompetittività tal-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi se titjeb.

1.2.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

L-indikaturi tal-prestazzjoni huma fil-biċċa l-kbira rilevanti għall-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa. L-Anness II jagħti l-ewwel verżjonijiet ta' indikaturi li jistgħu jitkejlu għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u għar-rapportar dwar il-progress tal-Inizjattiva lejn l-ilħuq tal-oġġettivi tagħha:

1. L-għadd ta' entitajiet ġuridiċi involuti (suddiviżi skont id-daqs, it-tip u l-pajjiż ta' stabbiliment) fl-azzjonijiet appoġġati mill-Inizjattiva.
2. L-għadd ta' għodod għad-disinjar żviluppati jew integrati bl-Inizjattiva.
3. L-ammont totali koinvestit fil-kapaċitajiet tad-disinjar u l-linji pilota tal-Inizjattiva.
4. L-għadd ta' utenti jew ta' komunitajiet ta' utenti li jiksbu aċċess għall-kapaċitajiet tad-disinjar u l-linji pilota tal-Inizjattiva.
5. L-għadd ta' negozji, li użaw is-servizzi taċ-ċentri nazzjonali ta' kompetenza appoġġati mill-Inizjattiva.
6. L-għadd ta' persuni li rċevew taħriġ biex jiksbu ħiliet u taħriġ avvanzati dwar it-teknoloġiji tas-semikondutturi u kwantistiċi appoġġati mill-Inizjattiva.
7. L-għadd ta' negozji ġodda, negozji li qed jespandu u SMEs li rċevew kapital ta' riskju mill-Fond għaċ-Ċipep u l-ammont totali ta' investimenti kapitali li saru.
8. L-ammont ta' investiment minn kumpaniji li joperaw fl-UE, filwaqt li jitqies is-settur tal-katina tal-valur li joperaw fih

1.3. **Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

1.3.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluż kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Ir-Regolament jenħtieġ li jkun applikabbli bis-sħiħ ftit wara l-adozzjoni tiegħu, jiġifieri fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, l-elementi inizjali jenħtieġ li jkunu fis-seħħ qabel, appoġġati mir-Rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, adottata fl-istess ħin tar-Regolament propost.

Il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi jenħtieġ li jiġi stabbilit u l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu hastru punt ta' kuntatt għal-laqgħa tiegħu. Sal-ħin tal-applikabbiltà, il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi jenħtieġ li jkun operattiv għalkollox.

Il-ġbir ta' informazzjoni minn organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' impriżi tas-semikondutturi jenħtieġ li diġà jkun għaddej u l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu diġà ddiskutew għadd ta' miżuri possibbli fis-sett ta' għodod għall-kriżijiet u jwettqu monitoraġġ tal-katina tal-valur tas-semikondutturi.

- 1.3.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-kumplimentarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Iċ-ċipep tas-semikondutturi huma essenzjali għall-ekonomija diġitali. In-nuqqas globali tas-semikondutturi kixef id-dipendenza Ewropea fuq il-provvista minn għadd limitat ta' kumpaniji u ġeografiji, u l-vulnerabbiltà tagħha għar-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi u tfixkil ieħor fil-kuntest ġeopolitiku attwali. Barra minn hekk, din id-dipendenza tkompli tiggrava minħabba ostakli għad-dħul estremament għoljin u l-intensità kapitali tas-settur. Pereżempju, l-aktar ċipep b'saħħithom mil-lat komputazzjonali jeħtieġu manifattura bi preċiżjoni ta' f'it nanometri (nm). Il-bini ta' dawn il-faċilitajiet jinvolvi investiment bil-quddiem ta' mill-inqas EUR 15-il biljun u hemm bżonn ta' tliet snin biex jintlaħaq livell ta' tħejjija għall-produzzjoni b'rendimenti adegwati. In-nefqu għad-disinjar ta' dawn iċ-ċipep jistgħu jvarjaw minn EUR 0,5 biljun għal ferm aktar minn EUR 1,0 biljun. L-intensità tar-R&Ż fis-settur hija għolja u aktar minn 15%. L-ebda Stat Membru mhu kapaċi jilħaq dan waħdu.

L-intervent fil-livell tal-Unjoni huwa l-aqwa mod kif jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw mill-kumplessità tal-ekosistema tas-semikondutturi, mid-dipendenzi strutturali tal-Unjoni u minn tfixkil estensiv fil-katina tal-provvista.

L-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa, jenħtieġ li tiġi stabbilita bħala inizjattiva mifruxa mal-Unjoni kollha għall-appoġġ ta' settur industrijali fl-Ewropa kollha. Inizjattiva fil-livell tal-Unjoni tista' tipprovi l-grad ta' uniformità meħtieġ għat-tħaddim effikaċi tal-programmi ta' finanzjament immirati lejn it-tiħiħ tal-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi.

Għas-sigurtà tal-provvista, l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni hija ġġustifikata mill-ħtieġa ta' applikazzjoni uniformi tar-regoli l-ġodda, b'mod partikolari d-definizzjoni ta' Faċilitajiet ta' Produzzjoni Integrata u l-Fonderiji Miftuħa tal-UE, kif ukoll proċedura uniformi għar-rikonossiment u għall-appoġġ tagħhom.

Barra minn hekk, element ewlieni ta' din il-proposta huwa li tipprevedi miżuri biex jiġi indirizzat tfixkil serju għall-funzjonijiet tas-soċjetà jew għall-attivitajiet ekonomiċi vitali fil-livell tal-Unjoni. Jenħtieġ li jirriżultaw kisbiet importanti fil-koordinazzjoni mill-istabiliment ta' mekkaniżmu għall-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni għall-monitoraġġ u r-rispons għall-kriżijiet f'każ ta' nuqqasijiet ta' semikondutturi.

1.3.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Fl-2013, il-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni dwar “Strateġija Ewropea għall-Komponenti u s-Sistemi Mikro u Nanoelettroniċi”⁶⁸. Hija pproponiet strateġija industrijali biex tiżgura r-ritorn għat-tkabbir u biex jintlaħaq, fi żmien għaxar snin, livell ta’ produzzjoni fl-UE li huwa eqreb lejn is-sehem tagħha mill-PDG dinji. F’aktar dettall, din kellha l-għan li:

- Tiżgura d-disponibbiltà ta’ sistemi u komponenti mikro u n-nanoelettroniċi li huma meħtieġa għall-kompetittività tal-industriji ewlenin fl-Ewropa.
- Tattira investiment oġġa fil-manifattura avvanzata fl-Ewropa u ssaħħaħ il-kompetittività industrijali tul il-katina tal-valur mid-disinjar sal-manifattura.
- Iżżomm rwol ta’ tmexxija fil-provvista ta’ tagħmir u materjali u f’oqsma bħal “more than Moore” u komponenti effiċjenti fl-enerġija.
- Tibni rwol ta’ tmexxija fid-disinjar taċ-ċipep fi swieq ta’ tkabbir għoli, b’mod partikolari fid-disinjar ta’ komponenti kumplessi.

Huwa ċar li l-Unjoni ma rnexxilhiex għalkollox tilħaq l-oġġettivi ta’ din l-istrateġija industrijali.

Raġuni waħda hija li l-azzjonijiet tal-UE wara l-Komunikazzjoni ffukaw l-aktar fuq is-sostenn għar-R&Ż, pereżempju permezz tal-Impriża Konġunta ECSEL. Madankollu, il-bini tal-kapaçità fis-settur tal-mikroelektronika ma ġiex indirizzat tajjeb.

Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni semmiet azzjonijiet f’dak li jikkonċerna d-domanda li għandhom jiġu indirizzati. Madankollu, l-azzjonijiet meħuda ma indirizzawx b’mod adegwat tali azzjonijiet f’dak li jikkonċerna d-domanda. Hemm bżonn issir aktar enfasi fuq azzjonijiet f’dak li jikkonċerna d-domanda, eż. azzjonijiet li jindirizzaw l-attivitajiet ta’ disinjar.

Fl-aħħar nett, b’rabta mal-ewwel punt, il-Komunikazzjoni tal-2013 kellha f’it strumenti għad-dispożizzjoni tagħha. Bħalissa, hemm aktar strumenti disponibbli, ġie pprovdut ftuħ fil-politika tal-kompetizzjoni, u l-momentum politiku issa huwa aktar ċar.

1.3.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma’ strumenti xierqa oħra*

Sabiex jiġu massimizzati l-impatti pożittivi tagħha, l-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa (pilastru 1) se tibni fuq il-bażi b’saħħitha ta’ għarfien u ssaħħaħ is-sinerġiji ma’ azzjonijiet attwalment appoġġati mill-Unjoni u mill-Istati Membri permezz ta’ programmi u azzjonijiet fir-riċerka u l-innovazzjoni fis-semikondutturi u fl-iżviluppi ta’ parti mill-katina tal-provvista. Dawn jinkludu, b’mod partikolari, il-Programm Qafas Orizzont Ewropa u l-Programm Ewropa Diġitali, bl-għan li l-Ewropa tissaħħaħ bħala attur globali fit-teknoloġija tas-semikondutturi u fl-applikazzjonijiet tagħha, b’shem dinji dejjem akbar fil-manifattura sal-2030. Filwaqt li tikkumpla menta daw

⁶⁸ [https://ec.europa.eu/transparency/documents-register/api/files/COM\(2013\)298_0/de0000000485396?rendition=false](https://ec.europa.eu/transparency/documents-register/api/files/COM(2013)298_0/de0000000485396?rendition=false)

l-attivitajiet, l-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa tikkollabora mill-qrib mal-Alleanza Industrijali dwar il-Proċessuri u t-Teknoloġiji tas-Semikondutturi.

Barra minn hekk, ir-Regolament jipprevedi qafas proċedurali biex jiġi ffaċilitat il-finanzjament ikkombinat mill-Istati Membri, mill-baġit tal-UE u mill-investment privat.

L-inizjattiva proposta tista' tiġi stabbilita fil-kuntest ta' għadd ta' politiki u prijoritajiet Ewropej imħabbra reċentement:

- Strateġija industrijali;
- Pjan ta' Rkupru għall-Ewropa;
- Il-Patt Ekoloġiku;
- Intelliġenza Artifiċjali;
- Ir-Riċerka u Innovazzjoni permezz tal-programm propost Orizzont Ewropa, ir-raggruppament "Diġitali, Industrija u Spazju" tal-Pilastru II għandu l-għan li jagħmel kontribuzzjonijiet konkreti għal tliet politiki ġenerali tal-UE: "Ewropa adatta għall-Era Diġitali", "Ekonomija li taħdem għan-nies", u "Patt Ekoloġiku Ewropew".
- Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

Fir-rigward tas-sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra, ir-rwol tal-awtoritajiet kompetenti fil-livell nazzjonali jista' jitwettaq minn awtoritajiet nazzjonali li jissodisfaw funzjonijiet simili skont id-dritt tal-Unjoni. Ara wkoll il-Kapitolu 1 tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni.

1.3.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

1.4. **Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva**

durata limitata

fis-seħħ mid-data tal-adozzjoni tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema tas-semikondutturi tal-Ewropa (l-Att dwar iċ-Ċipep)

Impatt finanzjarju mill-2023 sal-2027 għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u mill-2023 sal-2031 għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

durata mhux limitata

1 Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

2 segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.5. **Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat/i**

Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

mill-aġenziji eżekuttivi

- Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri
- Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:
 - lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;
 - lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
 - lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;
 - lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
 - lill-korpi tal-liġi pubblika;
 - lill-korpi regolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sal-punt li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
 - lill-korpi regolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
 - lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it- Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, ipprovdi d-dettalji fit-taqsimha "Kummenti".

Kummenti

Bl-eċċezzjoni ta' a) l-attivitajiet u l-baġits relatati mal-attivitajiet u l-baġits tal-Fond għaċ- Ċipep u b) allokatu mill-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, l-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa se tiġi implimentata b'ġestjoni indiretta billi l-implimentazzjoni tal-kompiti tiġi fdata lill-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin, li għandha tingħata l-isem ġdid "Impriża Konġunta taċ-Ċipep". L-Istati Membri u Stati Parteċipanti oħra qed jikkofinanzjaw azzjonijiet indiretti.

Partijiet oħra, bħall-attivitajiet tal-pilastru 2 u 3, huma b'ġestjoni diretta. Dawn jikkonċernaw kompiti fdati lill-Kummissjoni biex tissorvelja l-IK Ċipep, tirrevedi u tiddeċiedi dwar l-applikazzjonijiet tal-Konsorzju Ewropew għall-Infrastruttura relatata maċ-Ċipep, tirrevedi u tiddeċiedi dwar l-applikazzjonijiet għal Faċilità ta' Produzzjoni Integrata jew Fonderija Miftuħa tal-UE, tappoġġa lill-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, u – flimkien mal-Istati Membri – timmonitorja l-ktajjen tal-provvista tas-semikondutturi u tiddeċiedi dwar l-azzjonijiet, fejn xieraq.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Bħala korp tal-Unjoni, l-Impriża Konġunta taċ-Ċipep taħdem skont regoli stretti ta' monitoraġġ. Il-monitoraġġ isir permezz ta':

- il-kapaċità tal-awditjar intern tagħha stess u s-servizz tal-awditjar tal-Kummissjoni;
- is-superviżjoni tal-Bord tat-Tmexxija. Id-Direttur Eżekuttiv se jissorvelja l-operazzjonijiet tal-Impriża Konġunta internament;
- sett ta' indikaturi tal-prestazzjoni kwantitattivi u kwalitattivi li se jiġu stabbiliti għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-programm u għall-kejl tal-impatt tiegħu;
- evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu u finali tal-programm min-naħa ta' esperti esterni, fis-superviżjoni tal-Kummissjoni;
- il-Programm ta' Ħidma tal-Impriża Konġunta u r-Rapport Annwali tal-attività tagħha.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1 *Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

Ir-Regolament jintroduċi qafas ta' politika ġdid fir-rigward tal-attrazzjoni tal-investiment fl-Unjoni u t-tisħiħ tal-manifattura tas-semikondutturi avanzata fl-Unjoni u jintroduċi regoli armonizzati għal approċċ ikkoordinat għall-monitoraġġ u t-tħejjija f'każ ta' nuqqas ta' semikondutturi.

Dawn ir-regoli l-ġodda jeħtieġu mekkaniżmu ta' konsistenza għall-applikazzjoni transfruntiera tal-obbligi skont dan ir-Regolament u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-awtoritajiet nazzjonali u tal-Kummissjoni bi grupp konsultattiv ġdid, il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi.

Dawn il-kompiti b'ġestjoni diretta. Sabiex jiġu indirizzati dawn il-kompiti l-ġodda tal-pilastru 2 u 3 u relatati mal-Fond għaċ-Ċipep, jeħtieġ li s-servizzi tal-Kummissjoni jiġu pprovduti b'riżorsi xierqa.

Għal partijiet oħra, il-ġestjoni indiretta hija ġġustifikata minħabba li l-Impriża Konġunta taċ-Ċipep hija sħubija pubblika-privata li parti mill-kofinanzjament jinġiebu permezz ta' kontribuzzjonijiet mill-Istati Parteċipanti u permezz ta' kontribuzzjonijiet *in natura* minn membri privati.

Kull sena, id-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni tal-UE lill-Impriża Konġunta taċ-Ċipep se tittieħed bis-saħħa tal-baġit tal-UE adottat għal dik is-sena.

Ftehim Qafas ta' Sħubija Finanzjarja ffirmat bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Impriża Konġunta taċ-Ċipep se jindika li għall-kompiti li għandhom jitwettqu kull sena, il-Kummissjoni se tħallas kontribuzzjoni mal-konklużjoni ta' ftehim ta' Kontribuzzjoni mal-Impriża Konġunta taċ-Ċipep, u l-ħruġ, min-naħa tal-Impriża Konġunta, ta' talbiet għall-pagament korrispondenti lill-membri għajr l-Unjoni.

Il-Kummissjoni se tiżgura li r-regoli applikabbli għall-Impriża Konġunta taċ-Ċipep jikkonformaw bis-siġħ mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju. F'konformità mal-Artikolu 71 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 l-Impriża Konġunta se tirrispetta l-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba. L-Impriża Konġunta taċ-Ċipep għandha tikkonforma wkoll mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju Mudell applikabbli għall-Impriża Konġunta. Kwalunkwe devjazzjoni minn dan il-mudell tar-Regolament Finanzjarju, meħtieġa għall-finijiet tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-Impriża Konġunta, għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni.

L-arranġamenti ta' monitoraġġ, inkluż permezz tar-rappreżentanza tal-Unjoni fil-Bord ta' Tmexxija u fil-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi tal-Impriża Konġunta taċ-Ċipep, kif ukoll l-arranġamenti ta' rapportar se jiżguraw li s-servizzi tal-Kummissjoni jkunu jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' responsabbiltà kemm għall-Kulleġġ kif ukoll għall-Awtorità Baġitarja.

Il-qafas ta' kontroll intern għall-Impriża Konġunta taċ-Ċipep huwa mibni fuq:

- l-implimentazzjoni tal-Istandards ta' Kontroll Intern li joffru minn tal-inqas garanziji ekwivalenti għal dawk tal-Kummissjoni;
- proċeduri għall-għażla tal-aqwa proġetti permezz ta' evalwazzjoni indipendenti, u għat-tisrif tagħhom fi strumenti legali;
- il-ġestjoni tal-proġetti u tal-kuntratti matul il-ħajja ta' kull proġett;
- kontrolli *ex ante* fuq 100% tal-pretensjonijiet, inkluż ir-riċevuta ta' ċertifikati tal-awditjar u ċertifikazzjoni *ex ante* tal-metodoloġiji tal-kostijiet;
- awditi *ex post* fuq kampjun ta' pretensjonijiet bħala parti mill-awditi *ex post* ta' Orizzont Ewropa;
- evalwazzjoni xjentifika tar-riżultati tal-proġett.

2.2.1. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Ġew stabbiliti diversi miżuri biex jittaffa r-riskju inerenti ta' kunflitt ta' interess fi ħdan l-Impriża Konġunta taċ-Ċipep, speċjalment:

- voti ugwali (terz) għall-Kummissjoni, għall-Istati Parteċipanti (kollettivament) u għall-membri privati (kollettivament) fil-Bord ta' Tmexxija; - voti ugwali (nofs) għall-Kummissjoni u għall-Istati Parteċipanti (kollettivament) fil-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi;
- deċiżjonijiet ta' livell għoli dwar l-attivitajiet/il-baġits iddedikati għall-attivitajiet tal-inizjattiva dwar iċ-ċipep (il-bini tal-kapaċità fil-programmi ta' ħidma li ġejjin) jittieħdu mill-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi mal-Istati Membri biss,
- il-parti tal-programm ta' ħidma li tindirizza l-attivitajiet ta' bini tal-kapaċità tiġi adottata mill-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi mal-Istati Membri biss,
- l-għażla tad-Direttur Eżekuttiv mill-Bord ta' Tmexxija abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni,
- indipendenza tal-persunal,

- evalwazzjonijiet minn esperti indipendenti bbażati fuq kriterji ta' evalwazzjoni ppubblikati flimkien ma' mekkaniżmi ta' appell u dikjarazzjonijiet sħaħ ta' kwalunkwe interess,

- rekwiżit għall-Bord ta' Tmexxija li jadotta regoli għall-prevenzjoni, għall-evitar u għall-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess fl-Impriża Konġunta f'konformità mar-regoli finanzjarji tal-Impriża Konġunta u mar-Regolamenti tal-Persunal fir-rigward tal-persunal.

L-istabbiliment ta' valuri etiċi u organizzattivi se jkun wieħed mir-rwoli ewlenin tal-Impriża Konġunta, u se jiġi mmonitorjat mill-Kummissjoni.

Id-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta taċ-Ċipep, bħala Uffiċjal awtorizzanti, se jkun meħtieġ jintroduċi sistema kosteffikaċi ta' kontroll u ġestjoni interna. Dawn se jkunu meħtieġa jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar il-qafas ta' kontroll intern adottat.

Il-Kummissjoni se timmonitorja r-riskju ta' nuqqas ta' konformità permezz tas-sistema ta' rapportar li se tiżviluppa, kif ukoll billi ssegwi r-risultati tal-awditi *ex post* dwar ir-riċeventi tal-fondi tal-UE mill-Impriża Konġunta taċ-Ċipep, bħala parti mill-awditi *ex post* li jkopru Orizzont Ewropa kollu.

Hemm hteġa ċara li l-baġit jiġi ġestit b'mod effiċjenti u effikaċi, u li jiġu evitati l-frodi u l-ħela. Madankollu, is-sistema ta' kontroll għandha ssib bilanċ ġust bejn il-ksib ta' rata tal-errur aċċettabbli u l-piż ta' kontroll meħtieġ u tevita li tonqos l-attrazzjoni tal-programm ta' Riċerka tal-Unjoni.

2.2.3 *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”), u valutazzjoni tal-livelli mistennija ta' riskju tal-errur (waqt il-pagament u fl-għeluq)*

